REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/74

tat-13 ta' Jannar 2025

li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet tal-liżina li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Istati Membri,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Bidu

(1) Fit-23 ta' Mejju 2024, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet investigazzjoni anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-liżina li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-pajjiż ikkonċernat" jew "ir-RPĊ") fuq il-bażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("ir-Regolament bażiku"). Hija ppubblikat Notifika tal-Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]) ("in-Notifika tal-Bidu").

(2) Il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni wara lment ippreżentat fit-8 ta' April 2024 minn Metex Noovistago ([3]) ("l-ilmentatur"). L-ilment sar mill-industrija tal-Unjoni tal-liżina fis-sens tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. L-ilment kien fih evidenza ta' dumping u tad-dannu materjali li jirriżulta li kienet biżżejjed sabiex tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.

1.2. Reġistrazzjoni

(3) Il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat soġġetti għar-reġistrazzjoni permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2732 tal-24 ta' Ottubru 2024 ("ir-Regolament dwar ir-reġistrazzjoni") ([4]).

1.3. Partijiet interessati

(4) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni speċifikament infurmat lill-ilmentatur, lill-produtturi esportaturi magħrufa u lill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, lill-importaturi magħrufa, lin-negozjanti u lill-utenti , kif ukoll lill-assoċjazzjonijiet magħrufa li huma kkonċernati dwar il-bidu tal-investigazzjoni u stednithom jipparteċipaw.

(5) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jikkummentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni u li jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21. ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1036/oj.
([2]) Notifika tal-bidu ta' proċediment anti-dumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta'liżina li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (C/2024/3265) ĠU C serje 23.5.2024. ELI: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A52024XC03265.
([3]) Metex Noovistago nkisbet minn Group Avril u, fis-16 ta' Lulju 2024, biddlet l-isem ġuridiku tagħha għal Eurolysine.
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2732 tal-24 ta' Ottubru 2024 li jagħmel l-importazzjonijiet ta' liżina li toriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina soġġetti għar-reġistrazzjoni ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2732/oj.

1.4. **Kummenti dwar il-bidu**

(6) Wara l-bidu, il-Confederación Española de Fabricantes de Alimentos Compuestos para animales (“CESFAC” — il-konfederazzjoni Spanjola tal-produtturi tal-għalf tal-annimali), Andrés Pintaluba S.A. (importatur u distributur tal-liżina) u Vall Companys Group (utent tal-liżina u produttur tal-għalf tal-annimali rrappreżentat ukoll mis-CESFAC)affermaw li l-istatistika tal-importazzjoni tal-Eurostat taħt il-kodiċi NM 2922 41 00, ippreżentata fl-ilment, ma tippermettix eżami oġġettiv tal-fatturi ta’ dannu peress li huma bbażati fuq id-data tal-importazzjoni “kif irrapportata”, billi l-Eurostat ma jiddistingwix bejn it-tipi differenti ta’ liżina importati [l-idroklorur tal-liżina (“HCl”) u l-liżina likwida], li għandhom livelli ta’ konċentrazzjoni tal-amminoaċidu li jvarjaw. CESFAC, Pintaluba u Vall Companys affermaw li l-aggregazzjoni tat-tipi ta’ liżina b’konċentrazzjonijiet differenti b’mod sinifikanti għal kull unità ta’ kejl, mingħajr ebda aġġustament biex jinġiebu fl-istess livell, twassal għal distorsjonijiet fil-volum u fil-prezzijiet. Huma sostnew ukoll li l-elementi kollha tad-dannu li jiddependu fuq l-istatistika tal-importazzjoni (jiġifieri l-volum tal-importazzjoni, is-sehem tal-importazzjoni, il-konsum tal-Unjoni, id-data dwar is-sehem mis-suq) deskritti fl-ilment kienu bbażati fuq id-data “kif irrapportata” inadegwata u li Metex Noovistago ma ddivulgatx l-istatistika tal-importazzjoni “kif ikkoreġuta” fil-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment. CESFAC, Pintaluba u Vall Companys innotaw li r-rifjut tal-industrija tal-Unjoni li tiddivulga l-istatistika tal-importazzjoni “kif ikkoreġuta” dgħajjef id-dritt tad-difiża tagħhom f’dan il-proċediment u jikser l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku. Għal din ir-raġuni, huma talbu lill-Kummissjoni tipprovdi d-data “kif ikkoreġuta”, jew tal-anqas tiżvela sommarju komprensiv mhux kunfidenzjali tal-informazzjoni.

(7) L-ewwel nett, il-Kummissjoni qablet li tipi differenti ta’ liżina b’konċentrazzjonijiet li jvarjaw, mingħajr aġġustament li jqis dan, ma jippermettux valutazzjoni oġġettiva tal-konsum tal-Unjoni, tal-volum tal-liżina importat u tal-kalkolu tal-prezz. L-aġġustament tal-Kummissjoni tal-volumi u l-prezzijiet importati fl-investigazzjoni huwa stabbilit fil-premessa (234).

(8) Filwaqt li huwa minnu li xi statistika dwar l-importazzjoni fl-ilment hija bbażata fuq data “kif irrapportata” mill-Eurostat, il-Kummissjoni nnotat li l-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment fiha, fit-taqsima “Data tas-suq b’korrezzjoni għall-kontenut ta’ liżina”, ir-rata ta’ konverżjoni mil-liżina likwida għal-liżina HCl, u r-rata ta’ konverżjoni mis-sulfat tal-liżina għal liżina HCl. Sabiex tikseb il-valuri tal-importazzjoni għall-importazzjonijiet taħt NM 2922 41 00 espressi f’“ekwivalenti ta’ liżina HCL”, l-industrija tal-Unjoni applikat ir-rati ta’ konverżjoni msemmija hawn fuq. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li, peress li l-industrija tal-Unjoni żvelat data tal-Eurostat dwar l-importazzjoni disponibbli għall-pubbliku, il-fatturi ta’ konverżjoni korrispondenti li jaġġustaw il-liżina likwida u s-sulfat tal-liżina għal ekwivalenti ta’ HCl, u l-prezzijiet tal-importazzjoni kkonvertiti (il-punt 265 tal-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment), il-partijiet interessati kollha kellhom aċċess għad-data finali dwar l-importazzjoni “kif ikkoreġuta”. Għalhekk, il-pretensjonijiet saru irrilevanti.

(9) Wara l-bidu, il-Kamra tal-Kummerċ Ċiniża tal-Importaturi u l-Esportaturi tal-Metalli, tal-Minerali u tal-Kimiċi (“CCCMC”) ippreżentat ukoll kummenti relatati mal-ilment u mal-bidu tal-investigazzjoni.

(10) Is-CCCMC affermat li l-investigazzjoni tnediet fl-assenza ta’ evidenza ta’ dannu suffiċjenti u oġġettiva kif mitlub mill-Artikoli 5.3 tal-Ftehim dwar l-Anti-Dumping tad-WTO (“ADA”, Anti-Dumping Agreement) u l-Artikolu 5(2) tar-Regolament bażiku u li l-Kummissjoni naqset milli tirrieżamina kif xieraq l-informazzjoni fl-ilment kif meħtieġ mill-Artikolu 5(3) tar-Regolament bażiku.

(11) B’mod partikolari, is-CCCMC affermat li l-valutazzjoni tal-industrija tal-Unjoni dwar l-evoluzzjoni tal-volumi tas-sulfat tal-liżina hija bbażata fuq sempliċi suppożizzjonijiet u li l-allegazzjoni ta’ prezzijiet Ċiniżi baxxi hija bbażata fuq data mhux oġġettiva u skorretta. Il-pretensjoni hija bbażata fuq l-użu tad-data tal-Eurostat dwar l-importazzjoni mill-industrija tal-Unjoni, li min-natura tagħha mhijiex dettaljata biżżejjed biex tistma l-volumi, u mbagħad tapplika suppożizzjonijiet rigward il-proporzjonijiet tal-volumi differenti.

(12) Fil-bidu, il-Kummissjoni nnotat li hija wettqet l-eżami tagħha tal-ilment f’konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku u waslet għall-konklużjoni li r-rekwiżiti għall-bidu ta’ investigazzjoni kienu ssodisfati, jiġifieri li kien hemm raġunijiet biżżejjed sabiex tinbeda l-investigazzjoni.

(13) Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament bażiku, ilment għandu jinkludi tali informazzjoni li tkun disponibbli b'mod raġonevoli għall-industrija tal-Unjoni. L-istandard legali ta' evidenza meħtieġ għall-fini tal-bidu ta' investigazzjoni (evidenza "suffiċjenti") huwa differenti minn dak li huwa neċessarju għall-fini ta' determinazzjoni preliminari jew finali tal-eżistenza ta' dumping, ta' dannu jew ta' rabta ta' kawżalità. Għaldaqstant, evidenza li ma hijiex ta' kwantità jew ta' kwalità suffiċjenti sabiex tiġġustifika determinazzjoni preliminari jew finali ta' dumping, ta' dannu jew ta' kawżalità, xorta waħda tista' tkun biżżejjed sabiex tiġġustifika l-bidu ta' investigazzjoni. F'dan ir-rigward, is-CCCMC ma ssostanzjatx għalfejn il-proporzjon applikat mill-ilmentatur lid-data tal-Eurostat dwar l-importazzjonijiet ma kienx adegwat. Għalhekk, il-pretensjoni ma ntlaqgħetx.

(14) Is-CCCMC sosniet ukoll li l-Kummissjoni naqset milli teżamina u tikkunsidra l-isfidi magħrufa pubblikament tal-industrija tal-Unjoni biex takkwista materja prima u enerġija ewlenin fi kwantitajiet għall-produzzjoni bi prezzijiet kompetittivi, kif ukoll sejbiet xjentifiċi li x'aktarx jinterferixxu fl-għażliet tal-konsumatur u jibdlu x-xejra tal-konsum fl-UE.

(15) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni nnotat li l-pretensjoni tas-CCCMC tmur lil hinn mir-rekwiżiti tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament bażiku, peress li r-rwol tal-Kummissjoni fl-istadju tal-bidu huwa li teżamina l-akkuratezza u l-adegwatezza tal-evidenza pprovduta fl-ilment tal-Unjoni biex tiddetermina jekk kienx hemm biżżejjed evidenza biex tiġġustifika l-bidu. Is-CCCME naqset milli tispjega kif, l-allegati sfidi u sejbiet xjentifiċi jixħtu dubju fuq din il-konklużjoni. Għalhekk, il-pretensjoni tas-CCCMC ma ntlaqgħetx.

(16) Barra minn hekk, is-CCCMC affermat li d-drittijiet tad-difiża tagħha nkisru serjament minħabba li (i) il-verżjoni miftuħa tal-ilment ittrattat il-volumi tal-importazzjoni kif irrapportati mill-Eurostat mingħajr ma ddivulgat id-data "kif ikkoreġuta" bl-applikazzjoni tar-rati tal-konverżjoni, (ii) il-fatturi tad-dannu ma jippermettux fehim oġġettiv tad-data sottomessa b'mod kunfidenzjali, (iii) l-annessi pertinenti għall-prezzijiet tal-esportazzjoni ġew irrapportati bħala mhux suxxettibbli għas-sommarju tal-ammonti "kif ikkoreġuti", u (iv) il-biċċa l-kbira tas-sorsi ta' informazzjoni li fuqhom kien ibbażat l-ilment ma ġewx iddivulgati.

(17) Dwar il-pretensjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni nnotat li peress li l-industrija tal-Unjoni tikkonsisti fi produttur wieħed, huwa ġġustifikat li l-fatturi tad-dannu ngħataw f'firxiet u f'forma indiċizzata fl-ilment għall-preservazzjoni tan-natura ta' tali data. Il-volumi tal-importazzjonijiet tal-Eurostat "kif ikkoreġuti", l-indiċijiet u l-firxiet kienu jippermettu fehim tax-xejriet u l-livelli tad-data dwar id-diversi indiċijiet tad-dannu ppreżentati mill-applikant b'mod kunfidenzjali. Fir-rigward tan-nuqqas ta' divulgazzjoni tas-sorsi għall-konverżjoni, l-industrija tal-Unjoni pprovdiet id-data "kif ikkoreġuta" u spjegat is-sorsi ta' informazzjoni użati ([5]), għalhekk, din il-parti tal-pretensjoni saret irrilevanti. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-pretensjoni ma ntalqgħetx.

1.5. **Kampjunar**

(18) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li hija tista' tieħu kampjun tal-partijiet interessati f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

1.5.1. *Kampjunar tal-importaturi*

(19) Biex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-importaturi mhux relatati jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika tal-Bidu.

(20) Tliet importaturi mhux relatati pprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jkunu inklużi fil-kampjun. Minħabba n-numru żgħir ta' tweġibiet, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-kampjunar ma kienx meħtieġ.

1.5.2. *Kampjunament ta' produtturi esportaturi fir-RPĊ*

(21) Biex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ, u jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi kollha fir-RPĊ sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika tal-Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Unjoni Ewropea sabiex tidentifika u/jew tikkuntattja lil produtturi esportaturi oħrajn, jekk hemm, li jistgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

([5]) t24.009771, t24.009918.

(22) Sitt produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat ipprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. F'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' tnejn fuq il-bażi tal-akbar volum rappreżentattiv tal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li seta' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi magħrufa kollha kkonċernati, u l-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat, ġew ikkonsultati dwar l-għażla tal-kampjun.

(23) Il-produttur esportatur CJ (Liaocheng) Biotech Co., Ltd. ("CJ") argumenta li kampjun ta' żewġ gruppi kien tbiegħed mill-prattika stabbilita sew tal-Kummissjoni li tagħżel tliet produtturi esportaturi, u li l-inklużjoni tiegħu fil-kampjun tipprovdi benefiċċji peress li ma hemm l-ebda produttur bi sjieda barranija fil-kampjun proviżorju, u li ż-żieda tat-tielet grupp fil-kampjun tevita diffikultajiet bla bżonn jekk wieħed mill-kampjuni jinstab li ma jkunx qed jikkoopera fi stadju aktar tard. Il-Kummissjoni tinnota li l-kampjun oriġinarjament magħżul fl-4 ta' Ġunju 2024 kopra sehem sostanzjali tal-importazzjonijiet lejn l-Unjoni tal-prodott taħt investigazzjoni li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, inizjalment ivvalutat għal [67-77]%. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset li kampjun bħal dan seta' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. Il-Kummissjoni nnotat li kampjun ta' inqas minn tliet produtturi mhuwiex eċċezzjonali u li ma jistax jantiċipa rtirar possibbli mill-kooperazzjoni. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni fakkret li l-preżenza ta' kumpaniji bi sjieda barranija fil-kampjun mhijiex kriterju elenkat skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku. Konsegwentement, il-Kummissjoni ma laqgħetx il-pretensjoni ppreżentata minn CJ u kkonfermat il-kampjun magħżul fl-4 ta' Ġunju 2024.

1.6. **Eżami individwali**

(24) L-ebda produttur esportatur fir-RPĊ ma talab eżami individwali skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament bażiku.

1.7. **Tweġibiet għall-kwestjonarju u żjarat ta' verifika**

(25) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-produttur tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi fil-kampjun fir-RPĊ, u lill-importaturi li ppreżentaw ruħhom. Hija pprovdiet ukoll kwestjonarju lil utent li ppreżenta ruħu lill-Kummissjoni. L-istess kwestjonarji saru disponibbli online fil-jum tal-bidu.

(26) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku lill-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("GTĊ").

(27) Waslu tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand l-uniku produttur tal-Unjoni, iż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi fil-kampjun, tliet importaturi u utent wieħed. Ma waslet l-ebda tweġiba għall-kwestjonarju mill-GTĊ.

(28) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset meħtieġa għal determinazzjoni proviżorja ta' dumping, id-dannu li jirriżulta u l-interess tal-Unjoni. Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku saru fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

Produtturi tal-Unjoni

— Eurolysine SAS — Amiens, Franza

Importaturi

— Andrés Pintaluba S.A., Reus, Spanja

Utenti

— Vall Companys Group, Lleida, Spanja

Produtturi esportaturi fir-RPĊ u l-importaturi relatati tagħhom fl-Unjoni

— Heilongjiang Eppen Biotech Co.,Ltd ("Eppen")

  — Eppen Netherlands B.V. - Rotterdam, in-Netherlands

— Heilongjiang Eppen Biotech Co., Ltd. - Daqing, China

— Meihua Holdings Group Co. Ltd (“Meihua”):

— Jilin Meihua Amino Acid Co., Ltd. - Baicheng, China

— Meihua Holdings Group - Langfang, iċ-Ċina

1.8. **Perjodu ta’ investigazzjoni u perjodu kkunsidrat**

(29) L-investigazzjoni tad-dumping u tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2023 sal-31 ta’ Diċembru 2023 (“il-perjodu tal-investigazzjoni”). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2020 sa tmiem il-perjodu ta’ investigazzjoni (“il-perjodu kkunsidrat”).

2. **PRODOTT TAĦT INVESTIGAZZJONI, PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI**

2.1. **Prodott taħt investigazzjoni**

(30) Il-prodott taħt investigazzjoni huwa l-liżina u l-esteri tagħha, l-imluħa tagħha, u addittivi tal-għalf, li jikkonsistu f’bażi ta’ piż xott ta’ 68 % jew aktar, iżda mhux aktar minn 80 % ta’ sulfat ta’ L-liżina, u mhux aktar minn 32 % ta’ komponenti oħra bħal karboidrati u amminoaċidi oħra (“il-prodott taħt investigazzjoni”).

(31) In-numru tar-reġistru tal-Chemical Abstracts Service (CAS) għall-idroklorur tal-L-liżina huwa 657-27-2, għas-soluzzjoni milwiema tal-liżina 56-87-1, u għas-sulfat tal-lisina 60343-69-3 u 94195-18-3.

(32) Il-liżina hija amminoaċidu essenzjali, element kostitwenti għall-produzzjoni tal-proteini, li huwa meħtieġ għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali. Il-liżina tiġi prodotta bil-bijofermentazzjoni: it-trasformazzjoni tal-karboidrati f’amminoaċidi permezz tal-interazzjoni ta’ razez batteriċi. Il-liżina tintuża f’firxa wiesgħa ta’ applikazzjonijiet, pereżempju fis-suq tal-għalf, fil-farma u fl-ikel (suppliment djetetiku).

2.2. **Prodott ikkonċernat**

(33) Il-prodott ikkonċernat huwa l-prodott taħt investigazzjoni u li joriġina mir-RPĊ, li bħalissa jaqa’ taħt il-kodiċijiet NM ex 2309 90 31 u ex 2309 90 96 għas-sulfat tal-liżina, u taħt il-kodiċi NM 2922 41 00 għall-idroklorur tal-liżina u s-soluzzjoni milwiema tal-liżina (kodiċijiet TARIC 2309 90 31 41, 2309 90 31 49, 2309 90 96 41, 2309 90 96 49) (“il-prodott ikkonċernat”).

2.3. **Prodott simili**

(34) L-investigazzjoni wriet li l-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

— il-prodott ikkonċernat meta jiġi esportat lejn l-Unjoni;

— Il-prodott taħt investigazzjoni prodott u mibjugħ fis-suq domestiku tar-RPĊ; kif ukoll

— il-prodott taħt investigazzjoni prodott u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(35) F’dan l-istadju l-Kummissjoni ddeċidiet li, għaldaqstant, dawk il-prodotti huma prodotti simili fis-sens tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

2.4. **Pretensjoni marbuta mal-esklużjoni tal-prodott**

(36) Is-CCCMC affermat li l-kamp ta’ applikazzjoni tal-investigazzjoni jenħtieġ li jkun ristrett għall-idroklorur tal-liżina u ma jkoprix is-sulfat tal-liżina minħabba li dan tal-aħħar mhuwiex prodott mill-industrija tal-Unjoni. Is-CCCMC affermat li s-sulfat tal-liżina u l-idroklorur tal-liżina huma prodotti differenti bil-karatteristiċi u l-użu distinti proprji tagħhom.

(37) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni l-ewwel innotat li t-tliet forom kollha ta' liżina (HCl, likwidu u sulfat) kienu maħsuba li jkunu koperti mid-deskrizzjoni tal-prodott fil-premessi (30) sa (32). Il-Kummissjoni mbagħad innotat li l-investigazzjoni wriet li l-idroklorur tal-liżina u s-sulfat tal-liżina għandhom karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi essenzjali simili. Il-proċess tal-produzzjoni tat-tliet forom ta' liżina (HCl, likwidu u sulfat) huwa simili ħafna. Id-differenza ewlenija sseħħ fl-aħħar tal-proċess tal-manifattura skont jekk il-forma finali tal-liżina tkunx trab jew likwida. Bħala nutrijent, il-liżina tista' tingħieb f'forom differenti u dawn il-forom differenti qed jikkompetu ma' xulxin. Barra minn hekk, il-varjazzjonijiet fil-prodott taħt investigazzjoni, jiġifieri l-forma tal-liżina u l-kontenut tal-liżina fil-prodott, ma jbiddlux id-definizzjoni bażika tiegħu, il-karatteristiċi tiegħu, jew il-perċezzjoni li għandhom diversi partijiet tiegħu. Il-forom differenti ta' liżina għandhom l-istess funzjoni, jiġifieri li jipprovdu liżina diġestibbli ħafna lill-annimali u lill-bnedmin, jew fi prodotti farmaċewtiċi, jew fl-ikel (bħala suppliment djetetiku), jew inkella fl-għalf. Il-forma tal-liżina hija irrilevanti billi t-tliet forom kollha huma interkambjabbli peress li huma l-istess nutrijent. Dan ġie kkonfermat ukoll minn importatur tal-liżina tal-UE u minn utent fit-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju u fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom ([6]). Fl-aħħar nett, il-fatt li dan it-tip ta' prodott bħalissa mhuwiex manifatturat mill-industrija tal-Unjoni huwa irrilevanti fid-dawl tal-kompetizzjoni diretta bejn it-tliet tipi ta' prodotti ewlenin, kif spjegat hawn fuq.

(38) Għalhekk, din il-pretenzjoni ma ntlaqgħetx f'dan l-istadju tal-investigazzjoni.

3. **DUMPING**

3.1. **Proċedura għad-determinazzjoni tal-valur normali bis-saħħa tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku**

(39) Fid-dawl tal-evidenza suffiċjenti disponibbli fil-bidu tal-investigazzjoni li indikat l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku fir-rigward tar-RPĊ, il-Kummissjoni qieset li kien xieraq li tiftaħ l-investigazzjoni fir-rigward tal-produtturi esportaturi minn dan il-pajjiż b'kunsiderazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

(40) Konsegwentement, sabiex tiġbor id-data meħtieġa għall-applikazzjoni eventwali tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-produtturi esportaturi kollha fir-RPĊ biex jipprovdu informazzjoni rigward l-inputs użati għall-produzzjoni tal-liżina. Sitt produtturi esportaturi ppreżentaw l-informazzjoni rilevanti.

(41) Sabiex tikseb l-informazzjoni li qieset meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha fir-rigward tal-allegati distorsjonijiet sinifikanti, il-Kummissjoni baġtet kwestjonarju lill-GTĊ. Barra minn hekk, fil-punt 5.3.2 tan-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati kollha biex jesprimu l-fehmiet tagħhom, jippreżentaw informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tan-Notifika tal-Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Ma waslet l-ebda tweġiba għall-kwestjonarju mill-GTĊ. Sussegwentement, il-Kummissjoni informat lill-GTĊ li hija kienet se tuża l-fatti disponibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku biex tiddetermina l-eżistenza tad-distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ.

(42) Wara l-bidu, il-Kummissjoni rċeviet kummenti dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 2(6a) mis-CCCMC li huma indirizzati fit-taqsima 3.2.10 hawn taħt.

(43) Fil-punt 5.3.2 tan-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni speċifikat ukoll li, fid-dawl tal-evidenza disponibbli, jista' jkollha bżonn tagħżel pajjiż rappreżentattiv xieraq skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku għall-fini li tiddetermina l-valur normali abbażi ta' prezzijiet jew ta' valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni.

(44) Fit-28 ta' Ġunju 2024, il-Kummissjoni infurmat permezz ta' nota fil-fajl lill-partijiet interessati dwar is-sorsi rilevanti li kienet beħsiebha tuża għad-determinazzjoni tal-valur normali ("l-Ewwel Nota").

([6]) Numru ta' referenza TRON: t24.006315.

(45) F'din in-nota, il-Kummissjoni pprovdiet lista tal-fatturi kollha tal-produzzjoni bħall-materja prima, il-manodopera u l-enerġija użati fil-produzzjoni tal-liżina. Barra minn hekk, abbażi tal-kriterji li jiggwidaw l-għażla ta' prezzijiet jew valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni, il-Kummissjoni identifikat tliet pajjiżi rappreżentattivi possibbli, jiġifieri l-Brażil, il-Kolombja u t-Tajlandja. Minħabba n-nuqqas ta' data għall-produtturi tal-liżina fil-pajjiżi rappreżentattivi possibbli, il-Kummissjoni infurmat li kienet se tibbaża l-kalkoli tagħha fuq data rigward il-produzzjoni tal-aċidu ċitriku, prodott fl-istess settur bħal-liżina u bi proċess ta' produzzjoni simili. Il-Kummissjoni rċeviet kummenti dwar l-Ewwel Nota mill-ilmentatur, mill-produtturi esportaturi Heilongjiang Eppen Biotech Co., Ltd ("Eppen") u Meihua Holdings Group Co. Ltd ("Meihua") u mill-utenti Barentz Iberia S.L.U u Agri Nutrition B.V. Il-kummenti huma indirizzati fit-taqsimiet rilevanti ta' hawn taħt.

(46) Fil-31 ta' Ottubru 2024, il-Kummissjoni indirizzat il-kummenti li rċeviet mingħand il-partijiet interessati dwar l-Ewwel Nota permezz tat-Tieni Nota fil-fajl ("it-Tieni Nota") u infurmat lill-partijiet interessati dwar is-sorsi rilevanti li kien beħsiebha tuża għad-determinazzjoni tal-valur normali, bil-Kolombja bħala l-pajjiż rappreżentattiv. Infurmat ukoll lill-partijiet interessati li kienet se tistabbilixxi l-kostijiet tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi ("SG&A" selling, general and administrative) u l-profitti abbażi tal-informazzjoni disponibbli għall-kumpanija Sucroal S.A. (Sucroal), produttur fil-pajjiż rappreżentattiv.

(47) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti għat-Tieni Nota mill-ilmentatur u mill-produtturi esportaturi Eppen u Meihua li jirreferu għas-sorsi użati biex jiġu stabbiliti l-kostijiet mingħajr distorsjoni fil-pajjiż rappreżentattiv. Dawn il-kummenti ġew indirizzati taħt l-intestaturi rispettivi fit-Taqsima 3.4 hawn taħt. Barra minn hekk, Eppen tenniet il-pożizzjoni tagħha espressa fil-kummenti tagħha dwar l-Ewwel Nota li ma jeżistux distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-Artikolu 2 (6a) tar-Regolament bażiku u li għalhekk jenħtieġ li jintużaw il-kostijiet u l-prezzijiet domestiċi fl-investigazzjoni. Dawn il-kummenti huma indirizzati fit-Taqsima 3.2 hawn taħt.

(48) Wara li analizzat il-kummenti u l-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Kolombja kienet pajjiż rappreżentattiv xieraq li minnu jinkisbu prezzijiet u kostijiet mingħajr distorsjoni għad-determinazzjoni tal-valur normali. Ir-raġunijiet sottostanti għal dik l-għażla huma deskritti f'aktar dettall fit-Taqsima 3.3 hawn taħt.

3.2. **Valur normali**

(49) Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku, "il-valur normali għandu normalment ikun ibbażat fuq il-prezzijiet imħallsa jew pagabbli, fil-kors ordinarju tal-kummerċ, minn klijenti indipendenti fil-pajjiż esportatur".

(50) Madankollu, skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, *"[f]il-każ li jiġi determinat […] li mhuwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fil-pajjiż esportatur minħabba l-eżistenza f'dak il-pajjiż ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-punt (b), il-valur normali għandu jiġi kkalkolat esklużivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni"*, u *"għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti" ("kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali"* minn hawn 'il quddiem "SG&A"(administrative, selling and general costs)).

(51) Kif huwa spjegat aktar fid-dettall hawn taħt, f'din l-investigazzjoni l-Kummissjoni kkonkludiet li, abbażi tal-evidenza disponibbli u fid-dawl tan-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-GTĊ, l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku kienet xierqa.

3.2.1. *Eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti*

(52) L-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku jiddikjara li *"distorsjonijiet sinifikanti huma dawk id-distorsjonijiet li jseħħu meta l-prezzijiet jew il-kostijiet irrapportati, inklużi l-kostijiet tal-materja prima u tal-enerġija, ma jkunux ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles peress li jkunu affettwati minn intervent sostanzjali tal-gvern. Meta tkun valutata l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti għandha tingħata attenzjoni, fost oħrajn, lill-impatt potenzjali ta' element wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:*

— *is-suq inkwistjoni li huwa servut f'miżura sinifikanti minn intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, kontroll jew superviżjoni politika jew gwida tal-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur;*

— *il-preżenza tal-istat f'ditti li jippermettu lill-istat jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet jew kostijiet;*

— *politiki jew miżuri pubbliċi li jiddiskriminaw favur fornituri domestiċi jew li b'mod ieħor jinfluwenzaw il-forzi tas-suq ħieles;*

— *in-nuqqas, l-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadegwat tal-liġijiet fil-qasam tal-fallimenti, dak soċjetarju jew dak tal-proprjetà;*

— *il-kostijiet tal-pagi soġġetti għal distorsjoni;*

— *aċċess għal finanzjament mogħti minn istituzzjonijiet li jimplimentaw objettivi ta' politika pubblika jew li b'xi mod ieħor ma jaġixxux indipendentement mill-istat.*"

(53) Peress li l-lista fl-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku mhijiex kumulattiva, mhux l-elementi kollha jeħtieġ li jingħataw għal sejba ta' distorsjonijiet sinifikanti. Barra minn hekk, l-istess ċirkostanzi fattwali jistgħu jintużaw sabiex tintwera l-eżistenza ta' element wieħed jew aktar tal-lista.

(54) Madankollu, kwalunkwe konklużjoni dwar distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku trid issir fuq il-bażi tal-evidenza kollha disponibbli. Il-valutazzjoni ġenerali dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet tista' tqis ukoll il-kuntest ġenerali u s-sitwazzjoni fil-pajjiż esportatur, b'mod partikolari fejn l-elementi fundamentali tal-istruttura ekonomika u amministrattiva tal-pajjiż esportatur jipprovdu lill-gvern b'setgħat sostanzjali biex jintervjeni fl-ekonomija b'tali mod li l-prezzijiet u l-kostijiet ma jkunux ir-riżultat tal-iżvilupp ħieles tal-forzi tas-suq.

(55) L-Artikolu 2(6a)(c) tar-Regolament bażiku jipprevedi li "*[f]ejn il-Kummissjoni jkollha indikazzjonijiet ġustifikati sew tal-eżistenza potenzjali ta' distorsjonijiet sinifikanti kif imsemmija fil-punt (b) f'ċertu pajjiż jew f'ċertu settur f'dak il-pajjiż, u fejn ikun xieraq għall-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tipproduċi, tippubblika u taġġorna regolarment rapport li jiddeskrivi ċ-ċirkostanzi tas-suq imsemmija fil-punt (b) f'dak il-pajjiż jew settur*".

(56) Skont din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni ħarġet rapport tal-pajjiż dwar iċ-Ċina ("*ir-Rapport*") ([7]), li fih evidenza tal-eżistenza ta' intervent sostanzjali tal-gvern f'ħafna livelli tal-ekonomija, inklużi distorsjonijiet speċifiċi f'ħafna fatturi ewlenin tal-produzzjoni (bħall-art, l-enerġija, il-kapital, il-materja prima u l-manodopera) kif ukoll setturi magħżula (bħas-settur kimiku). Il-partijiet interessati kienu mistiedna jikkontestaw, jikkummentaw jew jissupplimentaw l-evidenza li kienet tinsab fil-fajl tal-investigazzjoni fiż-żmien tal-bidu. Ir-Rapport tqiegħed fil-fajl tal-investigazzjoni fl-istadju inizjali.

(57) L-industrija tal-Unjoni saħqet li l-prezzijiet jew il-kostijiet tal-prodott taħt investigazzjoni, inklużi l-kostijiet tal-materja prima, tal-enerġija u tal-manodopera, mhumiex ir-riżultat tal-forzi tas-suq ħieles minħabba li dawn huma affettwati minn intervent sostanzjali min-naħa tal-gvern fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku u li għalhekk, b'konsegwenza ta' dan, ma jkunx xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi għall-istabbiliment ta' valur normali.

([7]) Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distorsjonijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Finijiet tal-Investigazzjonijiet għad-Difiża tal-Kummerċ, l-20 ta' Diċembru 2017, (SWD(2017) 483 final/2.

(58) Biex tappoġġa din il-pożizzjoni, l-industrija tal-Unjoni rreferiet għall-evidenza fir-Rapport ([8]), għal sejbiet f'bosta investigazzjonijiet reċenti tal-Kummissjoni - jiġifieri dawk li jikkonċernaw il-glukonat tas-sodju ([9]), l-alkoħol poliviniliku ([10]), l-aċidu sulfaniliku ([11]), l-aċidu ċitriku ([12]) u l-glutamat tal-monosodju ([13])-, kif ukoll il-konklużjonijiet tal-awtorità tal-kummerċ tal-Istati Uniti dwar l-aċidu ċitriku u l-glukonat tas-sodju. Hija rreferiet ukoll għad-determinazzjonijiet tal-Istati Uniti rigward il-prezzijiet u l-kostijiet fiċ-Ċina filwaqt li enfasizzat fatturi bħad-duttrina soċjalista tal-ekonomija tas-suq, ir-rwol ewlieni tal-Partit Komunista taċ-Ċina ("*CCP*" jew "*Partit*") u l-politika ekonomika intervenzjonista tal-istat Ċiniż.

(59) Barra minn hekk, filwaqt li fakkret li l-produtturi fl-investigazzjonijiet tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq huma l-istess bħal dawk fis-settur tal-liżina, l-industrija tal-Unjoni ġibdet l-attenzjoni dwar l-elementi li ġejjin li jindikaw l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti.

(60) L-ewwel nett, is-settur kimiku, inkluż is-sottosettur tal-liżina, qed jiġi servut b'mod sinifikanti minn intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, il-kontroll jew is-superviżjoni politika jew il-gwida tal-awtoritajiet tal-istat:

— Kif stabbilit fl-investigazzjoni tal-glukonat tas-sodju, fis-settur kimiku kien jippersisti grad sostanzjali ta' sjieda u ta' kontroll min-naħa tal-GTĊ, b'għadd ta' intrapriżi, anki jekk mhux kompletament proprjetà tal-istat, li nstabu li kellhom proporzjon importanti ta' parteċipazzjoni azzjonarja diretta u indiretta mill-istat.

— Bl-istess mod, l-investigazzjoni tal-aċidu sulfaniliku wriet li s-CCP kellu rwol prominenti fl-operazzjonijiet u fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' diversi produtturi esportaturi Ċiniżi ta' dak il-prodott.

(61) It-tieni, il-preżenza tal-istat fil-kumpaniji tal-liżina tippermetti wkoll lill-awtoritajiet jinterferixxu fil-prezzijiet u/jew fil-kostijiet:

— Skont il-liġi tar-RPĊ dwar il-kumpaniji, għandha tiġi stabbilita organizzazzjoni tas-CCP f'kull kumpanija b'mill-inqas tliet membri tas-CCP kif speċifikat fil-Kostituzzjoni tas-CCP ([14]) u l-kumpanija għandha tipprovdi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni tal-Partit. Dawn ir-regoli huma applikabbli wkoll għall-produtturi tal-liżina u għall-fornituri tal-inputs tagħhom.

— Kif stabbilit fl-investigazzjoni dwar il-glutamat tal-monosodju, fil-każ ta' Meihua Group, wieħed mill-produtturi tal-liżina, erbgħa mill-membri tal-Bord ġew elenkati bħala membri tas-CCP fl-2022, fosthom il-Viċi Direttur u d-Direttur tal-Finanzi. Barra minn hekk, f'dik l-investigazzjoni, il-Kummissjoni sabet ukoll evidenza tal-attivitajiet ta' bini tal-Partiti ta' Meihua u tal-influwenza tas-CCP fuq l-operazzjonijiet tal-kumpanija. B'żieda ma' dan, l-awtoritajiet lokali appoġġaw il-kostruzzjoni tal-impjant tal-liżina ta' Meihua li beda l-produzzjoni tiegħu fit-2021 f'Jilin. Skont l-ilment, huwa għandu kapaċità ta' produzzjoni ta' 500 tunnellata ta' sulfat tal-liżina kuljum.

([8]) B'referenza wkoll għall-verżjoni aġġornata tar-Rapport, ippubblikata fl-2024 (ara hawn taħt).

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/752 tat-12 ta' April 2023 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-glukonat tas-sodju li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/752/oj.

([10]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (EU) 2020/1336 tal-25 ta' Settembru 2020 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti alkoħols tal-polivinil li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/1336/oj.

([11]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/441 tal-11 ta' Marzu 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu sulfaniliku li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/441/oj.

([12]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/607 tal-14 ta' April 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu ċitriku li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina kif estiż għall-importazzjonijiet tal-aċidu ċitriku kkonsenjati mill-Malażja, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw mill-Malażja kif ukoll jekk le, wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/607/oj.

([13]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/633 tal-14 ta' April 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-glutamat tal-monosodju li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Indonežja wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/633/oj.

([14]) Ir-Rapport, p. 26.

— Fil-każ ta' Ningxia Eppen Biotech Co., Ltd., fl-investigazzjoni dwar il-glutamat tal-monosodju, il-Kummissjoni sabet li l-President tal-kumpanija serva bħala rappreżentant għat-12-il Kungress tal-Poplu tar-Reġjun Awtonomu ta' Ningxia Hui, mill-inqas sa Lulju 2020. Barra minn hekk, il-Federazzjoni tal-Industrija u l-Kummerċ ta' Ningxia enfasizzat l-involviment tas-CCP fl-operazzjonijiet tal-kumpanija, filwaqt li ddikjarat li s-Segretarju tal-Kumitat tal-Partit u l-mexxejja rilevanti tal-Organizzazzjoni tal-Partit huma meħtieġa jipparteċipaw f'laqgħat ewlenin u jikkomunikaw deċiżjonijiet lill-membri tal-Partit u lill-partijiet ikkonċernati. Addizzjonalment, Guangxin Group li għandu 99,22 % ta' Ningxia Eppen Biotech Co., Ltd., huwa proprjetà sħiħa tal-Gvern Provinċjali ta' Guangdong iffokat fuq l-iżvilupp ta' materjali ġodda ([15]).

— Fir-rigward ta' Fufeng Group, produttur ieħor tal-liżina, rappreżentanti tal-Kungress tal-Istati Uniti jaffermaw li l-grupp għandu rabtiet mill-qrib mas-CCP ([16]). Fl-investigazzjoni dwar il-glutamat tal-monosodju, il-Kummissjoni sabet li Fufeng mhux biss kellha l-appoġġ tal-membri tas-CCP u tal-awtoritajiet pubbliċi lokali iżda li dawn tal-aħħar ikkoordinaw kwistjonijiet ta' interess għall-kumpanija ([17]).

— Barra minn hekk, il-President u l-Maniġer Ġenerali ta' Yufeng Industrial Group, produttur ieħor tal-liżina, ilu membru tas-CCP mill-1994 u l-preżenza online tal-grupp fiha wkoll taqsimiet iddedikati għall-membri tas-CCP u attivitajiet relatati ([18]).

— L-investigazzjoni tal-glukonat tas-sodju wriet li l-GTĊ kien f'pożizzjoni li jinterferixxi mal-prezzijiet u l-kostijiet fis-settur kimiku permezz ta' konnessjonijiet personali bejn il-produtturi esportaturi u s-CCP, fil-livell tal-intrapriżi tal-manifattura, tal-produtturi tal-materja prima, kif ukoll tal-assoċjazzjonijiet tal-industrija.

— Barra minn hekk, peress li l-biċċa l-kbira tal-produtturi tal-liżina huma probabbilment membri taċ-China Food Additive and Ingredients Association u huma jew il-forniturі tagħhom huma membri taċ-China Starch Industry Association ("*CSIA*"), iridu jsegwu t-tmexxija ġenerali tas-CCP u jorganizzaw attivitajiet tal-Partit fil-kumpaniji tagħhom.

(62) It-tielet, il-GTĊ isegwi politiki jew miżuri pubbliċi li jiddiskriminaw favur fornituri domestiċi jew li b'xi mod ieħor jinfluwenzaw il-forzi tas-suq ħieles:

— Is-sistema tal-allokazzjoni tar-riżorsi taċ-Ċina tagħti prijorità lis-setturi meqjusa strateġiċi jew politikament ([19]) sinifikanti mill-gvern, aktar milli tiddependi fuq il-forzi tas-suq. L-industrija tal-kimika, inkluża l-produzzjoni tal-liżina, hija rikonoxxuta bħala importanti, kif evidenzjat minn bosta pjanijiet u direttivi tal-gvern f'diversi livelli amministrattivi. Il-produzzjoni tal-liżina hija speċifikament influwenzata minn politiki relatati mal-ipproċessar fil-fond tal-qamħirrum, kif deskritt fit-13-il FYP dwar l-Ipproċessar taċ-Ċereali u taż-Żejt. Il-pjan irriżulta, fost l-oħrajn, f'kapaċità żejda u żieda fl-esportazzjonijiet.

— Barra minn hekk, fir-rigward tal-inputs, fl-investigazzjoni dwar il-glutamat tal-monosodju ([20]), il-Kummissjoni sabet li s-settur tal-qamħirrum fiċ-Ċina huwa rregolat ħafna, bil-gvern iżomm ħażniet sinifikanti li jippermettu l-manipulazzjoni tal-prezzijiet tas-suq permezz ta' xiri u bejgħ strateġiku. Minkejja l-isforzi biex jiġu indirizzati riżervi eċċessivi mill-2016, dawn il-ħażniet ikomplu jgħawġu l-prezzijiet. Il-gvern jissorvelja l-aspetti kollha tal-katina tal-valur tal-qamħirrum, inklużi s-sussidji għall-produzzjoni u l-operazzjonijiet ta' pproċessar, kif indikat mid-direttivi tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp u r-Riforma mmirati lejn l-iżgurar tas-sikurezza alimentari u l-ibbilanċjar tal-provvista u d-domanda. Barra minn hekk, l-investiment fi proġetti ta' pproċessar profond tal-qamħirrum huwa soġġett għal ġestjoni regolatorja stretta skont id-Digriet Nru 673 tal-Kunsill tal-Istat ([21]).

([15]) Ara: http://www.cnchemicals.com/Press/91652-Star%20Lake%20Bioscience%20to%20acquire%20Eppen%20Biotechs%2099.22%20percent%20equity.html; hawnhekk l-Anness 11 (aċċessat fil-21 ta' Ottubru 2024).

([16]) Ara: https://thehill.com/policy/defense/3662967-lawmakers-raise-concerns-about-chinese-based-firms-acquisition-of-land-near-us-military-installation/; hawnhekk l-Anness 12 (aċċessat fil-21 ta' Ottubru 2024).

([17]) Ara r-Regolament 2021/633, il-premessa 62.

([18]) Ara: http://en.yufengholding.cn/news/11.html http://en.yufengholding.cn/product/14/#c_portalResProduct_list-1606204154882215 8-2; hawnhekk l-Anness 14 (aċċessat fil-21 ta' Ottubru 2024).

([19]) Ara r-Regolament 2023/752, il-premessi 51 u 52.

([20]) Ara r-Regolament 2021/633, il-premessa 76.

([21]) Ibid., il-premessa 77.

— Il-politiki tal-Istat fiċ-Ċina jinfluwenzaw b'mod sinifikanti s-settur tal-qamħirrum kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak provinċjali, kif muri mill-Opinjoni Gwida ta' Heilongjiang 2017 dwar l-Arranġament tal-Iżvilupp tal-Industrija tal-Ipproċessar Profond tal-Qamħirrum ([22]). Dan id-dokument jinkoraġġixxi l-istabbiliment ta' operazzjonijiet fuq skala kbira u jipprevedi finanzjament mill-Istat għal intrapriżi eliġibbli, li min-naħa tiegħu juri interferenza kontinwa mill-gvern, allinjata mal-objettivi tal-14-il FYP nazzjonali.

— Il-Kummissjoni identifikat ukoll interferenza sinifikanti mill-Istat fis-settur tal-ammonijaka, materja prima ewlenija għall-produzzjoni tal-glutamat tal-monosodju, kif deskritt fit-13-il FYP taċ-Ċina għall-Industrija Petrokimika u Kimika, li tistabbilixxi miri annwali tal-produzzjoni tal-ammonijaka li jaqbżu l-1 miljun tunnellata. Il-politiki lokali, bħal dawk f'Hebei ([23]), jappoġġaw aktar din l-inizjattiva, b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp ta' faċilitajiet kbar tal-ammonijaka u l-ipprezzar preferenzjali tal-elettriku f'reġjuni bħal Chongqing u Zhejiang ([24]). Tali involviment tal-gvern tul il-katina tal-valur kollha tal-liżina għandu l-potenzjal li jgħawweġ il-prezzijiet tas-suq.

— Fl-investigazzjoni tal-glukonat tas-sodju, l-industrija nstabet li kienet soġġetta għal diversi pjanijiet, direttivi u dokumenti oħra ffukati fuq is-sustanzi kimiċi, inklużi l-addittivi tal-ikel, li nħarġu fil-livell nazzjonali, reġjonali u muniċipali, bħal pereżempju l-14-il FYP. Il-miri teknoloġiċi ta' din tal-aħħar ġew definiti ulterjorment fl-14-il FYP dwar l-Iżvilupp tal-Industrija tal-Materja Prima.

(63) Ir-raba', bħal fi kwalunkwe settur ieħor fl-ekonomija Ċiniża, is-settur tas-sustanzi kimiċi huwa soġġett għad-distorsjonijiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadegwat tar-regoli Ċiniżi dwar il-falliment, il-kumpaniji u l-proprjetà.

— B'referenza għar-Rapport u l-investigazzjonijiet reċenti tal-Kummissjoni, l-industrija tal-Unjoni indikat li l-produtturi tal-liżina huma affettwati minn distorsjonijiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni diskriminatorja tal-leġiżlazzjoni rilevanti, b'mod partikolari fir-rigward tal-insolvenza u l-allokazzjoni tad-drittijiet tal-użu tal-art.

(64) Il-ħames, il-kostijiet tal-pagi huma distorti fis-settur kimiku wkoll:

— B'referenza għar-Rapport, l-industrija tal-Unjoni indikat restrizzjonijiet fuq l-organizzazzjoni kollettiva, in-nuqqas ta' ratifika tal-konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol ("*ILO*"), il-preżenza ta' trade unions ikkontrollati mill-Istat u s-sistema ta' reġistrazzjoni tal-unitajiet domestiċi.

— L-investigazzjoni tal-glukonat tas-sodju kkonkludiet li s-settur kien affettwat, kemm direttament kif ukoll indirettament, minn distorsjonijiet tal-kostijiet tal-pagi ([25]).

(65) Is-sitt, il-produtturi tal-liżina għandhom aċċess għall-finanzi mogħtija minn istituzzjonijiet li jimplimentaw objettivi ta' politika pubblika jew li b'xi mod ieħor ma jaġixxux indipendentement mill-istat:

— Ir-Rapport wera li l-għoti ta' aċċess għall-finanzjament mill-banek tal-Istat, ir-regolamenti fis-seħħ u l-klassifikazzjonijiet tal-bonds kif ukoll il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu fiċ-Ċina spiss ikunu distorti. Dawk id-distorsjonijiet huma kkawżati minn fenomeni bħal valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja bbażata fuq l-importanza strateġika ta' ditta għall-gvern, garanziji impliċiti eċċ.

— Barra minn hekk, il-kostijiet tat-teħid b'self inżammu baxxi b'mod artifiċjali biex jistimulaw it-tkabbir tal-investiment, li wassal għall-użu eċċessiv tal-investiment kapitali b'redditi dejjem aktar baxxi fuq l-investiment.

— Barra minn hekk, il-gvern irriporta d-dejn, ħoloq kumpaniji "żombi" u ttrasferixxa s-sjieda tad-dejn permezz ta' fużjonijiet kif ukoll skambji ta' dejn ma' ekwità, mingħajr ma indirizza l-kwistjonijiet sottostanti tad-dejn.

— L-investigazzjoni tal-glukonat tas-sodju kkonkludiet li l-intervent sostanzjali tal-gvern fis-sistema finanzjarja kien wassal biex il-kundizzjonijiet tas-suq jiġu affettwati b'mod sever fil-livelli kollha.

([22]) Ibid., il-premessa 78.
([23]) Ir-Rapport, p. 69.
([24]) Ir-Rapport, p. 223.
([25]) Ara r-Regolament 2023/752, il-premessa 65.

(66) L-industrija tal-Unjoni iddikjarat ukoll li d-distorsjonijiet imsemmija hawn fuq huma sistemiċi. L-interventi mill-istat jinstabu fil-pajjiż kollu u fis-setturi kollha tal-ekonomija, fir-rigward tal-allokazzjoni tal-kapital, l-art, il-manodopera, l-enerġija u l-materja prima, fost l-oħrajn. L-investigazzjoni tal-glukonat tas-sodju wriet li, meta l-produtturi jixtru jew jikkuntrattaw għall-inputs, il-prezzijiet imħallsa u rreġistrati bħala kostijiet huma esposti għad-distorsjonijiet sistemiċi deskritti hawn fuq. Pereżempju, il-fornituri tal-inputs jużaw manodopera li hija soġġetta għad-distorsjonijiet, jissellfu flus li huma soġġetti għad-distorsjonijiet fis-settur finanzjarju/l-allokazzjoni tal-kapital u huma soġġetti għas-sistema tal-ippjanar li tapplika fil-livelli kollha tal-gvern u tas-setturi.

(67) Bħala konklużjoni, l-industrija tal-Unjoni argumentat li fis-settur tal-liżina hemm preżenti distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2 (6a) tar-Regolament bażiku.

(68) Il-Kummissjoni eżaminat jekk kienx xieraq jew le li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fiċ-Ċina, minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-punt (b) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni għamlet dan fuq il-bażi tal-evidenza disponibbli fil-fajl. L-evidenza fil-fajl kienet tinkludi l-evidenza li tinsab fir-Rapport, kif ukoll fil-verżjoni aġġornata tiegħu ("*Rapport aġġornat*") ([26]), li tiddependi fuq sorsi pubblikament disponibbli.

(69) Dik l-analiżi kopriet l-eżami tal-interventi sostanzjali tal-gvern fl-ekonomija taċ-Ċina b'mod ġenerali, iżda anki s-sitwazzjoni speċifika tas-suq fis-settur rilevanti, inkluż il-prodott ikkonċernat. Il-Kummissjoni kompliet tissupplimenta dawn l-elementi evidenzjarji bir-riċerka tagħha stess dwar id-diversi kriterji rilevanti sabiex tikkonferma l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fiċ-Ċina.

3.2.2. *Distorsjonijiet sinifikanti li jaffettwaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fiċ-Ċina*

(70) Is-sistema ekonomika Ċiniża hija bbażata fuq il-kunċett ta' "ekonomija tas-suq soċjalista". Dak il-kunċett huwa minqux fil-Kostituzzjoni Ċiniża u jiddetermina l-governanza ekonomika taċ-Ċina. Il-prinċipju ewlieni huwa s-"*sjieda pubblika soċjalista tal-mezzi tal-produzzjoni, jiġifieri s-sjieda mill-poplu kollu u s-sjieda kollettiva mill-ħaddiema*" ([27]).

(71) L-ekonomija tal-Istat hija l-"*forza ewlenija fl-ekonomija nazzjonali*" u l-istat għandu l-mandat li jiżgura l-"*konsolidazzjoni u t-tkabbir*" tagħha ([28]). Konsegwentement, l-istruttura kumplessiva tal-ekonomija Ċiniża mhux biss tippermetti interventi sostanzjali tal-gvern fl-ekonomija, iżda dawn l-interventi huma obbligatorji b'mod espliċitu. Il-kunċett ta' supremazija tas-sjieda pubblika fuq dik privata huwa mifrux fis-sistema legali kollha kemm hi u huwa enfasizzat bħala prinċipju ġenerali fl-atti leġiżlattivi prinċipali kollha.

(72) Il-liġi tal-proprjetà Ċiniża hija eżempju ewlieni: din tirreferi għall-istadju primarju tas-soċjaliżmu u tafda lill-Istat bil-ħarsien tas-sistema ekonomika bażika li permezz tagħha s-sjieda pubblika għandha rwol dominanti. Forom oħrajn ta' sjieda huma tollerati, fejn il-liġi tippermettilhom jiżviluppaw spalla ma' spalla mas-sjieda tal-Istat ([29]).

(73) Barra minn hekk, skont il-liġi Ċiniża, l-ekonomija tas-suq soċjalista tiġi żviluppata taħt it-tmexxija tas-CCP. L-istrutturi tal-Istat Ċiniż u tas-CCP huma marbuta ma' xulxin f'kull livell (legali, istituzzjonali, personali), u jifformaw sovrastruttura fejn ma ssirx distinzjoni bejn ir-rwoli tas-CCP u tal-Istat.

(74) Wara emenda tal-Kostituzzjoni Ċiniża f'Marzu 2018, ir-rwol ewlieni tas-CCP ingħata prominenza saħansitra akbar billi ġie affermat mill-ġdid fit-test tal-Artikolu 1 tal-Kostituzzjoni.

([26]) Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distorsjonijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Finijiet tal-Investigazzjonijiet għad-Difiża tal-Kummerċ, l-10 ta' April 2024, SWD (2024) 91 final.
([27]) Rapport Aġġornat – il-Kapitolu 2, p. 7.
([28]) Rapport Aġġornat – il-Kapitolu 2, p. 7-8.
([29]) Rapport Aġġornat – Kapitolu 2, p. 10, 18.

(75) Wara l-ewwel sentenza diġà eżistenti tad-dispożizzjoni: "*[i]s-sistema soċjalista hija s-sistema bażika tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina*" iddaħħlet it-tieni sentenza ġdida li taqra: "[i]l-karatteristika li tiddefinixxi s-soċjaliżmu b'karatteristiċi Ċiniżi hija t-tmexxija tal-Partit Komunista taċ-Ċina" ([30]). Dan juri l-kontroll mhux iddubitat u dejjem jikber tas-CCP fuq is-sistema ekonomika taċ-Ċina.

(76) Din it-tmexxija u dan il-kontroll huma inerenti għas-sistema Ċiniża u jmorru ferm lil hinn mis-sitwazzjoni abitwali f'pajjiżi oħrajn fejn il-gvernijiet jeżerċitaw kontroll makroekonomiku ġenerali li fih joperaw il-forzi tas-suq ħieles.

(77) L-Istat Ċiniż iħaddem politika ekonomika intervenzjonista biex jilħaq għanijiet li jikkoinċidu mal-aġenda politika stabbilita mis-CCP minflok ma jkunu jirriflettu l-kundizzjonijiet ekonomiċi prevalenti f'suq ħieles ([31]). L-għodod ekonomiċi intervenzjonisti użati mill-awtoritajiet Ċiniżi huma diversi, inkluża s-sistema tal-ippjanar industrijali, is-sistema finanzjarja, kif ukoll fil-livell tal-ambjent regolatorju.

(78) L-ewwel nett, fil-livell tal-kontroll amministrattiv kumplessiv, id-direzzjoni tal-ekonomija Ċiniżi hija rregolata minn sistema kumplessa ta' ppjanar industrijali li taffettwa l-attivitajiet ekonomiċi kollha fil-pajjiż. Dawn il-pjanijiet kollha jkopru matriċi komprensiva u kumplessa ta' setturi u ta' politiki trażversali u huma preżenti fil-livelli kollha tal-gvern.

(79) Il-pjanijiet fil-livell provinċjali huma spjegati fid-dettall, filwaqt li l-pjanijiet nazzjonali jistabbilixxu miri usa'. Il-pjanijiet jispeċifikaw ukoll il-mezzi sabiex jiġu appoġġati l-industriji/is-setturi rilevanti, kif ukoll il-perjodi ta' żmien li fihom jeħtieġ li jintlaħqu l-objettivi. Xi pjanijiet għadhom jinkludu miri tal-output espliċiti.

(80) Skont il-pjanijiet, qegħdin jiġu identifikati setturi u/jew proġetti industrijali individwali bħala prijoritajiet (pożittivi jew negattivi) f'konformità mal-prijoritajiet tal-gvern, u qegħdin jiġu attribwiti lilhom għanijiet ta' żvilupp speċifiċi (titjib industrijali, espansjoni internazzjonali, eċċ.).

(81) L-operaturi ekonomiċi, privati u dawk tal-Istat kollha kemm huma, iridu jaġġustaw b'mod effettiv l-attivitajiet kummerċjali tagħhom skont ir-realtajiet imposti mis-sistema tal-ippjanar. Dan ma huwiex biss minħabba n-natura vinkolanti tal-pjanijiet iżda anke minħabba l-fatt li l-awtoritajiet Ċiniżi rilevanti fil-livelli kollha tal-gvern jaderixxu mas-sistema ta' pjanijiet u jużaw is-setgħat mogħtija lilhom skont kif ikun meħtieġ, u b'hekk jisfurzaw lill-operaturi ekonomiċi jikkonformaw mal-prijoritajiet stabbiliti fil-pjanijiet ([32]).

(82) It-tieni, fil-livell tal-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji, is-sistema finanzjarja taċ-Ċina hija ddominata mill-banek kummerċjali u ta' politika tal-Istat. Dawk il-banek, meta jkunu qed jistabbilixxu u jimplimentaw il-politika tas-self tagħhom, iridu jallinjaw lilhom infushom mal-objettivi ta' politika industrijali tal-gvern minflok ma jivvalutaw primarjament il-merti ekonomiċi ta' proġett partikolari ([33]).

(83) L-istess japplika għall-komponenti l-oħra tas-sistema finanzjarja Ċiniża, bħas-swieq tal-istokkijiet, is-swieq tal-bonds, is-swieq tal-ekwità privata eċċ. Barra minn hekk, dawn il-partijiet tas-settur finanzjarju huma istituzzjonalment u operazzjonalment stabbiliti b'mod li ma humiex intenzjonati biex jimmassimizzaw il-funzjonament effiċjenti tas-swieq finanzjarji, iżda biex jiżguraw il-kontroll u jippermettu l-intervent mill-Istat u mis-CCP ([34]).

(84) It-tielet, fil-livell tal-ambjent regolatorju, l-interventi mill-Istat fl-ekonomija jieħdu numru ta' forom. Pereżempju, ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku jintużaw regolarment biex jintlaħqu għanijiet ta' politika ħlief l-effiċjenza ekonomika, biex b'hekk jimminaw il-prinċipji bbażati fuq is-suq fil-qasam. Il-leġiżlazzjoni applikabbli tipprevedi b'mod speċifiku li l-akkwist pubbliku għandu jsir sabiex jiġi ffaċilitat l-ilħuq tal-għanijiet imfassla mill-politiki tal-Istat. Madankollu, in-natura ta' dawn l-għanijiet għadha mhijiex definita, u b'hekk tħalli marġni wiesa' ta' apprezzament għall-korpi responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet ([35]).

([30]) Ara: http://www.npc.gov.cn/zgrdw/englishnpc/Constitution/node_2825.html (aċċessat fil-21 ta' Ottubru 2024).
([31]) Rapport Aġġornat – il-Kapitolu 2, p. 29-30.
([32]) Rapport Aġġornat – Kapitolu 4, p. 57, 92.
([33]) Rapport Aġġornat – il-Kapitolu 6, p. 149-150.
([34]) Rapport Aġġornat – il-Kapitolu 6, p. 153 -171.
([35]) Rapport Aġġornat – il-Kapitolu 7, p. 204-205.

(85) B'mod simili, fil-qasam tal-investiment, il-GTĊ iżomm kontroll u influwenza sinifikanti fuq id-destinazzjoni u d-daqs kemm tal-investiment tal-Istat kif ukoll ta' dak privat. L-iskrinjar tal-investiment, kif ukoll diversi inċentivi, restrizzjonijiet, u projbizzjonijiet relatati mal-investiment jintużaw mill-awtoritajiet bħala għodda importanti biex jiġu appoġġati għanijiet ta' politika industrijali, bħaż-żamma tal-kontroll tal-istat fuq setturi ewlenin jew it-tisħiħ tal-industrija domestika ([36]).

(86) Fil-qosor, il-mudell ekonomiku Ċiniż huwa bbażat fuq ċerti assjomi bażiċi, li jipprevedu u jħeġġu diversi interventi tal-gvern. Dawn l-interventi sostanzjali tal-gvern huma f'kunflitt mal-azzjoni libera tal-forzi tas-suq, li jirriżulta f'distorsjoni tal-allokazzjoni effettiva tar-riżorsi f'konformità mal-prinċipji tas-suq ([37]).

3.2.3. *Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku: is-suq inkwistjoni li sa ċertu punt sinifikanti qed jiġi moqdi minn intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, il-kontroll jew is-superviżjoni ta' politika jew il-gwida tal-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur*

(87) Fiċ-Ċina, l-intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, il-kontroll u/jew is-superviżjoni politika jew il-gwida tal-Istat jirrappreżentaw parti essenzjali mill-ekonomija.

(88) Is-settur tal-prodott ikkonċernat huwa moqdi prinċipalment minn kumpaniji privati, bħal: Meihua Group ([38]); Yufeng Industrial Group ([39]); Fufeng Group ([40]); Heilongjiang Wanli Lida Group ([41]).

(89) Madankollu, l-interventi tas-CCP fit-teħid ta' deċiżjonijiet operazzjonali saru n-norma mhux biss fl-intrapriżi tal-Istat ("*SOEs,*" State-owned enterprises), iżda wkoll f'kumpaniji privati ([42]), bis-CCP jiddikjara t-tmexxija fuq prattikament kull aspett tal-ekonomija tal-pajjiż. Fil-fatt, l-influwenza tal-Istat permezz tal-istrutturi tas-CCP fil-kumpaniji effettivament tirriżulta f'li l-operaturi ekonomiċi jkunu taħt il-kontroll u s-superviżjoni tal-politika tal-gvern, minħabba sa liema punt l-istrutturi tal-Istat u tal-Partit kibru flimkien fiċ-Ċina.

(90) Barra minn hekk, is-settur tal-liżina huwa soġġett għal diversi politiki tal-gvern, bħall-politiki ewlenin tal-2022 imħabbra mill-Ministeru tal-Finanzi u l-Ministeru tal-Agrikoltura u l-Affarijiet Rurali: "[l]-*iżvilupp integrat tal-industrija agrikola. Koordinament tat-tqassim u l-kostruzzjoni ta' għadd ta' parks industrijali agrikoli moderni nazzjonali, raggruppamenti industrijali vantaġġużi u karatteristiċi, u muniċipalitajiet industrijali agrikoli b'saħħithom. Iffukar fuq l-iżgurar tas-sikurezza alimentari nazzjonali u l-provvista effettiva ta' prodotti agrikoli importanti, b'enfasi fuq ir-ross, il-qamħ, il-qamħirrum, [...] il-bini ta' sistema industrijali rurali moderna bbażata fuq bliet industrijali b'saħħithom, parks industrijali bħala l-magna, u raggruppamenti industrijali bħala s-sinsla, it-tqassim provinċjal, tal-kontej u tal-bliet, u l-promozzjoni koordinata ta' punti, linji u żoni, sabiex jittejbu l-kwalità u l-effiċjenza tal-iżvilupp industrijali kollu kemm hu*" ([43]). Bl-istess mod, l-14-il FYP dwar il-Promozzjoni tal-Modernizzazzjoni tal-Agrikoltura u taż-Żoni Rurali jistabbilixxi l-objettivi li ġejjin: "[k]ostruzzjoni ta' ċinturini industrijali tas-sikurezza alimentari nazzjonali. *Abbażi tal-produzzjoni u l-provvista tar-ross, il-qamħ, il-qamħirrum, il-fażola tas-sojja, eċċ., jikkoordinaw it-tqassim tal-bini tal-kapaċità fil-produzzjoni, l-ipproċessar, il-ħżin, u ċ-ċirkolazzjoni, u jibnu ċinturini industrijali tas-sikurezza alimentari [...]*" ([44]). B'żieda ma' dan, l-14-il FYP dwar l-Iżvilupp tal-Bioekonomija jirrikjedi wkoll "*l-iżvilupp ta' preparati enżimatiċi, preparati mikrobiċi, għalf iffermentat, amminoaċidi u għalf bijoloġiku ieħor*[…]" ([45]).

([36]) Rapport Aġġornat – Kapitolu 8, p. 207-208, 242–243.
([37]) Rapport Aġġornat – il-Kapitolu 2, p. 19-24, il-Kapitolu 4, p. 69, p. 99-100, il-Kapitolu 5, p. 130-131.
([38]) Ara: http://www.meihuagrp.com/ (aċċessat fis-17 ta' Ottubru 2024).
([39]) Ara: http://en.yufengholding.cn/Company.html (aċċessat fis-17 ta' Ottubru 2024).
([40]) Ara hawn: http://www.fufeng-group.com/ (aċċessat fis-17 ta' Ottubru 2024).
([41]) Ara: http://www.wanlilida.com/wap.php/About/about/type/1.html (aċċessat fis-17 ta' Ottubru 2024).
([42]) Ara l-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni tas-CCP, l-Artikolu 19 tal-Liġi Ċiniża dwar il-Kumpaniji. Ara r-Rapport aġġornat – il-Kapitolu 3, p. 47-50.
([43]) Ara: http://www.moa.gov.cn/gk/cwgk_1/nybt/202206/t20220610_6402146.htm, il-punt 20 (aċċessat fil-21 ta' Ottubru 2024).
([44]) Ara fuq: https://www.gov.cn/zhengce/content/2022-02/11/content_5673082.htm, it-Taqsima II.6, il-Kaxxa 2 (aċċessat fil-21 ta' Ottubru 2024).
([45]) Ara t-Taqsima IV.10 tal-Pjan disponibbli hawn: https://www.ndrc.gov.cn/xxgk/zcfb/ghwb/202205/t20220510_1324436.html (aċċessat fis-17 ta' Ottubru 2024).

(91) Il-kontroll tal-gvern u s-superviżjoni ta' politika jistgħu jiġu osservati wkoll fil-livell tal-assoċjazzjonijiet tal-industrija rilevanti ([46]).

(92) Pereżempju, l-Assoċjazzjoni Ċiniża tal-Industrija tal-Fermentazzjoni tal-Bijoteknoloġija, (is-"*CBFIA*" *China Biotech Fermentation Industry Association*) fl-Artikolu 3 tal-Istatut ta' Assoċjazzjoni tagħha, tiddikjara li l-organizzazzjoni "*taċċetta l-gwida, is-superviżjoni u l-ġestjoni professjonali mill-entitajiet inkarigati mir-reġistrazzjoni u l-ġestjoni, minn entitajiet inkarigati mill-bini tal-Partit, kif ukoll mid-dipartimenti amministrattivi rilevanti inkarigati mill-ġestjoni tal-industrija*" ([47]). Il-fergħa tal-Partit tas-CBFIA ([48]) tirrikjedi li l-assoċjazzjoni "*teżamina u tuża attivitajiet speċifiċi biex trawwem il-governanza komprensiva u stretta mill-Parti u ssaħħaħ il-bini tal-Partit [...] u tirrikonoxxi għal kollox li l-promozzjoni fil-fond tal-governanza komprensiva u stretta mill-Parti fuq l-assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-industrija u l-kmamar tal-kummerċ hija rekwiżit politiku li jiggwida l-isforzi tal-assoċjazzjonijiet tal-industrija u tal-kmamar tal-kummerċ biex jaderixxu u jsaħħu t-tmexxija tal-Partit*". ([49])

(93) Meihua Group u Fufeng Group huma fost il-membri tas-CBFIA, li t-tnejn iservu bħala Viċi Presidenti tal-bord tad-diretturi tal-assoċjazzjoni ([50]).

(94) Rigward is-CSIA, l-assoċjazzjoni ssegwi l-għan li "*tippubblikizza u timplimenta l-politiki industrijali nazzjonali, isservi lill-industrija bis-sħiħ, u tippromwovi l-produzzjoni industrijali*" ([51]). Barra minn hekk, l-Artikolu 3 tal-Istatut ta' Assoċjazzjoni tagħha jiddikjara li s-CSIA "*tistabbilixxi organizzazzjoni tal-Partit Komunista taċ-Ċina, twettaq attivitajiet tal-Partit, u tipprovdi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni tal-Partit. taċċetta l-gwida, is-superviżjoni u l-ġestjoni tan-negozju mill-entitajiet inkarigati mir-reġistrazzjoni u l-ġestjoni, minn entitajiet inkarigati mill-bini tal-Partit, kif ukoll mid-dipartimenti amministrattivi rilevanti inkarigati mill-ġestjoni tal-industrija*" ([52]).

(95) Meihua Group huwa fost il-Viċi Presidenti tal-kunsill eżekuttiv tas-CSIA ([53]).

(96) Konsegwentement, anke l-produtturi privati fis-settur tal-prodott ikkonċernat ma jitħallewx joperaw skont il-kundizzjonijiet tas-suq. Tabilħaqq, kemm l-intrapriżi pubbliċi kif ukoll dawk privati fis-settur huma soġġetti għal superviżjoni u gwida ta' politika.

3.2.4. *Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), it-tieni inċiż tar-Regolament bażiku: Il-preżenza tal-Istat f'ditti li jippermettu lill-Istat jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet jew kostijiet*

(97) Il-GTĊ huwa f'pożizzjoni li jinterferixxi fil-prezzijiet u l-kostijiet permezz tal-preżenza tal-Istat fid-ditti. Fil-fatt, iċ-ċelloli tas-CCP fl-intrapriżi, kemm jekk tal-Istat kif ukoll privati, jirrappreżentaw mezz importanti li permezz tiegħu l-Istat jista' jinterferixxi fid-deċiżjonijiet kummerċjali.

(98) Skont id-dritt soċjetarju taċ-Ċina, f'kull kumpanija għandha tiġi stabbilita organizzazzjoni tas-CCP (li jkollha mill-anqas tliet membri tas-CCP kif speċifikat fil-Kostituzzjoni tas-CCP ([54])) u l-kumpanija għandha tipprovdi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni tal-Partit.

([46]) Rapport Aġġornat – il-Kapitolu 2, p. 24-27.
([47]) Ara: http://m.cfia.org.cn/site/term/5.html (aċċessat fis-17 ta' Ottubru 2024).
([48]) Ara: http://m.cfia.org.cn/#menu (aċċessat fis-17 ta' Ottubru 2024).
([49]) Ara: http://m.cfia.org.cn/site/content/2092.html (aċċessat fis-17 ta' Ottubru 2024).
([50]) Ara: http://m.cfia.org.cn/site/term/3.html (aċċessat fis-17 ta' Ottubru 2024).
([51]) Ara: https://www.siacn.org.cn/dl/pjn-252Bx-.html (aċċessat fis-17 ta' Ottubru 2024).
([52]) Ara: https://www.siacn.org.cn/dl/IOa-252B22.html (aċċessat fis-17 ta' Ottubru 2024).
([53]) Għal Dongxiao Biotechnology Co., Ltd., ara: https://siacn.org.cn/hys/C04ke8i8V6FKwm58AiHI8kZLWAqQfQJGMbT7hpaoMfyhfo=.html (aċċessat fil-21 ta' Ottubru 2024). Għal Baolingbao Biotechnology Co., Ltd. ara: https://siacn.org.cn/hys/iRjtptfyhfnlZnu6t27hPXu7asXt46rxUsrzpUWSRfyhfRrLA=.html (aċċessat fil-21 ta' Ottubru 2024). Għal Zhejiang Huakang Pharmaceutical Co., Ltd. ara: https://siacn.org.cn/hys/SWj57c6UUhw8Rgkzb+016qfKa9gWhP3BQaNR0qBW3Tw=.html (aċċessat fil-21 ta' Ottubru 2024).
([54]) Rapport Aġġornat – Kapitolu 3, p. 40.

(99) Fil-passat, jidher li dan ir-rekwiżit mhux dejjem ġie segwit jew infurzat b'mod strett. Madankollu, mill-anqas mill-2016, is-CCP qiegħed isaħħaħ il-pretensjonijiet tiegħu sabiex jikkontrolla d-deċiżjonijiet kummerċjali fil-kumpaniji bħala kwistjoni ta' prinċipju politiku ([55]), inkluż l-eżerċitar ta' pressjoni fuq il-kumpaniji privati biex ipoġġu l-"patrijottiżmu" l-ewwel u jsegwu d-dixxiplina tal-Partit ([56]).

(100) Fl-2018, diġà kien ġie rrapportat li kienu jeżistu ċelloli tal-Partit f'73 % ta' madwar 2,57 miljun kumpanija privata, li jirriżulta fi pressjoni dejjem akbar biex l-organizzazzjonijiet tas-CCP ikollhom l-aħħar kelma fuq id-deċiżjonijiet kummerċjali fil-kumpaniji rispettivi tagħhom ([57]). Dawn ir-regoli għandhom applikazzjoni ġenerali fl-ekonomija Ċiniża kollha, fost is-setturi kollha, inkluż għall-prodotti tal-prodott ikkonċernat u għall-forniture tal-inputs tagħhom.

(101) Barra minn hekk, fil-15 ta' Settembru 2020 inħareġ dokument bit-titlu Linji Gwida tal-Uffiċċju Ġenerali tal-Kumitat Ċentrali tas-CCP dwar it-tisħiħ tal-ħidma tal-Front Magħqud fis-settur privat għall-era l-ġdida ("*il-Linji Gwida*") ([58]), li kompla jespandi r-rwol tal-kumitati tal-Partit f'intrapriżi privati.

(102) It-Taqsima II.4 tal-Linji Gwida tistabbilixxi li: "*[i]rridu nżidu l-kapaċità ġenerali tal-Partit li jmexxi l-ħidma tal-Front Magħqud fis-settur privat u jżid b'mod effettiv il-ħidma f'dan il-qasam*"; u t-Taqsima III.6 tistabbilixxi li: "*[i]rridu nżidu aktar il-bini tal-Partit f'intrapriżi privati u nippermettu liċ-ċelloli tal-Partit jaqdu r-rwol tagħhom b'mod effettiv bħala fortizza u nippermettu lill-membri tal-Partit iwettqu l-partijiet tagħhom bħala vangwardji u pijunieri*". Għalhekk, il-Linji gwida jenfasizzaw u jfittxu li jżidu r-rwol tas-CCP fil-kumpaniji u f'entitajiet oħra tas-settur privat ([59]).

(103) L-investigazzjoni kkonfermat li jeżistu wkoll koinċidenzi bejn il-pożizzjonijiet maniġerjali u s-sħubija fis-CCP / il-funzjonijiet tal-Partit fis-settur tal-liżina. Bħala eżempju, il-Viċi President tal-Meihua Group għandu l-pożizzjoni ta' Segretarju Ġenerali tal-fergħa tal-Partit tal-grupp ([60]).

(104) Barra minn hekk, il-president ta' Yufeng Industrial Group iservi wkoll bħala s-Segretarju tal-Kumitat tal-Partit u bħala rappreżentant tal-Kungress tal-Poplu Provinċjali ta' Hebei ([61]).

(105) Il-preżenza u l-intervent tal-istat fis-swieq finanzjarji kif ukoll fil-provvediment tal-materja prima u tal-inputs, għandhom effett ta' distorsjoni ulterjuri fuq is-suq ([62]). B'hekk, il-preżenza tal-Istat f'ditti, fis-settur tal-liżina u f'setturi oħrajn (bħas-setturi finanzjarji u tal-inputs) tippermetti lill-GTĊ jinterferixxi fil-prezzijiet u l-kostijiet.

3.2.5. *Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), it-tielet inċiż tar-Regolament bażiku: politiki jew miżuri pubbliċi li jiddiskriminaw favur forniturі domestiċi jew li b'mod ieħor jinfluwenzaw il-forzi tas-suq ħieles*

(106) Id-direzzjoni tal-ekonomija Ċiniża hija ddeterminata b'mod sinifikanti minn sistema elaborata ta' ppjanar li tistabbilixxi l-prijoritajiet u tippreskrivi l-għanijiet li fuqhom iridu jiffukaw il-gvernijiet ċentrali u lokali. Jeżistu pjanijiet rilevanti fil-livelli kollha tal-gvern u dawn ikopru prattikament is-setturi ekonomiċi kollha. L-objettivi stabbiliti mill-istrumenti tal-ippjanar huma ta' natura vinkolanti u l-awtoritajiet f'kull livell amministrattiv jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-pjanijiet skont il-livell korrispondenti aktar baxx tal-gvern.

(107) B'mod kumplessiv, is-sistema tal-ippjanar fiċ-Ċina tirriżulta fit-tmexxija ta' riżorsi lejn setturi ddeżinjati bħala strateġiċi jew b'xi mod ieħor politikament importanti mill-gvern, minflok ma jiġu allokati f'konformità mal-forzi tas-suq ([63]).

([55]) Ara pereżempju: Blanchette, J. - Xi's Gamble: *The Race to Consolidate Power and Stave off Disaster*, Foreign Affairs, vol. 100, nru. 4, Lulju/Awwissu 2021, pp. 10-19.
([56]) Rapport Aġġornat – Kapitolu 3, p. 41.
([57]) Ara: https://merics.org/en/comment/who-ccp-chinas-communist-party-infographics (aċċessat fit-18 ta' Ottubru 2024).
([58]) Il-Linji Gwida tal-Uffiċċju Ġenerali tal-Kumitat Ċentrali tas-CCP dwar it-tisħiħ tal-ħidma tal-Front Magħqud fis-settur privat għall-era l-ġdida, ara: www.gov.cn/zhengce/2020-09/15/content_5543685.htm (aċċessat fil-21 ta' Ottubru 2024).
([59]) Financial Times (2020) - Chinese Communist Party asserts greater control over private enterprise, see at: https://on.ft.com/3mYxP4j (aċċessat fil-21 ta' Ottubru 2024).
([60]) Ara: http://www.meihuagrp.com/index.php/article/1501.html (aċċessat fit-18 ta' Ottubru 2024).
([61]) Ara: http://www.yufengholding.cn/intro/2.html (aċċessat fit-18 ta' Ottubru 2024).
([62]) Rapport Aġġornat – Il-Kapitolu 14, it-Taqsimiet 14.1 sa 14.3.
([63]) Rapport Aġġornat – il-Kapitolu 4, p. 56-57, 99–100.

(108) L-awtoritajiet Ċiniżi ppromulgaw għadd ta' politiki li jiggwidaw il-funzjonament tas-settur tal-prodott ikkonċernat.

(109) Il-politiki ewlenin tal-2022 tal-Ministeru tal-Finanzi u tal-Ministeru tal-Agrikoltura u l-Affarijiet Rurali msemmija hawn fuq (ara l-premessa (90)) fihom ukoll id-dispożizzjonijiet li ġejjin li jinfluwenzaw il-funzjonament tas-settur: "[l]-*Istat se jkompli jimplimenta politiki bħal sussidji għall-produtturi tal-qamħirrum u tal-fażola tas-sojja, sussidji għar-ross, u inċentivi għal kontej kbar li jipproduċu ċ-ċereali, sabiex tiġi kkonsolidata l-effettività tar-riforma strutturali min-naħa tal-provvista fl-agrikoltura u jiġu żgurati s-sikurezza alimentari nazzjonali*" jew "[p]*remjijiet għal kontej ewlenin tal-produzzjoni taż-żrieragħ. L-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ għall-kontej ewlenin tal-produzzjoni tar-ross, il-qamħ, il-qamħirrum [...], u l-promozzjoni tat-trasformazzjoni u t-titjib tal-industrija taż-żrieragħ*" ([64]).

(110) L-14-il FYP dwar il-Promozzjoni tal-Modernizzazzjoni tal-Agrikoltura u taż-Żoni Rurali ([65]) għandu l-għan li "*[j]ejjeb il-politiki ta' appoġġ għall-produzzjoni tal-qmuħ. Jistabbilizza s-sussidji għall-bdiewa taċ-ċereali, itejjeb il-politika tal-prezz minimu tax-xiri għar-ross u l-qamħ, u l-politika ta' sussidju għall-produtturi tal-qamħirrum u tal-fażola tas-sojja. Itejjeb il-mekkaniżmu ta' kumpens għall-interessi ta' żoni ewlenin li jipproduċu ċ-ċereali u jtejjeb is-sistema ta' politika ta' appoġġ għall-kontej ewlenin li jipproduċu ċ-ċereali*" ([66]). Skont l-14-il FYP dwar l-Iżvilupp tas-Settur tat-Tħawwil fil-Livell Nazzjonali ([67]), "[m]*atul il-perjodu tal-14-il Pjan ta' 5 Snin, se nesploraw l-espansjoni potenzjali, inżidu l-kapaċità tal-produzzjoni, nottimizzaw l-istruttura, nippromwovu żvilupp diversifikat, u ntejbu l-kapaċitajiet tal-garanzija tal-provvista*" ([68]).

(111) L-14-il FYP tas-CSIA ([69]) juri wkoll il-politiki eżistenti tal-gvern fis-settur billi jispjega li "*[m]ill-2016, l-istat aġġusta l-politika tal-ħżin temporanju tal-qamħirrum fi tliet provinċji fil-grigal u fir-Reġjun Awtonomu tal-Mongolja ta' Ġewwa għal mekkaniżmu ġdid ta' "xiri orjentat lejn is-suq" kif ukoll "sussidju", li kkawża twaqqigħ drastiku tal-prezzijiet tal-qamħirrum u naqqas sew il-kost tal-produzzjoni tal-lamtu tal-qamħirrum; sabiex jiddiġestaw Inventarju tal-qamħirrum żejjed, Heilongjiang, Jilin, Liaoning, il-Mongolja ta' Ġewwa u postijiet oħra taw gradi differenti ta' sussidju għall-intrapriżi tal-ipproċessar fil-fond tal-qamħirrum, li komplew iżidu l-kapaċità ta' produzzjoni tal-ipproċessar fil-fond tal-qamħirrum u l-produzzjoni tal-lamtu tal-qamħirrum*" ([70]).

(112) L-14-il FYP dwar l-Iżvilupp tal-Bijoekonomija jindirizza direttament is-settur tal-prodott ikkonċernat, billi jimmira li "[j]*saħħaħ il-pożizzjoni ewlenija tal-innovazzjoni tal-intrapriżi. Jagħti sehem lir-rwol ewlieni u ta' appoġġ tal-intrapriżi ewlenin fil-qasam bijoloġiku, jiggwida lill-intrapriżi l-kbar biex jifthu riżorsi bħall-innovazzjoni teknoloġika, il-katina tal-provvista, u s-servizzi finanzjarji upstream u downstream tal-katina industrijali, u jippromwov l-integrazzjoni u l-innovazzjoni fl-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Filwaqt li jiffokaw fuq oqsma ewlenin b'influwenza kbira u wiesgħa bħall-bijomediċina, il-bijoagrikoltura, u l-bijomanifattura, l-intrapriżi bijoinnovattivi huma mħeġġa japprofondixxu l-kultivazzjoni tagħhom f'għelieqi suddiviżi, jikkultivaw il-vantaġġi tal-iżvilupp tagħhom, u jikkultivawhom fi promoturi individwali b'kompetittività globali*" ([71]). B'mod aktar speċifiku, il-Pjan jirrikjedi wkoll li l-entitajiet ikkonċernati "*jiżviluppaw preparazzjonijiet ta' enżimi, preparazzjonijiet mikrobiċi, għalf iffermentat, amminoaċidu tal-għalf u għalf bijoloġiku ieħor* [...]".

(113) Fil-livell tal-provinċja, skont l-14-il FYP ta' Hebei dwar l-Industriji Strateġiċi u Emerġenti ([72]), l-awtoritajiet tal-gvern huma mistennija li jsawru t-tqassim industrijali tas-settur kif ġej: "L-iżvilupp vigoruż tal-industriji tal-bijofermentazzjoni, il-prodotti b'bażi bijoloġika, u l-prodotti bijoloġiċi karatteristiċi, u l-promozzjoni tal-applikazzjoni integrata tal-bijoteknoloġija fl-oqsma tal-mediċina, l-industrija kimika, il-materjali, l-ipproċessar alimentari fil-fond, u l-enerġija ġdida. *Il-konsolidazzjoni u t-titjib tal-vantaġġi tal-amminoaċidi, iz-zokkor tal-lamtu, il-preparazzjonijiet tal-enżimi, il-vitamini, u prodotti oħra, u l-iżvilupp ta' materjali bijoloġiċi ġodda bħal fibri b'bażi bijoloġika, sustanzi kimiċi b'bażi bijoloġika*" ([73]).

([64]) Ara: http://www.moa.gov.cn/gk/cwgk_1/nybt/202206/t20220610_6402146.htm, il-punti 6 u 15 (aċċessat fit-18 ta' Ottubru 2024).
([65]) Ara: https://www.gov.cn/zhengce/content/2022-02/11/content_5673082.htm (aċċessat fit-18 ta' Ottubru 2024).
([66]) Ibid., it-Taqsima II.1.
([67]) Ara: http://www.moa.gov.cn/govpublic/ZZYGLS/202201/t20220113_6386808.htm (aċċessat fit-18 ta' Ottubru 2024).
([68]) Ibid., it-Taqsima III.1.3.
([69]) Ara: https://www.siacn.org.cn/ds/220877802e.html (aċċessat fit-18 ta' Ottubru 2024).
([70]) Ibid., it-Taqsima I.1.2.
([71]) Ara t-Taqsima III .6 tal-Pjan.
([72]) Ara: http://lvsefazhan.cn/index.php/guozijianguan/408.html (aċċessat fil-21 ta' Ottubru 2024).
([73]) Ibid., it-Taqsima IV.3.

(114) Barra minn hekk, fl-2024, Shandong ħarġet politika ewlenija biex tippromwovi, taġġorna u tiżviluppa l-industrija tal-qamħirrum ([74]), li tipprovdi appoġġ fiskali importanti għar-riċerka u l-iżvilupp.

(115) Bl-istess mod, Jilin ħareġ politiki preferenzjali speċifiċi li jiffavorixxu l-industrija tal-prodott ikkonċernat. Skont rapport maħruġ fuq is-sit web tiegħu, il-"*Bureau tat-Tassazzjoni Provinċjali ta' Jilin [...] jiffurmula u jaġġusta l-lista ta' benefiċċji ta' politika kif ukoll il-lista ta' suġġetti li jeħtieġu rispons rapidu. L-intrapriżi għandhom ħtiġijiet, u t-tassazzjoni twieġeb. Fit-triq lejn it-titjib tal-industrija, hemm biżżejjed għodod ta' politika disponibbli*" ([75]). Dan huwa kkonfermat minn rappreżentant ta' Meihua Group"*[f]l-2017, il-kumpanija stabbiliet lilha nnifisha fil-Park Industrijali ta' Jilin Baicheng bħala l-ewwel kumpanija f'Baicheng b'investiment totali ta' CNY 10 biljun. Wara snin ta' żvilupp u tkabbir gradwali, bl-appoġġ qawwi tal-politiki preferenzjali tat-taxxa, [...] il-kompetittività tas-suq tal-prodotti tjiebet b'mod effettiv*. Fl-ewwel nofs tal-2023 biss, il-kumpanija tagħna gawdiet minn rifużjoni tat-taxxa fuq l-esportazzjoni ta' CNY 139 miljun, li lliberatna minn ħassib fil-proċess tal-produzzjoni tal-prodotti, u nistgħu nindirizzaw b'mod aktar kalm ir-riskji u l-isfidi tas-suq internazzjonali u nkomplu nespandu l-iskala tal-esportazzjonijiet" ([76]). Il-President ta' Meihua Group iddikjara wkoll li *"Jilin Meihua rċiviet appoġġ qawwi u għajnuna mill-mexxejja fil-livelli kollha tal-provinċja u tal-muniċipalità, li għenet lil Meihua tiżviluppa malajr"* ([77]), u b'hekk indika li l-politiki preferenzjali ma kinux limitati għall-politiki tat-taxxa.

(116) Miżuri ta' appoġġ simili huma disponibbli wkoll f'Heilongjiang, kif indikat fil-pjan ta' żvilupp tas-sistema tal-industrija tal-muniċipalità ta' Suihua 2023–2026 ([78]) li fih Heilongjiang Chengfu Food Group, produttur tal-liżina, li tirrappreżenta 7,39 % tal-kapaċità tal-produzzjoni domestika tal-liżina ([79]), huwa elenkat bħala intrapriża ewlenija.

(117) Għalhekk, permezz ta' dawn il-mezzi u ta' mezzi oħrajn, il-GTĊ jidderiġi u jikkontrolla kważi kull aspett fl-iżvilupp u l-funzjonament tas-settur, kif ukoll l-inputs upstream.

(118) Fil-qosor, il-GTĊ għandu miżuri fis-seħħ biex iġiegħel lill-operaturi jikkonformaw mal-objettivi tal-ordni pubbliku li jikkonċernaw is-settur. Tali miżuri jimpedixxu l-forzi tas-suq milli joperaw b'mod ħieles.

3.2.6. *Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), ir-raba' inċiż, tar-Regolament bażiku: in-nuqqas, l-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadegwat tal-liġijiet fil-qasam tal-fallimenti, dak soċjetarju jew dak tal-proprjetà*

(119) Skont l-informazzjoni fil-fajl, is-sistema Ċiniża dwar il-falliment ma tissodisfax b'mod adegwat l-objettivi prinċipali proprji tagħha bħal pereżempju li tissalda l-pretensjonijiet u d-djun b'mod ġust u li tissalvagwardja d-drittijiet u l-interessi legali tal-kredituri u d-debituri. Dan jidher li huwa msejjes fil-fatt li filwaqt li l-liġi Ċiniża dwar il-falliment tiddependi b'mod formali minn prinċipji simili għal dawk applikati f'liġijiet korrispondenti ta' pajjiżi oħra għajr iċ-Ċina, is-sistema Ċiniża hija kkaratterizzata minn nuqqas ta' infurzar sistematiku.

(120) L-għadd ta' fallimenti għadu magħruf li huwa baxx meta mqabbel mad-daqs tal-ekonomija tal-pajjiż, mhux l-inqas minħabba li l-proċedimenti ta' insolvenza għandhom għadd ta' nuqqasijiet, li effettivament jiffunzjonaw bħala diżinċentiv għad-dikjarazzjonijiet ta' fallimenti. Barra minn hekk, ir-rwol tal-Istat fil-proċedimenti ta' insolvenza għadu b'saħħtu u attiv, u ta' spiss ikollu influwenza diretta fuq l-eżitu tal-proċedimenti ([80]).

([74]) Ara: https://www.sohu.com/a/756699103_121769698 (aċċessat fit-18 ta' Ottubru 2024).
([75]) Ara: http://jilin.chinatax.gov.cn/art/2023/11/6/art_334_710476.html (aċċessat fit-18 ta' Ottubru 2024).
([76]) Ibid.
([77]) Ara: http://www.jlbc.gov.cn/xxgk_3148/ywdt/202409/t20240927_999796.html (aċċessat fit-18 ta' Ottubru 2024).
([78]) Ara: https://www.suihua.gov.cn/sh/szf/202309/c12_78183.shtml (aċċessat fit-18 ta' Ottubru 2024).
([79]) Ara: https://pdf.dfcfw.com/pdf/H3_AP202312291615475016_1.pdf (aċċessat fil-21 ta' Ottubru 2024).
([80]) Rapport Aġġornat – il-Kapitolu 6, p. 171-179.

(121) Barra minn hekk, in-nuqqasijiet tas-sistema tad-drittijiet ta' proprjetà huma partikolarment ovvji fir-rigward tas-sjieda tal-art u d-drittijiet għall-użu tal-art fiċ-Ċina ([81]). L-art kollha hija proprjetà tal-Istat (art rurali bi sjieda kollettiva u art urbana tal-Istat) u l-allokazzjoni tagħha għadha tiddependi biss fuq l-Istat. Hemm dispożizzjonijiet legali li għandhom l-għan li jallokaw drittijiet għall-użu tal-art b'mod trasparenti u bi prezzijiet tas-suq, pereżempju, billi jintroduċu proċeduri ta' offerti. Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet huma regolarment mhux rispettati, u ċerti akkwirenti jiksbu l-art tagħhom mingħajr ħlas jew b'rati aktar baxxi mir-rati tas-suq ([82]). Barra minn hekk, l-awtoritajiet spiss isegwu għanijiet politiċi speċifiċi, inkluża l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ekonomiċi, meta jkunu qed jallokaw l-art ([83]).

(122) L-istess bħas-setturi l-oħrajn fl-ekonomija Ċiniża, il-produtturi tal-prodott ikkonċernat huma soġġetti għar-regoli ordinarji dwar il-liġi Ċiniża dwar il-falliment, il-kumpaniji u l-proprjetà. L-effett ta' dan huwa li anke dawn il-kumpaniji huma soġġetti għad-distorsjonijiet minn fuq għal isfel li jirriżultaw mill-applikazzjoni diskriminatorja jew mill-infurzar inadegwat tal-liġijiet dwar il-falliment u l-proprjetà. Dawk il-kunsiderazzjonijiet, abbażi tal-evidenza disponibbli, jidhru li huma kompletament applikabbli wkoll fis-settur kimiku, u għaldaqstant fis-settur tal-liżina. Din l-investigazzjoni ma żvelat xejn li jqajjem dubji dwar dawn is-sejbiet.

(123) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm applikazzjoni diskriminatorja jew infurzar inadegwat tal-liġijiet dwar il-falliment u l-proprjetà fis-settur tal-prodott ikkonċernat.

3.2.7. *Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), il-ħames inċiż, tar-Regolament bażiku: il-kostijiet tal-pagi soġġetti għal distorsjoni*

(124) Sistema ta' pagi bbażati fuq is-suq ma tistax tiżviluppa kompletament fiċ-Ċina minħabba li l-ħaddiema u l-impjegaturi huma mxekkla fid-drittijiet tagħhom għal organizzazzjoni kollettiva. Iċ-Ċina ma rratifikatx għadd ta' konvenzjonijiet essenzjali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, b'mod partikolari dawk dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni u dwar in-negozjar kollettiv ([84]).

(125) Skont il-liġi nazzjonali, organizzazzjoni ta' trade union waħda biss hija attiva. Madankollu, din l-organizzazzjoni ma hijiex indipendenti mill-awtoritajiet tal-istat u l-involviment tagħha fin-negozjar kollettiv u fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema għadu rudimentali ([85]). Barra minn hekk, il-mobilità tal-forza tax-xogħol Ċiniża hija ristretta mis-sistema ta' reġistrazzjoni tal-unitajiet domestiċi, li tillimita l-aċċess għall-firxa sħiħa tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali u oħrajn għar-residenti lokali ta' żona amministrattiva partikolari.

(126) Dan tipikament jirriżulta f'ħaddiema li ma jkollhomx ir-reġistrazzjoni tar-residenza lokali, u jsibu ruħhom f'pożizzjoni ta' impjieg vulnerabbli u jirċievu introjtu aktar baxx mid-detenturi tar-reġistrazzjoni tar-residenza ([86]). Dawn is-sejbiet iwasslu għad-distorsjoni tal-kostijiet tal-pagi fiċ-Ċina.

(127) Ma ġiet ippreżentata l-ebda evidenza li turi li s-settur tal-liżina ma jkunx soġġett għas-sistema Ċiniża dwar il-liġi tal-manodopera deskritta. Għalhekk, is-settur huwa affettwat mid-distorsjonijiet tal-kostijiet tal-pagi kemm direttament (meta jimmanifattura l-prodott ikkonċernat jew il-materja prima prinċipali għall-produzzjoni tiegħu) kif ukoll indirettament (meta jkollu aċċess għal kapital jew inputs minn kumpaniji soġġetti għall-istess sistema tal-manodopera fiċ-Ċina).

3.2.8. *Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), is-sitt inċiż, tar-Regolament bażiku: l-aċċess għall-finanzi mogħtija minn istituzzjonijiet li jimplimentaw objettivi ta' ordni pubbliku jew li b'xi mod ieħor ma jaġixxux indipendentement mill-Istat*

(128) L-aċċess għall-kapital għal atturi korporattivi fiċ-Ċina huwa soġġett għal diversi distorsjonijiet.

([81]) Rapport Aġġornat – il-Kapitolu 9, p. 260-261.
([82]) Rapport Aġġornat – il-Kapitolu 9, p. 257-260.
([83]) Rapport Aġġornat – il-Kapitolu 9, p. 252-254.
([84]) Rapport Aġġornat – il-Kapitolu 13, p. 360-361, 364–370.
([85]) Rapport Aġġornat – Kapitolu 13, p. 366.
([86]) Rapport Aġġornat – il-Kapitolu 13, p. 370-373.

(129) L-ewwel nett, is-sistema finanzjarja Ċiniża hija kkaratterizzata mill-pożizzjoni b'saħħitha tal-banek tal-Istat ([87]), li, meta jagħtu aċċess għall-finanzjament, jieħdu inkunsiderazzjoni kriterji oħra għajr il-vijabbiltà ekonomika ta' proġett. B'mod simili għall-intraprizi tal-Istat mhux finanzjarji, il-banek jibqgħu marbuta mal-Istat mhux biss permezz tas-sjieda iżda wkoll permezz ta' relazzjonijiet personali (l-ogħla eżekuttivi tal-istituzzjonijiet finanzjarji kbar tal-Istat fl-aħħar mill-aħħar jinħatru mis-CCP) ([88]) u jimplimentaw b'mod regolari ordnijiet pubbliċi mfassla mill-GTĊ.

(130) Meta jagħmlu dan, il-banek jikkonformaw ma' obbligu legali espliċitu li jmexxu n-negozju tagħhom f'konformità mal-ħtiġijiet tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali nazzjonali u skont il-gwida tal-politiki industrijali tal-Istat ([89]). Filwaqt li huwa rikonoxxut li diversi dispożizzjonijiet legali jirreferu għall-ħtieġa li jiġu rrispettati l-imġiba bankarja normali u r-regoli prudenzjali bħall-ħtieġa li tiġi eżaminata l-affidabbiltà kreditizja tal-mutwatarju, l-evidenza kbira, inklużi s-sejbiet li saru fl-investigazzjonijiet tad-difiża tal-kummerċ, tissuġġerixxi li dawn id-dispożizzjonijiet għandhom biss rwol sekondarju fl-applikazzjoni tad-diversi strumenti legali.

(131) Pereżempju, il-GTĊ iċċara li anki deċiżjonijiet tal-banek kummerċjali privati jridu jiġu ssorveljati mis-CCP u jibqgħu konformi mal-politiki nazzjonali. Wieħed mit-tliet għanijiet globali tal-Istat fir-rigward tal-governanza bankarja issa huwa li tissaħħaħ it-tmexxija tal-Partit fis-settur bankarju u tal-assigurazzjoni, inkluż fir-rigward ta' kwistjonijiet operazzjonali u ta' ġestjoni ([90]). Barra minn hekk, il-kriterji tal-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-banek kummerċjali issa jridu, b'mod partikolari, iqisu kif l-entitajiet "*jaqdu l-objettivi nazzjonali tal-iżvilupp u l-ekonomija reali*", u b'mod partikolari kif "*jaqdu l-industriji strateġiċi u emerġenti*". ([91])

(132) Barra minn hekk, il-klassifikazzjonijiet tal-bonds u tal-kreditu ta' spiss ikunu distorti għal diversi raġunijiet, inkluż il-fatt li l-valutazzjoni tar-riskju tiġi influwenzata mill-importanza strateġika tad-ditta għall-GTĊ u mis-saħħa ta' kull garanzija impliċita mill-gvern ([92]). Dan huwa aggravat minn regoli eżistenti addizzjonali, li jidderieġu l-finanzi f'setturi ddeżinjati mill-gvern bħala inkoraġġuti jew b'xi mod ieħor importanti ([93]). Dan jirriżulta fi preġudizzju favur is-self lil SOEs, ditti privati kbar b'konnessjonijiet tajbin u ditti f'setturi industrijali ewlenin, li jimplika li d-disponibbiltà u l-kost tal-kapital ma humiex ugwali għall-atturi kollha fis-suq.

(133) It-tieni, il-kostijiet tas-self inżammu baxxi b'mod artifiċjali sabiex jiġi stimulat it-tkabbir tal-investiment. Dan wassal għall-użu eċċessiv tal-investiment kapitali b'redditi dejjem aktar baxxi fuq l-investiment. Dan huwa muri mit-tkabbir fl-ingranaġġ korporattiv fis-settur tal-Istat minkejja tnaqqis qawwi fil-profittabilità, li jissuġġerixxi li l-mekkaniżmi fis-seħħ fis-sistema bankarja ma jsegwux risponsi kummerċjali normali.

([87]) Rapport Aġġornat – il-Kapitolu 6, p. 137-140.
([88]) Rapport Aġġornat – il-Kapitolu 6, p. 146-149.
([89]) Rapport Aġġornat – Kapitolu 6, p. 149.
([90]) Ara l-*Pjan ta' Azzjoni ta' tliet snin għat-titjib tal-governanza korporattiva tas-setturi bankarji u tal-assigurazzjoni (2020–2022)* maħruġ mill-Kummissjoni Regolatorja Bankarja u tal-Assigurazzjoni taċ-Ċina ("CBIRC", China Banking and Insurance Regulatory Commission) fit-28 ta' Awwissu 2020; disponibbli fuq: http://www.cbirc.gov.cn/cn/view/pages/ItemDetail.html?docId=925393&itemId=928 (aċċessat fil-21 ta' Ottubru 2024). Il-Pjan jagħti struzzjonijiet biex "*jiġi implimentat aktar l-ispirtu inkorporat fid-diskors ewlieni tas-Segretarju Ġenerali Xi Jinping dwar l-avvanz tar-riforma tal-governanza korporattiva tas-settur finanzjarju*". Barra minn hekk, it-taqsima II tal-Pjan għandha l-għan li tippromwovi l-integrazzjoni organika tat-tmexxija tal-Partit fil-governanza korporattiva: "*aħna se nagħmlu l-integrazzjoni tat-tmexxija tal-Partit fil-governanza korporattiva aktar sistematika, standardizzata u bbażata fuq il-proċeduri* […] *Il-Kumitat tal-Partit irid ikun iddiskuta kwistjonijiet operazzjonali u ta' ġestjoni ewlenin qabel ma jiġu deċiżi mill-Bord tad-Diretturi jew mill-maniġment superjuri*".
([91]) Ara n-*Notice on the Commercial banks performance evaluation method*, maħruġ mis-CBIRC fil-15 ta' Diċembru 2020, disponibbli fuq: http://jrs.mof.gov.cn/gongzuotongzhi/202101/t20210104_3638904.htm (aċċessat fil-21 ta' Ottubru 2024).
([92]) Rapport Aġġornat – il-Kapitolu 6, p. 157-158.
([93]) Rapport Aġġornat – il-Kapitolu 6, p. 150-152, 156-160, 165-171.

(134) It-tielet, għalkemm f'Ottubru 2015 inkisbet liberalizzazzjoni tar-rata tal-imgħax nominali, is-sinjali tal-prezzijiet għadhom ma humiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles, iżda huma influwenzati minn distorsjonijiet ikkawżati mill-gvern. Is-sehem ta' self fir-rata ta' referenza jew taħtha kien għadu jirrappreżenta mill-inqas terz tas-self kollu fl-aħħar tal-2018 ([94]). Il-media uffiċjali fiċ-Ċina dan l-aħħar irrapportat li s-CCP talab *"li r-rata tal-imgħax tas-suq tas-self tiġi ggwidata 'l isfel"* ([95]). Rati tal-imgħax baxxi b'mod artifiċjali jirriżultaw fi twaqqigħ tal-prezzijiet, u konsegwentement, fl-użu eċċessiv tal-kapital.

(135) It-tkabbir ġenerali tal-kreditu fiċ-Ċina jindika deterjorament fl-effiċjenza tal-allokazzjoni tal-kapital mingħajr ebda sinjal ta' ssikkar tal-kreditu li jkun mistenni f'ambjent tas-suq mingħajr distorsjoni. B'riżultat ta' dan, is-self improduttiv żdied b'mod rapidu, u l-GTĊ għażel numru ta' drabi li jew jevita l-inadempjenzi, sabiex b'hekk inħolqu l-hekk imsejħin kumpaniji "żombi", jew li jittrasferixxi s-sjieda tad-dejn (eż. permezz ta' fużjonijiet jew ta' skambju ta' dejn ma' ekwità), mingħajr ma neċessarjament jelimina l-problema ġenerali tad-dejn jew jindirizza l-kawżi ewlenin tagħha.

(136) Essenzjalment, minkejja l-passi li ttieħdu biex jiġi liberalizzat is-suq, is-sistema tal-kreditu korporattiv fiċ-Ċina hija affettwata minn distorsjonijiet sinifikanti li jirriżultaw mir-rwol perważiv kontinwu tal-istat fis-swieq kapitali. Għalhekk, l-intervent sostanzjali tal-gvern fis-sistema finanzjarja jwassal biex il-kundizzjonijiet tas-suq jiġu affettwati b'mod serju fil-livelli kollha.

(137) Ma tressqet l-ebda evidenza fl-investigazzjoni attwali li turi li s-settur tal-prodott ikkonċernat mhuwiex affettwat mill-intervent tal-gvern fis-sistema finanzjarja fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), is-sitt inċiż, tar-Regolament bażiku. Għalhekk, l-intervent sostanzjali tal-gvern fis-sistema finanzjarja jwassal biex il-kundizzjonijiet tas-suq jiġu affettwati b'mod serju fil-livelli kollha.

3.2.9. *In-natura sistemika tad-distorsjonijiet deskritti*

(138) Il-Kummissjoni nnutat li d-distorsjonijiet deskritti fir-Rapport aġġornat huma karatteristiċi għall-ekonomija Ċiniża. L-evidenza disponibbli turi li l-fatti u l-karatteristiċi tas-sistema Ċiniża kif deskritti hawn fuq kif ukoll fil-Parti I tar-Rapport aġġornat japplikaw fil-pajjiż kollu u fis-setturi kollha tal-ekonomija. L-istess jgħodd għad-deskrizzjoni tal-fatturi tal-produzzjoni kif stabbilit hawn fuq u fil-Parti II tar-Rapport aġġornat.

(139) Il-Kummissjoni tfakkar li sabiex jiġi prodott il-prodott ikkonċernat, jinħtieġu ċerti inputs. Meta l-manifatturi tal-prodott ikkonċernat jixtru/jikkuntrattaw dawn l-inputs, il-prezzijiet li jħallsu (u li jiġu rreġistrati bħala l-kostijiet tagħhom) ikunu esposti b'mod ċar għall-istess distorsjonijiet sistemiċi msemmija qabel. Pereżempju, il-fornituri tal-inputs iħaddmu manodopera li hija soġġetta għad-distorsjonijiet. Huma jistgħu jissellfu flus li huma soġġetti għad-distorsjonijiet fis-settur finanzjarju/l-allokazzjoni tal-kapital. Minbarra dan, huma soġġetti għas-sistema ta' ppjanar li tapplika fil-livelli kollha tal-gvern u tas-setturi. Dawn id-distorsjonijiet ġew deskritti fid-dettall fit-Taqsimiet minn (87) sa (137) hawn fuq. Il-Kummissjoni indikat li l-istruttura regolatorja li tirfed dawk id-distorsjonijiet tapplika b'mod ġenerali, bil-produtturi tal-liżina jkunu soġġetti għal dawk ir-regoli bħal kwalunkwe operatur ekonomiku ieħor fiċ-Ċina. Għalhekk, id-distorsjonijiet għandhom impatt dirett fuq l-istruttura tal-kostijiet tal-prodott ikkonċernat.

(140) B'konsegwenza ta' dan, mhux biss il-prezzijiet tal-bejgħ domestiku tal-prodott ikkonċernat ma humiex xierqa għall-użu fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, iżda l-kostijiet kollha tal-input (inklużi l-materja prima, l-enerġija, l-art, il-finanzjament, il-manodopera, eċċ.) huma affettwati wkoll minħabba li l-formazzjoni tal-prezzijiet tagħhom hija affettwata minn intervent sostanzjali tal-gvern, kif deskritt fil-Partijiet I u II tar-Rapport aġġornat.

(141) Tabilħaqq, l-interventi tal-gvern deskritti fir-rigward tal-allokazzjoni tal-kapital, tal-art, tal-manodopera, tal-enerġija u tal-materja prima huma preżenti fiċ-Ċina kollha kemm hi. Dan ifisser, pereżempju, li input li minnu nnifsu kien immanifatturat fiċ-Ċina permezz tal-kombinazzjoni ta' firxa ta' fatturi tal-produzzjoni huwa espost għal distorsjonijiet sinifikanti. L-istess japplika għall-input tal-input u l-bqija.

([94]) L-OECD (2019), l-Istħarriġ Ekonomiku tal-OECD: China 2019, OECD Publishing, Pariġi. p. 29, disponibbli fuq: https://doi.org/10.1787/eco_surveys-chn-2019-en (aċċessat fil-21 ta' Ottubru 2024).

([95]) Ara: http://www.gov.cn/xinwen/2020-04/20/content_5504241.htm (aċċessat fil-21 ta' October 2024).

(142) Fl-investigazzjoni attwali, la l-Gvern taċ-Ċina u lanqas il-produtturi esportaturi ma ppreżentaw xi evidenza jew argument għall-kuntrarju.

3.2.10. *L-argumenti tal-partijiet interessati*

(143) Mal-bidu, is-CCCMC, Eppen u Barentz ippreżentaw kummenti dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Is-CCCMC argumentat li *(i)* l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku huwa inkompatibbli mal-liġi tad-WTO u li *(ii)* l-allegazzjoni ta' distorsjonijiet sinifikanti li jaffettwaw is-settur tal-liżina Ċiniża ma hijiex ibbażata fuq evidenza pożittiva. Eppen qieset ukoll l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku inkompatibbli mar-regoli tad-WTO, filwaqt li rrimarkat ukoll li l-użu tal-metodoloġija skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku ma jistax ikun konklużjoni mistennija mill-bidu nett. Min-naħa tagħha Barentz qieset li f'dan il-każ huwa xieraq li jintużaw prezzijiet domestiċi fiċ-Ċina biex jiġi stabbilit jekk id-dumping seħħx peress li ma ntweriex distorsjonijiet sinifikanti.

(144) Sabiex tappoġġa l-ewwel argument tagħha, is-CCCMC iddikjarat li l-metodoloġija preskritta mill-Artikolu 2 (6a) tar-Regolament bażiku għall-istabbiliment tal-valur normali hija inkompatibbli mal-ftehimiet u l-ġurisprudenza tad-WTO. Is-CCCMC argumentat li mit-12 ta' Diċembru 2016, l-UE kienet mistennija taderixxi mal-metodoloġiji standard tal-ADA biex tistabbilixxi l-valur normali tal-produtturi esportaturi Ċiniżi, li jippreskrivu l-użu tal-prezzijiet u l-kostijiet attwali tal-produtturi esportaturi Ċiniżi. B'referenza għall-Artikoli 2.1 jew 2.2 tal-ADA, kif ukoll għar-rapport tal-Bord f'DS538 *Pakistan — BOPP Films (UAE)* u r-rapport tal-Korp tal-Appell f'DS437 *EU — Biodiesel (Argentina)*, is-CCCMC ħadet il-pożizzjoni li filwaqt li, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, il-valur normali jista' jinbena, id-data relatata mal-kost tal-produzzjoni u mal-SG &A u l-profitti trid dejjem tinkiseb mis-sorsi fil-pajjiż esportatur. Xejn fl-ADA ma jippermetti, skont is-CCCMC, li awtorità investigattiva tinjora l-kostijiet u l-prezzijiet tal-produttur esportatur (jew dawk eżistenti fil-pajjiż esportatur) u tissostitwixxihom bi prezzijiet jew valuri referenzjarji allegatament mingħajr distorsjoni f'pajjiż ieħor għar-raġuni li suppost jeżistu distorsjonijiet sinifikanti fil-pajjiż esportatur, bil-kunċett ta' distorsjonijiet sinifikanti lanqas biss jeżisti fl-ADA.

(145) Fil-qalba tat-tieni argument tagħha, is-CCCMC ma qablitx mal-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni fin-Notifika tal-Bidu li l-ilment kien fih biżżejjed evidenza li l-użu tal-prezzijiet u tal-kostijiet domestiċi fiċ-Ċina mhuwiex xieraq minħabba distorsjonijiet sinifikanti li jaffettwaw tali prezzijiet u kostijiet, u li għalhekk l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku hija ġġustifikata. Biex tappoġġa din il-fehma, is-CCCMC elenkat għadd ta' elementi u ddikjarat li: *(i)* l-industrija tal-Unjoni qagħdet ħafna fuq ir-Rapport tal-2017, li fil-fehma tas-CCCMC huwa antikwat; *(ii)* l-industrija tal-Unjoni qagħdet fuq investigazzjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni li kienu temporanjament mhux relatati, kienu jikkonċernaw prodotti u setturi differenti ħafna u kienu pjuttost ibbażati fuq fatti disponibbli milli fuq evidenza pożittiva; F'dan il-kuntest, is-CCCMC irreferiet għar-rapport tal-Korp tal-Appell f'DS379 *US — AD and CVD (China); (iii)* l-industrija tal-Unjoni pprovdiet evidenza dwar intervent sostanzjali tal-gvern li huwa prinċipalment ibbażat fuq is-sjieda tal-Istat, li fl-opinjoni tas-CCCMC huwa kriterju li ma jikkostitwixxix evidenza suffiċjenti ta' "kontroll sinifikanti", "inkarigu" jew "direzzjoni" mill-gvern; *(iv)* l-industrija tal-Unjoni qagħdet fuq dokumenti ta' politika estremament ġenerali u mhux vinkolanti, bħat-14-il FYP; *(v)* l-industrija tal-Unjoni bbażat ruħha fuq dokument ieħor wiesa' wisq u ġenerali biex tikkostitwixxi evidenza; *(vi)* in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-VAT ta' 13 % fuq l-esportazzjonijiet la huwa sussidju u lanqas xi intervent tal-gvern fis-suq. Huwa biss biex tiġi evitata t-tassazzjoni doppja; *(vii)* l-għażliet tas-sit tal-produzzjoni tal-manifatturi tal-liżina jirriżultaw minn aspetti prattiċi minflok minn fatturi politiċi jew pressjoni mill-GTĊ; *(viii)* anki li kieku kellhom jiġu preżunti interventi tal-gvern, l-industrija tal-Unjoni ma pprovdietx evidenza biex turi li tali intervent huwa l-kawża ta' distorsjonijiet sinifikanti.

(146) L-argumenti tas-CCCMC ma setgħux jiġu aċċettati. Rigward il-kompatibilità mal-ftehimiet u l-ġurisprudenza tad-WTO, il-Kummissjoni qieset li d-dispożizzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-regolament bażiku hija konsistenti għal kollox mal-obbligi tad-WTO tal-Unjoni Ewropea u mal-ġurisprudenza ċċitata mis-CCCMC. Fil-fatt, l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti tagħmel il-kostijiet u l-prezzijiet fil-pajjiż esportatur mhux xierqa għall-kalkolu tal-valur normali. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku jipprevedi l-kalkolu tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ abbażi ta' prezzijiet jew parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni, inklużi dawk f'pajjiż

rappreżentattiv xieraq b'livell simili ta' żvilupp bħall-pajjiż esportatur. Kif iċċarat espliċitament mill-Korp tal-Appell tad-WTO f'DS473 ([96]), il-liġi tad-WTO tippermetti l-użu ta' data minn pajjiż terz, aġġustata kif xieraq meta tali aġġustament ikun meħtieġ u sostanzjat. Il-Kummissjoni fakkret f'dan ir-rigward li ladarba jiġi determinat li minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fil-pajjiż esportatur f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku mhuwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fil-pajjiż esportatur, il-valur normali jinħadem b'referenza għal prezzijiet jew valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni f'pajjiż rappreżentattiv xieraq għal kull produttur esportatur skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku. L-istess dispożizzjoni tar-Regolament bażiku tippermetti wkoll l-użu ta' kostijiet domestiċi jekk jiġi stabbilit b'mod pożittiv li ma jkunux distorti. F'dak il-kuntest, il-produtturi esportaturi kellhom il-possibbiltà li jipprovdu evidenza li l-kostijiet individwali tagħhom ma kinux distorti. Madankollu, ma ġiet ippreżentata l-ebda evidenza pożittiva dwar il-fatturi ta' produzzjoni ta' produtturi esportaturi individwali li mhumiex distorti. Għalhekk, jekk ir-rekords tal-kumpaniji Ċiniżi nżammux f'konformità mal-prinċipji kontabilistiċi ġeneralment aċċettati taċ-Ċina, jew jekk ir-rekords jirriflettux b'mod raġonevoli l-kostijiet assoċjati mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott taħt investigazzjoni fiċ-Ċina, ma jistax jaffettwa l-konklużjoni dwar l-applikazzjoni tal-metodoloġija skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

(147) Fir-rigward tal-pretensjonijiet dwar is-suffiċjenza tal-evidenza fl-ilment, il-Kummissjoni fakkret li, kif ikkonfermat mill-Qorti Ġenerali fi *Viraj Profiles*, il-kwantità u l-kwalità tal-evidenza meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-kriterji tas-suffiċjenza tal-evidenza għall-fini tal-bidu ta' investigazzjoni huma differenti minn dawk meħtieġa għall-fini ta' determinazzjoni preliminari jew finali tal-eżistenza ta' dumping, dannu jew rabta kawżali ([97]). L-ilment issodisfa l-istandards stabbiliti fl-Artikolu 5(9) tar-Regolament bażiku, flimkien mal-Artikolu 2 (6a) (d). Tabilħaqq, kif indikat fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni qieset fl-istadju ta' bidu li kien hemm evidenza suffiċjenti skont l-Artikolu 5(9) tar-Regolament bażiku li turi li, minħabba distorsjonijiet sinifikanti li jaffettwaw il-prezzijiet u l-kostijiet, l-użu tal-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fiċ-Ċina ma jkunx xieraq, u b'hekk jiġġustifika l-bidu ta' investigazzjoni abbażi tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, il-Kummissjoni pproċediet biex tagħti prova ta' distorsjonijiet bħal dawn fit-Taqsimiet minn 3.2.2 sa 3.2.9. Tabilħaqq, meta għamlet dan, il-Kummissjoni kkomplementat l-evidenza u l-argumenti ppreżentati mill-industrija tal-Unjoni bl-investigazzjonijiet tagħha stess u eventwalment uriet, abbażi tal-korp kollu tal-evidenza disponibbli, il-preżenza ta' distorsjonijiet sinifikanti li jiġġustifikaw l-użu tal-Artikolu 2 (6a) tar-Regolament bażiku biex jiġi stabbilit il-valur normali.

(148) Eppen indikat li ma hemm l-ebda referenza għall-kunċett ta' distorsjonijiet sinifikanti fl-Artikolu 2.2 tal-ADA peress li ma taqa' fl-ebda waħda mill-kategoriji għal metodi alternattivi ta' kalkolu previsti f'dik id-dispożizzjoni. Barra minn hekk, Eppen iddikjarat li l-użu ta' data minn pajjiż rappreżentattiv xieraq jew prezzijiet internazzjonali biex jinħadem il-valur normali fil-fehma tagħha mhuwiex konsistenti mal-Artikolu 2.2 tal-ADA li jippermetti biss l-użu tal-kost tal-produzzjoni fil-pajjiż tal-oriġini flimkien ma' ammont raġonevoli għall-kostijiet u l-profitti amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali meta jinħadmu l-valuri normali. Eppen ikkwotat ukoll f'dan ir-rigward ir-rekwiżit tal-Artikolu 2.2.1.1. ta' ADA li l-kostijiet għandhom normalment jiġu ikkalkulati fuq bażi ta' reġistri li jinżammu mill-esportatur jew mill-prodotti li huma sottomessi għall-investigazzjoni, dment li dawn ir-reġistri jkunu konformi mal-prinċipji tal-kontabbilità ġeneralment aċċettati tal-pajjiż li qed jesporta u jirriflettu b'mod raġonevoli l-kostijiet assoċjati mal-produzzjoni u mal-bejgħ tal-prodott li qed jitqies. Barra minn hekk, Eppen ħadet il-pożizzjoni li l-ġurisprudenza tad-WTO, jiġifieri DS437 *EU – Biodiesel (Argentina)* u DS494 *Cost Adjustment Methodologies II (Russia)* jappoġġaw l-argument tagħha dwar l-inkompatibbiltà tad-WTO tal-Artikolu 2 (6a) tar-Regolament bażiku.

(149) Il-Kummissjoni ma setgħetx taċċetta l-argument ta' Eppen għar-raġunijiet stabbiliti hawn fuq fil-premessa (146). Barra minn hekk, fir-rigward tad-DS494, ir-Rapport tal-Bord ikkunsidra speċifikament id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku bħala barra mill-kamp ta' applikazzjoni tat-tilwima. Barra minn hekk, il-Kummissjoni indikat li kemm l-UE kif ukoll il-Federazzjoni Russa appellaw is-sejbiet tal-Bord, li mhumiex finali u għalhekk, skont il-ġurisprudenza permanenti tad-WTO, ma għandhom l-ebda status legali fis-sistema tad-WTO, peress li ma ġewx approvati mill-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim permezz ta' deċiżjoni mill-Membri tad-WTO.

([96]) WT/DS473/AB/R — l-Unjoni Ewropea — Miżuri Anti-dumping fuq il-Bijodiżil mill-Arġentina — AB-2016–4 — Rapport tal-Korp tal-Appell, il-punt 6.198.

([97]) Is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2017, Viraj Profiles vs Il-Kunsill, T-67/14, EU:T:2017:481, il-punt. 98.

(150) Barentz indikat li l-allegazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni dwar id-distorsjonijiet fis-suq tal-liżina fiċ-Ċina jsiru fuq bażi ġenerali, abbażi ta' rapporti jew deċiżjonijiet preċedenti tal-UE dwar id-distorsjonijiet f'setturi oħra. Madankollu, biex jiġi applikat l-Artikolu 2 (6a) u (6b) tar-Regolament bażiku, huwa meħtieġ li jiġi ppruvat li l-prezzijiet domestiċi fiċ-Ċina mhumiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles, iżda li huma affettwati minn intervent sostanzjali tal-gvern fil-każ speċifiku tal-liżina. Mhuwiex biżżejjed biex jiddikjara intervent ġenerali fl-ekonomija mill-gvern Ċiniż. Għall-kuntrarju, huwa meħtieġ li tingħata prova ta' għajnuniet Ċiniżi speċifiċi għas-suq tal-liżina, u r-rabta bejn l-azzjonijiet tal-gvern u l-prezzijiet tal-liżina. Konsegwentement, Barentz irrakkomandat l-użu ta' prezzijiet domestiċi fiċ-Ċina biex jiġi stabbilit jekk id-dumping iseħħx jew le.

(151) L-argument ta' Barentz kellu jiġi miċħud għar-raġunijiet diġà speċifikati fil-premessa (147) hawn fuq. Il-Kummissjoni indikat b'mod partikolari li d-determinazzjonijiet li jiġġustifikaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 2 (6a) tar-Regolament bażiku ma sarux fid-dawl tal-allegazzjoni tal-industrija tal-Unjoni iżda abbażi tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni stess, kif deskritt fid-dettall fit-Taqsimiet minn 3.2.2 sa 3.2.9.

3.3. **Pajjiż rappreżentattiv**

3.3.1. *Kummenti ġenerali*

(152) L-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv kienet ibbażata fuq il-kriterji li ġejjin, skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku:

— Livell ta' żvilupp ekonomiku simili għar-RPĊ. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni użat pajjiżi b'introjtu nazzjonali gross per capita simili għar-RPĊ fuq il-bażi tal-bażi tad-data tal-Bank Dinji ([98]);

— Il-produzzjoni tal-prodott taħt investigazzjoni f'dak il-pajjiż;

— Disponibbiltà tad-data pubblika rilevanti fil-pajjiż rappreżentattiv.

— Meta jkun hemm aktar minn pajjiż rappreżentattiv wieħed possibbli, ngħatat preferenza, fejn xieraq, lill-pajjiż b'livell adegwat ta' protezzjoni soċjali u ambjentali.

(153) Kif spjegat fil-premessi minn (44) sa (46), il-Kummissjoni ħarġet żewġ noti għall-fajl dwar is-sorsi għad-determinazzjoni tal-valur normali: l-Ewwel Nota dwar il-fatturi ta' produzzjoni tat-28 ta' Ġunju 2024 u t-Tieni Nota dwar il-fatturi ta' produzzjoni tal-31 ta' Ottubru 2024. Dawn in-noti ddeskrivew il-fatti u l-evidenza li fuqhom huma bbażati l-kriterji rilevanti, u indirizzaw ukoll il-kummenti li rċevew il-partijiet dwar dawk l-elementi u dwar is-sorsi rilevanti. Fit-Tieni Nota dwar il-fatturi ta' produzzjoni, il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati bl-intenzjoni tagħha li tqis lill-Kolombja bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq f'dan il-każ jekk tiġi kkonfermata l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

3.3.2. *Livell ta' żvilupp ekonomiku simili għar-RPĊ*

(154) Fl-Ewwel Nota dwar il-fatturi ta' produzzjoni, il-Kummissjoni identifikat lill-Brażil bħala l-uniku pajjiżi b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħar-RPĊ skont il-Bank Dinji, jiġifieri li huma kollha kklassifikati mill-Bank Dinji bħala pajjiżi "b'introjtu medju superjuri" fuq bażi tal-introjtu nazzjonali gross, fejn kien magħruf li jiġi manifatturat il-prodott taħt investigazzjoni.

(155) Waslu kummenti mingħand Eppen, u Barentz-Agri Nutrition NV, importatur/utent tal-Unjoni, li jipproponu l-użu tal-Indonezja bħala pajjiż rappreżentattiv peress li tipproduċi u tesporta l-liżina lejn l-Unjoni. Il-Kummissjoni tinnota li l-Indonezja kisbet biss l-istatus ta' pajjiż b'introjtu medju superjuri f'Lulju 2023 u għalhekk ma kellhiex l-istess livell ta' żvilupp ekonomiku bħar-RPĊ għall-perjodu sħiħ ta' investigazzjoni u għalhekk mhijiex xierqa. Għalhekk, din il-proposta ma ntlaqgħetx.

([98]) Id-Data Miftuħa tal-Bank Dinji – Introjtu Medju Superjuri, https://data.worldbank.org/income-level/upper-middle-income.

(156) Fir-rigward tal-Brażil, il-Kummissjoni analizzat l-importazzjonijiet tal-fatturi ewlenin tal-produzzjoni fil-Brażil. L-analiżi tad-data tal-importazzjoni wriet li l-importazzjonijiet fil-Brażil tal-fatturi ewlenin tal-produzzjoni ma kinux affettwati mill-importazzjonijiet mir-RPĊ.

(157) Meihua, ikkummentat li l-Brażil mhuwiex pajjiż rappreżentattiv xieraq li jinnota d-diskrepanza fil-prezzijiet tal-importazzjoni Brażiljana mill-prezzijiet internazzjonali. Eppen, u l-industrija tal-Unjoni appoġġaw ukoll il-fehma li l-prezzijiet tal-importazzjoni tal-Brażil għall-qamħ/qamħirrum mhumiex xierqa bħala parametri referenzjarji.

3.3.3. *Data faċilment disponibbli fil-pajjiż rappreżentattiv*

(158) Fl-Ewwel Nota, il-Kummissjoni indikat li għall-pajjiż identifikat bħala pajjiż b'livell ekonomiku simili għal tal-PRĊ u li huwa wkoll produttur tal-liżina, jiġifieri l-Brażil, id-disponibbiltà tad-data pubblika kellha tiġi vverifikata aktar b'mod partikolari fir-rigward tad-data finanzjarja pubblika mill-produtturi tal-prodott li qiegħed jiġi investigat.

(159) Madankollu, fir-rigward tad-data finanzjarja, il-Kummissjoni ma setgħetx issib data finanzjarja faċilment disponibbli għall-produtturi tal-liżina fil-Brażil għaż-żewġ kumpaniji li ġew identifikati fl-Ewwel Nota bħala produtturi tal-liżina, jiġifieri Evonik Brażil u CJ do Brazil. Għaż-żewġ produtturi tal-liżina identifikati mill-industrija tal-Unjoni, jiġifieri Birla Carbon ([99]) u QGP Quimica ([100]), il-Kummissjoni investigat aktar u kkonkludiet li dawn il-kumpaniji ma kinux qed jipproduċu l-prodott taħt investigazzjoni u li l-proċessi tal-produzzjoni tagħhom ma kinux simili għall-proċess tal-produzzjoni tal-liżina.

(160) Il-Kummissjoni sabet informazzjoni finanzjarja għal kumpanija Brażiljana fin-negozju tal-fermentazzjoni, Union Agro S.A. Din il-kumpanija tipproduċi fertilizzanti li fihom ukoll amminoaċidi, proteini u enzimi. Madankollu, l-aħħar perjodu li għalih id-data ta' Union Agro S.A. hija disponibbli huwa l-2022.

(161) Peress li ma kien hemm ebda data finanzjarja faċilment disponibbli għal kumpanija li tipproduċi l-prodott taħt investigazzjoni fil-Brażil għall-perjodu ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Brażil ma setax jitqies bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq għal din l-investigazzjoni.

3.3.4. *Produzzjoni ta' prodotti fl-istess kategorija u/jew settur ġenerali*

(162) Peress li ma kien hemm ebda data finanzjarja disponibbli għal pajjiżi li għandhom livell simili ta' żvilupp ekonomiku għar-RPĊ u fejn hemm produzzjoni tal-liżina, il-Kummissjoni qieset il-produzzjoni ta' prodott fl-istess kategorija u/jew settur ġenerali tal-prodott taħt investigazzjoni. Fl-Ewwel Nota, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-aċidu ċitriku kien prodott indikatur xieraq fl-istess kategorija u/jew settur ġenerali bħal-liżina bil-ħsieb li jiġi identifikat valur mingħajr distorsjoni f'pajjiż rappreżentattiv b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħar-RPĊ għall-istess fatturi ta' produzzjoni użati fil-produzzjoni tal-liżina. L-aċidu ċitriku huwa prodott fl-istess kategorija u subkategorija ġenerali tal-prodott taħt investigazzjoni (sustanzi kimiċi, b'mod partikolari aċidi organiċi miksuba permezz tal-fermentazzjoni). Bħal-liżina, l-aċidu ċitriku huwa prodott kimiku organiku prodott bil-fermentazzjoni tal-karboidrati agrikoli. Kemm l-aċidu ċitriku kif ukoll il-liżina jiġu prodotti permezz ta' proċess ta' fermentazzjoni bi stadji regolati segwiti minn fażi ta' kristallizzazzjoni ([101]) u t-tnixxif tal-kristalli. Kemm il-liżina kif ukoll l-aċidu ċitriku jistgħu jinbiegħu jew f'forma ta' materja niexfa jew f'soluzzjonijiet milwiema, u ż-żewġ prodotti jintużaw b'mod komuni mill-industriji farmaċewtiċi u tal-ikel.

([99]) "Birla Carbon huwa wieħed mill-akbar manifatturi u fornituri tal-addittivi tal-iswed tal-karbonju ta' kwalità għolja globalment, u negozju ewlieni ta' US $60 biljun, Aditya Birla Group... Aħna nipprovdu portafoll komplut ta' prodotti fi gradi ASTM u suwed ta' speċjalità biex nissodisfaw ir-rekwiżiti aħħarin speċifiċi fil-gomma, il-plastiks, il-kisi, il-linka u l-industriji niċċa globalment." https://www.birlacarbon.com/about/.

([100]) QGP Quimica tipproduċi u tipprovdi prodotti kimiċi għall-industriji tal-ġilda, l-agrikoltura u l-kostruzzjoni.

([101]) Development of Amino Acid Crystallization Processes: l-Glutamic Acid Benny Harjo, Ka Ming Ng, and Christianto Wibowo Industrial & Engineering Chemistry Research 2007 46 (9), 2814-2822 DOI: 10.1021/ie061148f.

(163) Il-Kummissjoni qieset li l-aċidu ċitriku, peress li huwa aċidu organiku dgħajjef essenzjali b'użu estensiv fl-industriji farmaċewtiċi u tal-ikel, kien prodott xieraq tal-istess subkategorija peress li għandhom l-istess materja prima ewlenija tal-input, oġġetti tal-konsum rilevanti komuni, u proċessi ta' produzzjoni simili ħafna. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-aċidu ċitriku kien prodott xieraq fl-istess subkategorija (aċidi organiċi miksuba permezz tal-fermentazzjoni) bħall-prodott taħt investigazzjoni. Il-Kummissjoni għalhekk indikat li se tuża l-produzzjoni tal-aċidu ċitriku, prodott simili għal-liżina, biex tistabbilixxi pajjiż rappreżentattiv xieraq għall-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. F'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, tqies li d-data finanzjarja għall-produtturi tal-aċidu ċitriku tista' titqies bħala rappreżentattiva wkoll għall-produtturi esportaturi tal-prodott ikkonċernat.

(164) Barentz, importatur tal-Unjoni, oġġezzjona għall-użu tal-aċidu ċitriku peress li dan huwa maħsub għall-konsum mill-bniedem, filwaqt li l-liżina hija addittiv tal-għalf. Huwa ppropona li minflok jintuża l-glutamat tal-monosodju. Il-Kummissjoni tinnota li l-karatteristika ta' definizzjoni meħtieġa hija s-similarità tal-proċedura tal-produzzjoni u li fi kwalunkwe każ, l-ikel u l-għalf huma fl-istess oqfsa regolatorji fir-rigward tal-importazzjonijiet lejn l-UE. Il-kumment għalhekk ma ntlaqax.

(165) Analiżi tal-livell ta' introjtu u produzzjoni tal-aċidu ċitriku identifikat lill-Brażil, il-Kolombja u t-Tajlandja bħala pajjiżi rappreżentattivi possibbli bl-istess livell ta' żvilupp bħar-RPĊ u fejn isseħħ il-produzzjoni tal-aċidu ċitriku.

(166) L-industrija tal-Unjoni u Meihua qablu mal-għażla proviżorja tal-Kolombja bħala pajjiż rappreżentattiv, filwaqt li nnutaw in-nuqqas ta' distorsjonijiet u ta' dipendenza fuq l-importazzjonijiet tar-RPĊ.

(167) Fir-rigward tat-Tajlandja, il-Kummissjoni infurmat fit-Tieni Nota li, kif innutat ukoll minn Meihua fit-tweġiba tagħha għall-Ewwel Nota, il-prezz tal-qamħirrum kien soġġett għal distorsjoni minħabba kwota tal-importazzjoni applikabbli, u addizzjonalment, li d-data finanzjarja tal-kumpanija ma tiġix ġeneralment awditjata u għalhekk titqies ta' kwalità inqas. Għalhekk, il-Kummissjoni eskludiet it-Tajlandja milli tiġi kkunsidrata bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq.

(168) Fir-rigward tal-Brażil, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet fil-Brażil tal-fatturi prinċipali ta' produzzjoni ma ġewx affettwati mill-importazzjonijiet mir-RPĊ. Madankollu, l-importazzjonijiet fil-Brażil tal-qamħ/qamħirrum, il-fattur ta' produzzjoni l-aktar importanti (FOP, factor of production), kienu limitati peress li l-Brażil huwa esportatur prinċipali tal-qamħ/qamħirrum. Barra minn hekk, il-prezz għall-importazzjonijiet kien 15 % inqas mill-prezz għall-esportazzjonijiet u madwar 30 % inqas mill-prezz medju tat-total tal-importazzjonijiet fid-dinja kollha. Għalhekk, id-dazju mħallas fuq il-prezzijiet tal-importazzjoni fil-Brażil ma setax jitqies bħala parametru referenzjarju xieraq għall-qamħ/qamħirrum, u fin-nuqqas ta' parametru referenzjarju għall-FOP l-aktar sinifikanti, il-Brażil ma setax jitqies bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq.

(169) Fir-rigward tal-Kolombja, l-istess analiżi wriet ukoll li hija tista' tintuża bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq peress li għandha l-istess livell ekonomiku bħar-RPĊ u l-importazzjonijiet tagħha tal-fatturi prinċipali ta' produzzjoni ma ġewx affettwati materjalment mill-importazzjonijiet mir-RPĊ jew minn wieħed mill-pajjiżi elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([102]). Barra minn hekk, il-Kummissjoni infurmat fl-Ewwel Nota li kienet identifikat produttur tal-aċidu ċitriku, Sucroal, li d-data finanzjarja tiegħu kienet faċilment disponibbli għall-perjodu ta' investigazzjoni. Wieħed mill-produtturi esportaturi u l-industrija tal-Unjoni appoġġa l-użu tal-Kolombja u ma tqajmet ebda oġġezzjoni għall-użu ta' Sucroal.

(170) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati bit-Tieni Nota li għandha l-intenzjoni li tuża l-Kolombja bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq u Sucroal S.A., f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a), l-ewwel inċiż tar-Regolament bażiku sabiex jinkisbu prezzijiet mingħajr distorsjoni jew parametri referenzjarji għall-kalkolu tal-valur normali.

(171) Il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkummentaw dwar ix-xerqien tal-Kolombja bħala pajjiż rappreżentattiv u ta' Sucroal bħala produttur fil-pajjiż rappreżentattiv.

([102]) Ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33) ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2015/755/oj. L-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku jqis li l-prezzijiet domestiċi f'dawk il-pajjiżi ma jistgħux jintużaw għall-fini tad-determinazzjoni tal-valur normali.

(172) Bi tweġiba għat-Tieni Nota, l-ilmentatur u Meihua appoġġaw l-użu tal-Kolombja u ta'Sucroal. Eppen innotat li bejn l-Ewwel u t-Tieni Nota l-Kummissjoni kienet irrevediet id-data finanzjarja li pprovdiet għal Sucroal u talbet spjegazzjoni għar-reviżjoni. Il-kumpanija talbet ukoll data aktar dettaljata biex tiżgura li l-kostijiet operatorji l-oħra ta' Sucroal ma jinkludux elementi mnaqqsa mill-prezz tal-esportazzjoni meta dan jinħadem għal-livell tal-kummerċ mill-fabbrika. Fir-rigward tal-aġġornament tad-data ta' Sucroal, il-Kummissjoni nnutat li d-data finanzjarja tista' tiġi riveduta, pereżempju wara awditu, u li l-Kummissjoni tibbaża l-analiżi tagħha fuq id-data l-aktar aġġornata u preċiża disponibbli. Biex tiżgura dan, il-Kummissjoni rkuprat id-data finanzjarja ta' Sucroal mill-awtoritajiet Kolombjani. Id-data fiha taqbel mad-data pprovduta mat-Tieni Nota, u għaldhekk, il-Kummissjoni tqis li pprovdiet id-data l-aktar aġġornata u preċiża u, għalhekk, il-kumment ġie indirizzat. It-talba fir-rigward tad-diżaggregazzjoni tal-"ispejjeż operatorji oħra" hija indirizzata fil-premessa (219) hawn taħt.

3.3.5. *Livell ta' protezzjoni soċjali u ambjentali*

(173) Wara li ġie stabbilit li l-Kolombja kienet l-uniku pajjiż rappreżentattiv xieraq disponibbli, abbażi tal-elementi kollha ta' hawn fuq, ma kienx hemm bżonn li titwettaq valutazzjoni tal-livell ta' protezzjoni soċjali u ambjentali f'konformità mal-aħħar sentenza tal-Artikolu 2(6a)(a), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku.

3.3.6. *Konklużjoni*

(174) Fid-dawl tal-analiżi ta' hawn fuq, il-Kolombja ssodisfat il-kriterji stipulati fl-Artikolu 2(6a)(a), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku sabiex titqies bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq.

3.4. **Sorsi li ntużaw biex jiġu stabbiliti kostijiet u parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni**

(175) Fl-Ewwel Nota, il-Kummissjoni elenkat il-fatturi ta' produzzjoni, bħall-materjali, l-enerġija u l-manodopera, użati fil-produzzjoni tal-prodott taħt investigazzjoni mill-produtturi esportaturi u stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw u jipproponu informazzjoni faċilment disponibbli dwar il-valuri mingħajr distorsjoni għal kull wieħed mill-fatturi ta' produzzjoni msemmija f'dik in-nota.

(176) Sussegwentement, fit-Tieni Nota, il-Kummissjoni ddikjarat li sabiex taħdem il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, hija kienet se tuża l-Global Trade Atlas ([103]) (il-"GTA") biex tistabbilixxi l-kost mingħajr distorsjoni tal-materja prima u tal-faħam. Il-Kummissjoni ddikjarat ukoll li kienet se tuża prezzijiet tal-elettriku faċilment disponibbli mill-Kolombja ([104]) għad-determinazzjoni tal-prezzijiet tal-elettriku kif ukoll tal-gass u l-fwar (bl-użu ta' data faċilment disponibbli għall-kalkolu tal-enerġija meħtieġa għall-ġenerazzjoni tal-fwar abbażi tad-data tal-Gvern tal-Istati Uniti ([105])), u l-Istatistika tal-ILO ([106]) biex tiddetermina l-kostijiet lavorattivi.

(177) Fit-Tieni Nota, il-Kummissjoni informat ukoll lill-partijiet interessati li minħabba l-għadd kbir ta' fatturi ta' produzzjoni tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun li pprovdew informazzjoni kompluta u l-piż negliġibbli ta' xi materja prima fil-kost totali tal-produzzjoni, dawn il-partiti negliġibbli kienu raggruppati taħt "materjal konsumabbli". Barra minn hekk, il-Kummissjoni infurmat li kienet se tikkalkula l-perċentwal tal-materjal konsumabbli fuq l-kost totali tal-materja prima u tapplika dan il-perċentwal għall-kost ikkalkulat mill-ġdid tal-materja prima meta tuża l-parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni stabbiliti fil-pajjiż rappreżentattiv xieraq.

([103]) Il-Global Trade Atlas, Disponibbli fuq https://connect.ihsmarkit.com/gta/home.

([104]) Ara https://www.enel.com.co/es/personas/tarifas-energia-enel-distribucion.html. Għal kull xahar, jiġu rrapportati prezzijiet għal Tarifas de energia electrica ($/kWh)/Sector no residencial/Nivel 3/Industrial sin contribucion/Doble horario (binhar u billejl).

([105]) US Department of Energy: Benchmark the Fuel Cost of Steam Generation, Energy Tips: STEAM, Steam Tip Sheet #15 (Fact Sheet), Advanced Manufacturing Office (AMO), Energy Efficiency & Renewable Energy (EERE)

([106]) https://rshiny.ilo.org/dataexplorer54/?lang=en&segment=indicator&id=EAR_XEES_SEX_ECO_NB_Q.

3.4.1. *Fatturi ta' produzzjoni*

(178) Meta titqies l-informazzjoni kollha ppreżentata mill-partijiet interessati u miġbura matul iż-żjarat ta' verifika, il-fatturi ta' produzzjoni li ġejjin u s-sorsi tagħhom ġew identifikati sabiex jiġi ddeterminat il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku:

Tabella 1

Fatturi ta' produzzjoni tal-liżina

Fattur ta' Produzzjoni	Kodiċi tal-Merkanzija	Sors tad-	Valur (CNY)	Unità ta' kejl
Materja prima				
Qamħ/qamħirrum	1005 90 1005 90 11	GTA	2,180 ([107])	kg
Sulfat tal-ammonju	3102 2100	GTA	1,555	kg
Aċidu idrokloriku	2806 1000	GTA	1,399	kg
Ammonijaka Anidra	2814 1000	GTA	4,422	kg
Għasel iswed tal-kannamieli	1703 1000	GTA	4,603	kg
Melassa oħra	1703 9000	GTA	1,653	kg
Betaina kloridrat	2923 90/ 2923 9010	GTA	19,639	kg
Idrossidu tas-sodju	2815 12/ 2815 1200	GTA	2,350	kg
Xogħol				
Xogħol	[M/A]	ILO	20,1	Siegħa ta' xogħol
Enerġija				
Faħam	2701 1100	GTA	1,638	Kg
Elettriku	2716 00	It-tariffi tal-konsum tal-elettriku tal-fornitur Kolombjan Enel.co ([108])	1,18	kWh
Gass naturali	2711 21	Il-prezzijiet internazzjonali tal-enerġija fuq globalprices.com ([109])	CNY 4,28/m³ (abbażi ta' CNY 0,4058 għal kull kWh u 10,55 kWh prodotti għal kull m³ ta'gass)	Metru kubu

([107]) Prezz aġġustat biex jirrifletti l-primjum ta' qamħirrum mhux OĠM.
([108]) https://www.enel.com.co/es/personas/tarifas-energia-enel-distribucion.html. /
([109]) https://www.globalpetrolprices.com/natural_gas_prices/prices.com/natural_gas_prices/

Fattur ta' Produzzjoni	Kodiċi tal-Merkanzija	Sors tad-	Valur (CNY)	Unità ta' kejl
Fwar fi 13-il bar	[M/A]	Il-prezzijiet internazzjonali tal-enerġija fuq globalprices.com ([110])	364,33 CNY/Tunnellata	Prezz ta' 897,8 kWh (kwantità ta' gass f'kWh meħtieġa biex tiġi prodotta tunnellata (1) ta' fwar fi 13-il bar)
Ilma	[M/A]	Tariffi tal-ilma tal-fornitur Kolombjan Aqueducto ([111])	15,33	Metru kubu
Prodott sekondarju				
Nibbieta tal-qamħirrum	1104 30	GTA	Pro rata (*)	
It-trab tal-proteina tax-xorrox	2309 90	GTA	Pro rata (*)	
Fdal tal-manifattura tal-lamtu u fdalijiet simili	2303 10	GTA	Pro rata (*)	
Nuħħala tal-qamħirrum/ħliefa	2302 10	GTA	Pro rata (*)	
Xgħir u barli miħun oħxon(Cereal groat), pasta u gerbub tal-qamħirrum	1103 13	GTA	Pro rata (*)	

(*) Pro Rata: Ara l-premessa (188)

(179) Għall-konverżjoni tal-prezzijiet tal-Pesos Kolombjani (COP) għal Yuan Ċiniż (CNY) il-Kummissjoni użat ir-rata ta' konverżjoni tal-2023 tal-COP għal USD disponibbli fis-sit tal-Bank Dinji u r-rati ta' konverżjoni għal USD u s-CNY disponibbli permezz tal-Bank Ċentrali Ewropew. Ir-rata ta' konverżjoni kienet ta' 1 CNY = 0,001637 COP.

(180) L-ilmentatur ikkummenta dwar l-effiċjenza tal-produzzjoni u l-kwantitajiet tal-fatturi ta' produzzjoni meħtieġa. Peress li l-Kummissjoni vverifikat il-kwantitajiet u l-fatturi ta' produzzjoni meħtieġa bi żjarat fuq il-post, fil-kalkolu tal-valur normali se tuża l-kwantitajiet u l-FOPs irrappurtati mill-produtturi esportaturi u vverifikati mill-Kummissjoni.

(181) Il-Kummissjoni inkludiet valur għall-kostijiet ġenerali tal-manifattura sabiex tkopri l-kostijiet mhux inklużi fil-fatturi ta' produzzjoni msemmija aktar 'il fuq. Biex tistabbilixxi dan l-ammont, il-Kummissjoni użat l-kostijiet tal-manifattura rrappurtati tal-produtturi esportaturi fil-kampjun li ma kinux ġew inklużi fl-FOP individwali ta' hawn fuq, bħad-deprezzament, l-kost għall-kontroll tal-kwalità, u l-kostijiet għall-manutenzjoni. Dawn il-kostijiet jinkludu l-kost għall-mikroorganiżmu użat fil-fermentazzjoni.

([110]) https://www.globalpetrolprices.com/natural_gas_prices/prices.com/natural_gas_prices/
([111]) https://www.acueducto.com.co.

(182) L-ammonti tagħhom ittieħdu mit-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi esportaturi. L-ammont il-ġdid għall-ispejjeż ġenerali tal-manifattura ġie espress bħala perċentwal tal-kostijiet tal-manifattura rrapportati u ġie applikat għall-kostijiet tal-manifattura kkalkulati mill-ġdid.

3.4.2. *Materja prima*

(183) Sabiex jiġi stabbilit il-prezz mingħajr distorsjoni tal-materja prima kif imwassal mill-pajjiż produttur rappreżentattiv, il-Kummissjoni użat bħala bażi l-prezz medju ponderat tal-importazzjoni lejn il-Kolombja kif irrappurtat fil-GTA li miegħu ġew miżjuda d-dazji fuq l-importazzjoni. Il-prezz tal-importazzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv ġie ddeterminat bħala medja ponderata tal-prezzijiet unitarji tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha eskluži r-RPĊ u l-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness 1 tar-Regolament (UE) 2015/755. ([112]) Il-kwantitajiet li fadal kienu kkunsidrati bħala rappreżentattivi. Il-Kummissjoni ddeċidiet li teskludi importazzjonijiet mir-RPĊ lejn il-pajjiż rappreżentattiv, kif ikkonkludiet fit-Taqsima 3.2 hawn fuq li mhux xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fir-RPĊ minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Minħabba li ma hemm l-ebda evidenza li turi li l-istess distorsjonijiet ma jaffettwawx bl-istess mod il-prodotti maħsubin għall-esportazzjoni, il-Kummissjoni qieset li l-istess distorsjonijiet affettwaw il-prezzijiet tal-esportazzjoni.

(184) Il-qamħirrum użat fil-produzzjoni tal-liżina fir-RPĊ mhuwiex OĠM. L-ilmentatur innota fit-tweġiba tiegħu għat-Tieni Nota li l-Kolombja timporta qamħirrum fil-biċċa l-kbira mill-Istati Uniti u l-Brażil fejn ir-rati ta' adozzjoni tal-OĠM huma għoljin. Qamħirrum mhux OĠM għandu primjum fir-rigward tal-qamħirrum OĠM minħabba -fost raġunijiet oħra- rendimenti aktar baxxi, u kostijiet tal-produzzjoni u l-konformità ogħla. Il-prezz tal-qamħirrum importat lejn il-Kolombja b'hekk kien adattat biex jirrifletti d-differenza fil-prezz. Id-data użata kienet il-primjum mogħti għall-qamħirrum mhux OĠM fis-suq tal-Istati Uniti mis-sit Fastmarkets.com.

(185) Għall-faħam, l-aċidu idrokloriku u melassi oħra, il-kwantitajiet ta' importazzjoni fil-Kolombja kienu limitati. Il-prezzijiet stabbiliti fuq il-bażi tal-importazzjonijiet għalhekk tqiesu li kienu mhux rappreżentattivi. Biex tistabbilixxi parametru referenzjarju għal dawn l-FOPs, il-Kummissjoni użat il-medja ponderata tal-prezzijiet unitarji tal-importazzjonijiet li joriġinaw fil-pajjiżi kollha minbarra r-RPĊ u l-pajjiżi elenkati fl-Anness 1 tar-Regolament (UE) 2015/755, kif irrappurtat fil-GTA bid-dinja bħala s-sieħba tagħhom. Fit-Tabella 1 ma ġie rrapportat l-ebda parametru referenzjarju għall-aċidu sulfuriku li kien elenkat fit-Tieni Nota minħabba li l-produtturi esportaturi ma kinux qed jużaw din il-materja prima fil-proċessi tagħhom.

(186) Għal numru ta' fatturi ta' produzzjoni, l-kostijiet attwali mġarrba mill-produtturi esportaturi li kkooperaw irrappreżentaw sehem negliġibbli mill-kostijiet totali tal-materja prima fil-perjodu ta' investigazzjoni. Peress li l-valur użat għal dawn ma kellu ebda impatt apprezzabbli fuq il-kalkoli tal-marġni tad-dumping, irrispettivament mis-sors użat, il-Kummissjoni ddeċidiet li tinkludi dawk il-kostijiet fil-materjal konsumabbli. Wara t-Tieni Nota, il-lista tal-FOP tqassret aktar minħabba l-kontribuzzjoni negliġibbli ta' xi materjali għall-kost tal-produzzjoni u n-nuqqas ta' prezzijiet tal-importazzjonijiet fil-Kolombja mill-GTA. Għalhekk, il-valuri tal-materjal tal-imballaġġ, tas-soluzzjoni milwiema ta' ammonijaka u tal-arja kkompressata żdiedu wkoll mal-valur tal-materjal konsumabbli.

3.4.3. *Prodotti sekondarji*

(187) Il-Kummissjoni analizzat il-prattiki kontabilistiċi tal-produtturi esportaturi Ċiniżi fil-kampjun li huma relatati mal-prodotti sekondarji u rriċerkat il-prezzijiet disponibbli għalihom. Il-kategoriji prinċipali tal-prodotti sekondarji rrappurtati huma dawk li jirriżultaw mit-trattament tal-qamħirrum biex jiġi prodott il-glukożju, pereżempju nibbieta tal-qamħirrum, grixa tal-qamħirrum, qoxra tal-qamħirrum. L-ilmentatur ikkummenta u pprovda evidenza li l-karatteristiċi u l-użi tal-prodotti inklużi taħt dawn il-kategoriji tal-prodotti sekondarji huma differenti ħafna li mbagħad jiġi rifless fid-diversità tal-prezzijiet. Madankollu, il-prezzijiet ta' dawn il-prodotti huma direttament marbuta mal-prezz tal-qamħirrum li jiġu prodotti minnu.

([112]) Ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33). L-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku jqis li l-prezzijiet domestiċi f'dawk il-pajjiżi ma jistgħux jintużaw għall-fini tad-determinazzjoni tal-valur normali.

(188) Għaldaqstant, għal dawk il-prodotti sekondarji fin-nuqqas ta' kwalunkwe data oħra disponibbli, il-Kummissjoni ħadet b'mod proviżorju l-proporzjon bejn il-prezz fir-RPĊ għall-prodott sekondarju meta mqabbel mal-prezz fir-RPĊ għall-qamħirrum irrappurtat mill-produtturi esportaturi fil-kampjun. Dan il-proporzjon ġie applikat minn hemm 'il quddiem għall-prezz tal-qamħirrum fil-Kolombja, kif derivat mill-GTA biex jiġi kkalkulat il-parametru referenzjarju għal dawn il-prodotti sekondarji.

3.4.4. *Manodopera*

(189) L-ILO tippubblika informazzjoni dettaljata dwar il-pagi f'setturi ekonomiċi differenti fil-Kolombja. Il-Kummissjoni użat l-aħħar data disponibbli għall-pubbliku mill-istatistika tal-ILO ([113]) biex tiddetermina l-pagi fis-settur tal-industrija fil-Kolombja. Il-valur medju ta' kull xahar fil-perjodu ta' investigazzjoni ġie aġġustat kif xieraq għal kontribuzzjonijiet oħra billi tiżdied is-sigurtà soċjali mħallsa mill-impjegatur inkluża t-taxxa fuq il-pensjoni u r-riskju professjonali: 12 % bħala kontribuzzjoni tal-impjegatur għall-fond ta' pensjoni, 8,5 % għall-assigurazzjoni tas-saħħa, u 6,5 % għat-taxxi fuq il-pagi mħallsa ([114]) ([115]). Il-kost lavorattiv medju fis-siegħa għal kull FTE jammonta għal 20,1 CNY/siegħa tax-xogħol.

(190) Produttur esportatur iddikjara li l-kontribuzzjoni ta' solidarjetà indikata fit-Tieni Nota mhijiex applikabbli għall-impjegaturi u li l-kontribuzzjoni ta' 8,5 % għas-saħħa u t-taxxa fuq pagi mħallsa ta' 4-9 % huma applikabbli biss meta s-salarji tal-impjegati jkunu jaqbżu l-10 pagi minimi ta' kull xahar.

(191) Peress li l-paga medja ta' kull xahar fl-industrija taqbeż il-paga minima ta' kull xahar għall-2023 fil-Kolombja (COP 1 160 000 flimkien ma' COP 140 000 għat-tariffi tat-trasport) il-kontribuzzjonijiet għas-saħħa u t-taxxa fuq il-pagi mħallsa huma applikabbli u l-pretensjoni ma ntlaqgħetx.

(192) L-istess produttur iddikjara wkoll li s-sigħat medji ta' kull ġimgħa fil-Kolombja matul il-perjodu ta' investigazzjoni kienu ta' 39,3 sigħat ([116]). Il-Kummissjoni aċċettat din il-pretensjoni u l-kontribuzzjoni ta' solidarjetà ma kinitx inkluża fil-kalkoli u s-sigħat medji ta' kull ġimgħa użati ġew adattati għal 39,3 siegħa kull ġimgħa.

3.4.5. *Elettriku*

(193) Il-Kummissjoni użat ir-rati rilevanti tal-prezzijiet tal-elettriku għall-utenti industrijali kif ippubblikati mill-fornitur prinċipali tal-elettriku fil-Kolombja, Enel ([117]) fis-sit web tiegħu.

(194) Produttur esportatur innota li l-elettriku użat mill-fabbriki Ċiniżi huwa b'vultaġġ ogħla minn dak li jikkorrispondi għal Nivel 2 ([118]) għall-industrija fil-Kolombja. Għaldaqstant, il-Kummissjoni adattat il-parametru referenzjarju biex jirrifletti l-prezzijiet għal Nivel 3. Ma ġew miżjuda ebda imposti addizzjonali peress li l-prezz irrappurtat ikopri l-ispejjeż kollha. Il-prezz għal kull kWh meħud minn dan is-sors ammonta għal CNY 1,18.

3.4.6. *Gass naturali*

(195) Il-Kummissjoni użat il-prezz tal-gass għan-negozji fil-Kolombja kif ippubblikat minn GlobalPetroPrices ([119]) fuq is-sit web tiegħu. Il-Kummissjoni użat il-prezz medju tal-gass naturali għan-negozji fil-Kolombja fl-2023 (jiġifieri EUR 53 għal kull MWh jew CNY 405,8 għal kull MWh). Dawn ir-rati jinkludu t-taxxi, it-tariffi u l-komponenti l-oħra kollha tal-kont tal-gass. Ġie nnutat li 1 m^3 ta' gass naturali ≈ 10,55 kWh. Għalhekk, il-kost nominali ta' metru kubu wieħed ta' gass naturali huwa CNY 4,281 għal kull metru kubu.

([113]) L-ILOSTAT Data Explorer Qligħ nominali medju ta' kull xahar tal-impjegati skont il-ġeneru u l-attività ekonomika – Industrija tas-Settur.

([114]) https://www.dlapiperintelligence.com/goingglobal/tax/index.html?t=19-employment-taxes.

([115]) https://taxsummaries.pwc.com/colombia/individual/other-taxes;; https://actualicese.com/cuanto-le-cuesta-a-un-empleador-la-contratacion-de-un-trabajador-que-devengue-un-salario-minimo/.

([116]) Ara s-sett ta' data "Mean weekly hours actually worked per employed person by sex and economic activity – ISIC Level 2 – Annual", https://rshiny.ilo.org/dataexplorer54/?lang=en&segment=indicator&id=EAP_2WAP_SEX_AGE_RT_A.

([117]) Ara https://www.enel.com.co/es/personas/tarifas-energia-enel-distribucion.html. Għal kull xahar, jiġu rrapportati prezzijiet għal Tarifas de energia electrica ($/kWh)/Sector no residencial/Nivel 2/Industrial sin contribucion/Doble horario (binhar u billejl).

([118]) https://www.enel.com.co/content/dam/enel-co/espa%C3%B1ol/2-1-6-normas-tecnicas/otros-documentos/NIVELES%20DE%20TENSI%C3%93N.pdf
NIVELES DE TENSIÓN DE CONEXIÓN PARA CARGAS DE CLIENTES.

([119]) https://www.globalpetrolprices.com/natural_gas_prices/

3.4.7. *Fwar*

(196) Il-kost tal-fwar ġie ddeterminat bl-użu tal-kost tal-gass naturali espress bħala kWh u l-kwantità ta' gass espressa bħala kWh meħtieġa biex tiġi prodotta tunnellata waħda ta' fwar. Fit-tweġiba tagħhom għat-Tieni Nota, l-industrija tal-Unjoni nnutat li, fil-kalkolu għall-fwar inkluż fit-Tieni Nota, il-Kummissjoni ma qisitx li l-pressjoni tal-fwar użata għall-produzzjoni tal-liżina hija ta' 13-il bar. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset ir-rati ta' konverżjoni tal-enerġija ([120]) ġeneralment rikonoxxuti biex tikkalkula li 897,8 kWh huma meħtieġa biex tikkonverti tunnellata waħda ilma għal fwar bi 13-il bar. Dan huwa ugwali għal 85,1 m^3 ta' gass naturali meħtieġa biex tiġi prodotta tunnellata waħda ta' fwar. Peress li l-kost tal-gass naturali huwa ta' 405,8 CNY għal kull MWh, il-kost tal-produzzjoni ta' tunnellata waħda ta' fwar fi 13-il bar huwa ta' 364,33 CNY.

3.4.8. *Ilma*

(197) Il-kost tal-ilma ġie ddeterminat fuq il-bażi tal-kost tal-ilma minn fornitur tal-ilma Kolombjan ([121]), filwaqt li tqiesu l-kostijiet varjabbli għal kull m^3 u l-kostijiet fissi distribwiti bejn il-kwantitajiet tal-konsum tal-ilma. Esportatur talab li jintużaw biss it-"tariffas por consume". Madankollu l-prezzijiet fissi, minkejja li jagħmlu kontribuzzjoni żgħira ħafna, huma parti mill-kostijiet fissi għall-ilma fil-Kolombja, u għaldaqstant, il-kumment ġie miċħud.

3.4.9. *Kostijiet ġenerali tal-manifattura, kostijiet SG&A, profitti u deprezzament*

(198) Skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, "*il-valur normali maħdum għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti*". Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi stabbilit valur għall-kostijiet ġenerali tal-manifattura biex ikopri l-kostijiet mhux inklużi fil-fatturi tal-produzzjoni msemmija hawn fuq.

(199) Il-Kummissjoni użat id-data disponibbli l-aktar reċenti tal-2023 għall-kumpanija Kolombjana Sucroal S.A. bħala bażi għall-istabbiliment tal-kostijiet SG&A u r-rati tal-profitt biex jinħadem il-valur normali. Peress li d-data estratta minn Orbis u rrappurtata fit-Tieni Nota kienet ġiet aġġornata, u sabiex jiġi żgurat li l-kalkoli kienu bbażati fuq id-data disponibbli l-aktar reċenti, il-Kummissjoni kisbet id-data finanzjarja l-aktar reċenti mill-awtoritajiet Kolombjani ([122]) u se tuża din id-data għall-kalkoli.

(200) Il-Kummissjoni kkunsidrat li r-rati stabbiliti b'dan il-mod iwasslu għal ammonti raġonevoli ta' kostijiet SG&A u għal profitt fis-sens tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fuq livell ta' kummerċ mill-fabbrika.

(201) Meihua, produttur esportatur talab li l-profitt nett jenħtieġ li jintuża minflok il-profitt qabel it-taxxa. Huwa ddikjara li l-profitt nett ikun jirrifletti b'mod aktar preċiż is-sitwazzjoni finanzjarja reali tal-kumpanija fil-pajjiż rappreżentattiv. Peress li l-profitt qabel it-taxxa joffri informazzjoni intuwittiva dwar l-effiċjenza operazzjonali, filwaqt li l-profitt nett jiddependi miċ-ċirkostanzi tat-taxxa attwali tal-Kolombja u għalhekk mhux trasferibbli għall-kundizzjonijiet tat-taxxa fiċ-Ċina, il-Kummissjoni tqis li huwa raġonevoli li jintuża l-profitt qabel it-taxxa għall-kalkolu tal-valur normali. Meihua ddikjara wkoll li peress li l-Kummissjoni tinkludi l-impatt tat-taxxi, pereżempju fil-kalkolu tal-kostlavorattiv, huwa ġust li jiġi inkluż l-impatt tat-taxxi fil-valutazzjoni tal-prestazzjoni finanzjarja tal-kumpanija fil-pajjiż rappreżentattiv. Il-Kummissjoni tinnota li l-profitt jintuża għall-kalkolu tal-prezz mill-fabbrika u biex jitqabbel mal-prezz tal-esportazzjoni li skont il-ħtieġa ma jinkludix l-impatt tat-taxxi peress li dawn jiġu imposti fl-aħħar tas-sena fiskali. Għalhekk, l-inklużjoni tal-profitt nett minflok dak qabel it-taxxa toħloq żbilanċ. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din il-pretensjoni.

([120]) Benchmark the Fuel Cost of Steam Generation. Disponibbli fuq https://www.energy.gov/eere/amo/articles/benchmark-fuel-cost-steam-generation (ikkonsultat l-aħħar fid-19 ta' Novembru 2024).

([121]) https://www.acueducto.com.co.

([122]) Supersociedades huwa korp uffiċjali marbut mal-Ministeru tal-Kummerċ, tal-Industrija u tat-Turiżmu Kolombjan, kif innutat fuq https://www.supersociedades.gov.co/web/nuestra-entidad.

(202) Kemm Eppen kif ukoll Meihua nnutaw li d-data pprovduta minn Sucroal tinkludi "kostijiet operatorji oħra" u talbu li tiġi pprovduta data aktar dettaljata biex jiġi żgurat li dawn ma jinkludux spejjeż bħal merkanzija, immaniġġjar, assigurazzjoni u kostijiet bankarji li jiġu eskluži waqt il-kalkolu tal-prezz tal-esportazzjoni mill-fabbrika. L-aħħar data finanzjarja ta' Sucroal miksuba mill-awtoritajiet Kolombjani kif spjegat fil-premessa (199) tindika li "spejjeż operatorji oħra" jkopru "spejjeż ta' distribuzzjoni", "spejjeż ta' amministrazzjoni" u "spejjeż oħra". L-ebda diżaggregazzjoni ulterjuri ma kienet faċilment disponibbli għall-kostijiet SG &A ta' Sucroal.

(203) L-ispejjeż ġenerali tal-manifattura mġarrba mill-produtturi esportaturi fil-kampjun ġew espressi bħala sehem tal-kostijiet tal-manifattura li fil-fatt iġġarrbu minn dawn il-produtturi esportaturi. Dan il-persentaġġ ġie applikat għall-kostijiet tal-manifattura mingħajr distorsjoni.

3.5. **Kalkolu**

(204) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali għal kull tip ta' prodott fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

(205) L-ewwel nett, il-Kummissjoni stabbiliet il-kostijiet tal-manifattura mingħajr distorsjoni. Il-Kummissjoni applikat il-kostijiet unitarji mingħajr distorsjoni għall-konsum effettiv tal-fatturi individwali tal-produzzjoni tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun. Dawn ir-rati ta' konsum ipprovduti mill-applikant ġew ivverifikati tul il-verifika. Il-Kummissjoni mmultiplikat il-fatturi tal-użu bil-kostijiet mingħajr distorsjoni għal kull unità li ġew osservati fil-pajjiż rappreżentattiv, kif deskritt fit-Taqsima 3.4.

(206) Sabiex tasal għall-kostijiet mingħajr distorsjoni tal-produzzjoni, il-Kummissjoni l-ewwel żiedet l-ispejjeż ġenerali tal-manifattura mal-kost mingħajr distorsjoni tal-manifattura fuq il-bażi tal-proporzjon bejn l-ispejjeż ġenerali tal-manifattura u l-kostijiet tal-materjal kif irrappurtat minn kull manifattur.

(207) Sussegwentement, il-Kummissjoni applikat rati għall-kost SG&A u l-profitt kif deskritti fit-Taqsima 3.4.9). Dan tal-aħħar ġie determinat fuq il-bażi tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' Sucroal kif spjegat fil-premessa (199).

(208) Għall-kostijiet tal-produzzjoni stabbiliti kif deskritt fil-premessa preċedenti, il-Kummissjoni applikat il-kostijiet SG&A u l-profitt ta' Sucroal S.A. Il-kostijiet SG& A espressi bħala perċentwal tal-Kostijiet tal-Oġġetti Mibjugħa (is-"COGS", Costs of Goods Sold) u applikati għall-kostijiet mingħajr distorsjoni tal-produzzjoni, ammontaw għal 23,3 %. Il-profitt espress bħala perċentwal tas-COGS u applikat għall-kostijiet mingħajr distorsjoni tal-produzzjoni, kien jammonta għal 9,5 %.

3.6. **Prezz tal-esportazzjoni**

(209) Produttur esportatur wieħed fil-kampjun esporta lejn l-Unjoni direttament lil klijenti indipendenti. L-ieħor għamel ċerta esportazzjoni permezz ta' kumpanija relatata li taġixxi bħala importatur.

(210) Għal dawk l-esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat direttament lil klijenti indipendenti fl-Unjoni, il-prezz tal-esportazzjoni kien il-prezz effettivament imħallas jew pagabbli għall-prodott ikkonċernat meta jinbiegħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

(211) Għall-esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni permezz ta' kumpanija relatata li taġixxi bħala importatur, minn produttur esportatur wieħed fil-kampjun, il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-prezz li bih il-prodott importat inbiegħ mill-ġdid għall-ewwel darba lil klijenti indipendenti fl-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. F'dan il-każ, saru aġġustamenti fil-prezz għall-kostijiet kollha mġarrba bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, inklużi l-ispejjeż SG&A, u għall-profitti akkumulati.

(212) Meta wieħed iqis in-nuqqas ta' informazzjoni dwar il-profitt minn importaturi indipendenti li kkooperaw, il-Kummissjoni bbażat ruħha b'mod proviżorju fuq il-profitt fil-livell ta' 6,89 % meqjus raġonevoli f'investigazzjoni preċedenti rigward l-importazzjonijiet ta' ċerti alkoħols tal-polivinil li joriġinaw mir-RPĊ ([123]). Tabilħaqq, fil-proċediment kurrenti importatur li kkoopera wieħed biss irrapporta profitt fil-bejgħ tiegħu tal-prodott ikkonċernat. B'riżultat ta' dan, kien impossibbli li jintuża l-profitt tal-importatur li kkoopera filwaqt li tinżamm in-natura kunfidenzjali tad-data tiegħu. Għaldaqstant, il-livell ta' profitt ta' 6,89 % kien meqjus raġonevoli, peress li ġie realizzat minn importaturi mhux relatati involuti fil-kummerċ ta' prodotti kimiċi.

3.7. **Tqabbil**

(213) L-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku jirrikjedi li l-Kummissjoni tagħmel paragun ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni fl-istess livell ta' kummerċ u tagħmel konċessjoni għad-differenzi fil-fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet. F'dan il-każ, il-Kummissjoni għażlet li tqabbel il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi fil-kampjun fil-livell tal-kummerċ mill-fabbrika. Kif spjegat aktar hawn taħt, fejn xieraq, il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni ġew aġġustati sabiex: (i) jiġu nnettjati lura għal-livell ta' kummerċ mill-fabbrika; u (ii) jagħmlu konċessjonijiet għal differenzi fil-fatturi li ġew iddikjarati, u murija, li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet.

3.7.1. *Aġġustamenti magħmula fil-valur normali*

(214) Kif spjegat fil-premessa (204), il-valur normali ġie stabbilit fil-livell ta' kummerċ mill-fabbrika bl-użu tal-kostijiet tal-produzzjoni flimkien mal-ammonti tal-kostijiet SG&A u tal-profitt, li tqiesu bħala raġonevoli għal dak il-livell ta' kummerċ. Għalhekk, ma kien meħtieġ l-ebda aġġustament biex il-valur normali jiġi nnettjat lura għal-livell ta' kummerċ mill-fabbrika.

(215) Il-Kummissjoni ma sabet l-ebda raġuni biex tagħmel xi konċessjonijiet għall-valur normali, u dawn il-konċessjonijiet lanqas ma ntalbu minn xi wieħed mill-produtturi esportaturi fil-kampjun.

3.7.2. *Aġġustamenti magħmula fil-prezz tal-esportazzjoni*

(216) Sabiex il-prezz tal-esportazzjoni jiġi lura nett għal-livell tal-kummerċ mill-fabbrika, saru aġġustamenti fuq il-kont tat-trasport, tal-assigurazzjoni, tal-immaniġġjar u t-tagħbija kif ukoll tal-ippakkjar.

(217) Saru konċessjonijiet għall-fatturi li ġejjin li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet: il-kostijiet tal-kreditu u t-tariffi bankarji.

(218) Barra minn hekk, f'dawk il-każijiet metail-prodotti nbiegħu mill-produttur lil kumpaniji oħra fl-istess grupp u mbagħad ġew esportati lejn l-Unjoni, saru aġġustamenti, skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku għall-marġni kummerċjali riċevut mill-kummerċjanti relatati, kull fejn il-kummerċjanti tqiesu li wettqu funzjonijiet simili għal dawk ta' aġent li jaħdem fuq bażi ta' kummissjoni. Il-marġni kummerċjali ġie kkalkulat bħala ż-żieda tal-ispejjeż SG&A u tal-profitti akkumulati. Il-kostijiet SG&A kienu bbażati fuq id-data pprovduta mill-kummerċjanti relatati, filwaqt li l-profitt użat kien ta' 6,89 %, kif spjegat fil-premessa (212) hawn fuq.

(219) Produttur esportatur fil-kampjun talab, billi għamel referenza għal deċiżjoni riċenti tal-Qorti Ġenerali, ([124]) li l-proporzjon SG&A ta' Sucroal jenħtieġ li jiġi aġġustat sabiex jeskludi ċerta kategorija ta' spejjeż ta' bejgħ, ġenerali u amministrattivi li jistgħu jiġu inklużi fil-prezz tal-esportazzjoni tiegħu stess, meta t-tqabbil isir fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika. Barra minn hekk, iddikjara wkoll li jekk il-Kummissjoni ma tistax tidentifika dawn l-ispejjeż fil-kategorija "Spejjeż operatorji oħra" tal-informazzjoni finanzjarja ta' Sucroal, jenħtieġ li toqgħod lura milli tagħmel xi aġġustament fil-prezz tal-esportazzjoni tagħha biex tneħħi l-ispejjeż SG&A li huma parti mill-prezz tal-esportazzjoni. Kif spjegat fil-premessa (213) il-Kummissjoni għażlet li tqabbel il-prezz tal-esportazzjoni u l-valur normali fil-livell ta' kummerċ mill-fabbrika. Kif spjegat fil-premessa (204), il-valur normali ġie stabbilit fil-livell ta' kummerċ mill-fabbrika bl-użu tal-kostijiet tal-produzzjoni flimkien mal-ammonti tal-kostijiet SG&A u tal-profitt, li tqiesu bħala raġonevoli għal dak il-livell ta' kummerċ. Għalhekk, ma kien meħtieġ l-ebda aġġustament biex il-valur normali jiġi nnettjat lura għal-livell ta' kummerċ mill-fabbrika.

([123]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1336 tal-25 ta' Settembru 2020 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq importazzjonijiet ta' ċerti alkoħols tal-polivinil li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, il-premessa 352. ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/1336/oj.

([124]) Il-kawża T-762/20, Sinopec Chongqing SVW Chemical et vs Il-Kummissjoni, EU:T:2024:113, il-paragrafi 126-139.

(220) Fis-sentenza tagħha fis-*CCCME* ([125]), li kienet sussegwenti għas-Sentenza f'*Sinopec*, il-Qorti Ġenerali l-ewwel fakkret li f'konformità mal-ġurisprudenza, jekk parti titlob aġġustamenti skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku sabiex tagħmel il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni komparabbli għall-fini tad-determinazzjoni tal-marġni tad-dumping, dik il-parti jeħtiġilha tagħti prova li l-pretensjoni tagħha tkun ġustifikata. L-oneru li jiġi ppruvat li għandhom isiru l-aġġustamenti speċifiċi elenkati fl-Artikolu 2(10)(a) sa (k) tar-Regolament bażiku jaqa' fuq dawk li jixtiequ jagħmlu użu minnhom. ([126]) Minn dan isegwi li, f'dan il-każ, bħal f'din l-investigazzjoni, kienu l-partijiet interessati, f'konformità ma' din il-ġurisprudenza, li kellhom juru l-ħtieġa għall-aġġustament mitlub b'sostenn tal-provi li huma pproduċew matul l-investigazzjoni. ([127])

(221) Il-Qorti Ġenerali mbagħad ippreċiżat li jenħtieġ li jiġi nnutat li għalkemm il-prattika li jsiru aġġustamenti tista' tkun meħtieġa, skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, biex jitqiesu d-differenzi bejn il-prezz tal-esportazzjoni u l-valur normali li jaffettwaw il-komparabbiltà tagħhom, tali tnaqqis ma jistax isir fir-rigward ta' valur li nħadem u li, għalhekk, ma jkunx ġenwin. Dan il-valur ma huwiex ġeneralment affettwat minn fatturi li jistgħu jippreġudikaw il-komparabbiltà tiegħu, peress li ġie stabbilit artifiċjalment. ([128]) Barra minn hekk, bħal fil-każ tas-CCCME, f'dan il-każ, il-bini tal-valur normali għal kull tip ta' prodott fuq bażi "mill-fabbrika" kien jinkludi ammont raġonevoli għall-kostijiet SG&A u ma kien hemm l-ebda informazzjoni disponibbli li turi li l-kostijiet SG&A ta' Sucroal ikkonċernati kienu jinkludu l-ispejjeż inkwistjoni. Konsegwentement, fid-dawl tad-diskrezzjoni tal-Kummissjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku ([129]), l-approċċ tal-Kummissjoni aderixxa mal-aktar ġurisprudenza reċenti dwar il-pretensjonijiet mhux sostanzjati li l-ammonti għall-kostijiet SG&A użati fil-kostruzzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(6a)(a), li jitqiesu mill-Kummissjoni bħala raġonevoli għal-livell tal-kummerċ mill-fabbrika, jinkludu l-kostijiet tat-trasport.

(222) Fl-aħħar nett, u indipendentement mis-sentenza f'CCCME, is-soluzzjoni proposta li l-elementi ta' kosti rilevanti jinżammu fil-prezz tal-esportazzjoni ma tindirizzax il-kwistjoni identifikata mill-produttur esportatur. Anki jekk il-kostijiet SG &A ta' Sucroal kien fihom l-elementi ta' kosti rilevanti (u dan ma ntweriex) huwa prattikament impossibbli li l-valur ta' dawn l-elementi jkun komparabbli ma' dawk tal-produtturi esportaturi fil-kampjun. It-tneħħija tagħhom għalhekk ma tindirizzax l-assimetrija ddikjarata bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni. Għalhekk, il-pretensjoni ma ntlaqgħetx.

3.8. **Marġnijiet tad-dumping**

(223) Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat ta' kull tip tal-prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat, f'konformità mal-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(224) Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw li mhumiex inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni kkalkolat il-marġni tad-dumping medju ponderat, f'konformità mal-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, dak il-marġni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-marġni tal-produtturi esportaturi fil-kampjun.

(225) Għall-produtturi esportaturi l-oħra kollha fir-RPĊ, il-Kummissjoni stabbiliet il-marġni tad-dumping fuq il-bażi tal-fatti disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni ddeterminat il-livell ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi. Il-livell ta' kooperazzjoni kien imkejjel permezz tal-volum ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni tal-produtturi esportaturi li kkooperaw, espress bħala proporzjon tal-importazzjonijiet totali mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni, li ġie stabbilit fuq il-bażi tad-data fil-formola tat-teħid ta' kampjuni kif irrappurtat mill-produtturi esportaturi mhux fil-kampjun, u data vverifikata fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi esportaturi fil-kampjun.

([125]) Is-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2024, *CCCME u Oħrajn vs il-Kummissjoni*, T-263/22, EU:T:2024:663.
([126]) Is-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2024, *CCCME u Oħrajn vs Il-Kummissjoni*, T-263/22, EU:T:2024:663, il-punt 183.
([127]) Is-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2024, *CCCME u Oħrajn vs Il-Kummissjoni*, T-263/22, EU:T:2024:663, il-punt 185.
([128]) Is-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2024, *CCCME u Oħrajn vs Il-Kummissjoni*, T-263/22, EU:T:2024:663, il-punt 188.
([129]) Is-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2024, *CCCME u Oħrajn vs Il-Kummissjoni*, T-263/22, EU:T:2024:663, il-punt 184.

(226) Il-livell ta' kooperazzjoni f'dan il-każ kien meqjus għoli minħabba li l-esportazzjonijiet totali tal-produtturi esportaturi li kkooperaw, kemm dawk li kienu fil-kampjun kif ukoll dawk li ma kinux, ammontaw għat-totalità tal-importazzjonijiet matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(227) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni qieset li kien xieraq li jiġi stabbilit il-marġni tad-dumping għall-produtturi esportaturi kollha li ma kkooperawx fil-livell tal-kumpanija fil-kampjun bl-ogħla marġni tad-dumping.

(228) Abbażi ta' dan, il-marġnijiet tad-dumping medji ponderati proviżorji espressi bħala persentaġġ tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping proviżorju (%)
Meihua Group: — Jilin Meihua Amino Acid Co., Ltd — Xinjiang Meihua Amino Acid Co., Ltd — Meihua Holdings Group., Ltd — Meihua International Trading (Hong Kong) Limited	84,8
Eppen Group: — Heilongjiang Eppen Biotech Co., Ltd — Eppen Asia Pte. Ltd..	58,3
Kumpaniji oħra li kkooperaw	71,6
L-importazzjonijiet l-oħra kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	84,8

4. **DANNU**

4.1. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(229) Il-prodott simili kien manifatturat minn produttur wieħed fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Huwa jikkositwixxi l-"industrija tal-Unjoni" fis-sens tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(230) Peress li d-data relatata mal-valutazzjoni tad-dannu kienet derivata minn produttur wieħed biss tal-Unjoni, iċ-ċifri għall-analiżi tad-dannu jingħataw f'firxiet għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità. Madankollu, l-indiċijiet huma bbażati fuq data reali u mhux fuq il-firxiet.

(231) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni kienet ta' bejn 11 000 u 13 000 tunnellata. Il-Kummissjoni stabbiliet iċ-ċifra attwali abbażi ta' verifika tar-rapporti awditjati tal-industrija tal-Unjoni, jiġifieri Eurolysine.

4.2. **Konsum tal-Unjoni**

(232) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni abbażi ta' (i) il-bejgħ ivverifikat tal-industrija tal-Unjoni; u (ii) l-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u mill-pajjiżi terzi l-oħra kollha.

(233) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 2

Konsum tal-Unjoni (f'tunnellati ta' HCI ekwivalenti)

	2020	2021	2022	PI
Konsum totali tal-Unjoni	[465 000 – 510 000]	[470 000 – 515 000]	[450 000 – 495 000]	[410 000 – 450 000]
Indiċi	*100*	*102*	*97*	*89*

Sors: Eurostat (liżina HCl, liżina likwida), Euroliżina (sulfat tal-liżina)

(234) Biex tqabbel it-tipi differenti ta' liżina, il-Kummissjoni nnotat li tunnellata waħda ta' liżina HCl tipikament ikun fiha 78 % ta' liżina filwaqt li tunnellata waħda ta' liżina likwida tipikament ikun fiha 50 % ta' liżina. Il-Kummissjoni għalhekk tqis li tunnellata waħda ta' liżina likwida hija ekwivalenti għal 0,641 tunnellati ta' liżina HCl. Bl-istess mod, tunnellata waħda ta' liżina HCl tipikament fiha 78 % ta' liżina, filwaqt li tunnellata waħda ta' sulfat tal-liżina tipikament fiha 55 % ta' liżina. Il-Kummissjoni għalhekk tqis li tunnellata waħda ta' sulfat tal-liżina hija ekwivalenti għal 0,705 tunnellati ta' liżina HCl.

(235) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkalkulat il-konsum tal-liżina mill-Unjoni f'ekwivalenti ta' HCl u nnutat tnaqqis sinifikanti fil-konsum tal-Unjoni, bi tnaqqis ġenerali tal-konsum tal-Unjoni ta' 11 % matul il-perjodu kkunsidrat. It-tnaqqis ġenerali fil-konsum tal-Unjoni kien konsegwenzjali għall-influwenza avjarja severa fl-Unjoni flimkien mat-tnaqqis tad-domanda tal-liżina mis-settur tal-ħnieżer ([130]), li għandha effett dirett fuq il-konsum tal-liżina.

(236) Għall-fini ta' tqabbil korrett tal-liżina HCl, il-liżina likwida u s-sulfat tal-liżina, il-volumi kollha tal-liżina prodotti fl-Unjoni u importati f'dan ir-regolament ġew konvertiti għal ekwivalenti ta' HCl bl-użu tar-rati ta' konverżjoni stabbiliti fil-premessa (234).

4.3. **Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat**

4.3.1. *Volum u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat*

(237) Peress li l-kloridrat tal-L-liżina u s-soluzzjoni milwiema tal-L-liżina huma importati taħt il-kodiċi NM 2922 41 00, il-Kummissjoni bbażat ruħha għal dawk iż-żewġ gruppi ta' prodotti fuq id-data tal-Eurostat dwar l-importazzjonijiet. Madankollu, is-sulfat tal-liżina attwalment jaqa' taħt il-kodiċijiet tal-"ġabra" ex 2309 90 31 u ex 2309 90 96 għal preparazzjonijiet ta' tip użat fl-għalf tal-annimali u mhuwiex possibbli li tiġi vvalutata l-istatistika dwar l-importazzjonijiet mill-Eurostat. Għalhekk, l-istatistika dwar l-importazzjonijiet tas-sulfat tal-liżina, it-tielet grupp ta' prodotti, kienet ibbażata fuq statistika dwar l-importazzjonijiet ta' fornituri speċjalizzati ta' informazzjoni dwar is-suq tal-istatistika kummerċjali Ċiniża u Indoneżjana. ([131])

(238) Is-sors tad-data li tikkonċerna l-importazzjonijiet Ċiniżi ma setax jiġi żvelat wara t-talba tal-fornitur tad-data. Madankollu, il-Kummissjoni gwettqet kontroverifika tad-data pprovduta mill-industrija tal-Unjoni ma' sorsi statistiċi disponibbli oħra (il-Eurostat u s-Sorveljanza) u mat-tweġibiet għat-teħid ta' kampjuni u għall-kwestjonarju tal-produtturi esportaturi Ċiniżi li kkooperaw.

(239) Biex tistabbilixxi s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet, il-Kummissjoni analizzat il-forom differenti ta' liżina u applikat ir-rati ta' konverżjoni stabbiliti fil-premessa (234). Il-Kummissjoni qabblet il-volumi tal-importazzjonijiet kkonvertiti għal ekwivalenti ta' liżina HCl mal-konsum tas-suq tal-Unjoni espress f'ekwivalenti ta' liżina HCl.

(240) L-importazzjonijiet lejn l-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppaw kif ġej:

Tabella 3

Volum tal-importazzjonijiet (tunnellati) u sehem mis-suq

	2020	2021	2022	PI
Volum tal-importazzjonijiet miċ-Ċina (tunnellati)	304 015	294 812	285 083	329 052
Indiċi	*100*	*97*	*94*	*108*

([130]) It-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni huwa evidenzjat fid-data tal-Eurostat (it-Tabelli 2 u 3) u fid-data vverifikata pprovduta mill-produttur tal-Unjoni.

([131]) Is-sulfat tal-liżina huwa prodott biss fiċ-Ċina u fl-Indoneżja.

	2020	2021	2022	PI
Sehem tas-suq (%)	[60 % sa 69 %]	[49 % sa 63 %]	[59 % sa 69 %]	[70 % sa 79 %]
Indiċi	*100*	*96*	*96*	*121*

Sors: Eurostat (liżina HCl, liżina likwida), Euroliżina (sulfat tal-liżina)

(241) It-tabella 3 turi tnaqqis fl-importazzjonijiet miċ-Ċina fl-2021, li huwa attribwit għaċ-ċirkostanzi straordinarji marbuta mal-kriżi tal-COVID-19 u ċ-Ċina u l-kriżi tal-enerġija. Bejn l-2022 u l-perjodu ta' investigazzjoni, madankollu, il-volum tal-importazzjonijiet żdied bi 15 %.

(242) Matul il-perjodu tkkunsidrat l-importazzjonijiet tal-liżina miċ-Ċina, ikkonvertiti għal ekwivalenti ta' HCl, żdiedu b'25 037 tunnellata, jew 8 %. Dan issarraf f'żieda ta' 21 % fis-sehem totali mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi fl-Unjoni matul l-istess perjodu.

(243) Is-CESFAC, Pintaluba u Vall Companys iddikjaraw li żieda fil-volum bi 8 % mhijiex żieda assoluta sinifikanti tal-importazzjonijiet Ċiniżi tal-liżina, u li ż-żieda fis-sehem mis-suq ta' dawk l-importazzjonijiet, li hija stmata għal 5 punti perċentwali, lanqas ma tista' titqies bħala sinifikanti. Il-Kummissjoni ma qablitx. Żieda fil-volum tal-importazzjonijiet b'25 037 tunnellata, li minnha nfisha tirrappreżenta 8 % tal-konsum tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni, hija ċertament sinifikanti. Il-Kummissjoni nnutat li l-kalkolu taż-żieda fis-sehem mis-suq li sar mis-CESFAC, Pintaluba u Vall Companys kien żbaljat u li fil-fatt ma kienx jammonta għal 9 % (jew 5 punti perċentwali) iżda għal 21 %, kif turi t-tabella ta' hawn fuq. Din iż-żieda fis-sehem mis-suq hija sinifikanti.

4.3.2. *Prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u twaqqigħ tal-prezz*

(244) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet fuq il-bażi tal-Eurostat u informazzjoni dwar is-suq speċjalizzata indikata fil-premessa (237). It-twaqqigħ tal-prezz tal-importazzjonijiet ġie stabbilit fuq il-bażi ta' tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-kampjuni tal-produtturi esportaturi fir-RPĊ.

(245) Il-prezz ipponderat tal-importazzjonijiet fl-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppa kif ġej:

Tabella 4

Prezzijiet ta' importazzjoni (EUR/tunnellata)

	2020	2021	2022	PI
iċ-Ċina	876	1 342	1 679	1 104
Indiċi	*100*	*153*	*192*	*126*

Sors: Eurostat (liżina HCl, liżina likwida), Euroliżina (sulfat tal-liżina)

(246) Il-prezzijiet tal-importazzjoni miċ-Ċina żdiedu fl-2021 u fl-2022. L-industrija tal-Unjoni ddikjarat li, fis-sena 2020, il-prezzijiet kienu qed jirkupraw mil-livell baxx storiku osservat b'rabta mad-deni Afrikan tal-ħnieżer fiċ-Ċina. Il-prezzijiet żdiedu fl-2021 minħabba l-kriżi tal-enerġija fiċ-Ċina u r-restrizzjonijiet tal-COVID-19, li skattaw għeluq temporanju ta' xi impjanti tal-liżina. Il-prezzijiet komplew jiżdiedu fl-2022, imbagħad naqsu b'mod sinifikanti fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(247) Il-prezzijiet Ċiniżi ta' wara nżul l-art baqgħu taħt il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat, bl-eċċezzjoni tal-2021 meta ċ-Ċina ġiet affettwata minn kriżijiet tal-enerġija domestiċi u restrizzjonijiet tal-Covid-19 u l-esportazzjonijiet tal-liżina lejn l-Unjoni naqsu.

(248) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni billi qabblet:

(a) il-prezzijiet medji ponderati għal kull tip ta' prodott tal-importazzjonijiet mill-produtturi Ċiniżi li kkooperaw inklużi fil-kampjun lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti fuq bażi ta' Kost, assigurazzjoni u nol (CIF), b'aġġustamenti xierqa għad-dazji doganali u għall-kostijiet ta' wara l-importazzjoni; kif ukoll

(b) il-prezzijiet tal-bejgħ medji ponderati korrispondenti għal kull tip ta' prodott tal-industrija tal-Unjoni imposti lil klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, li ġew aġġustati għal livell mill-fabbrika.

(249) It-tqabbil tal-prezzijiet sar fuq bażi ta' tip b'tip għat-tranżazzjonijiet fl-istess livell ta' kummerċ, bl-aġġustament dovut meta neċessarju, u wara tnaqqis tar-ribassi u tal-iskontijiet. Ir-riżultat tat-tqabbil ġie espress bħala perċentwal tal-fatturat teoretiku tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dan wera marġni medju ponderat tat-twaqqigħ tal-prezz ta' bejn 38 % u 42 % permezz tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat fis-suq tal-Unjoni. Instab twaqqigħ fil-prezz għal 100 % tal-volumi importati tal-kumpaniji fil-kampjun.

(250) Il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll effetti oħra tal-prezzijiet, b'mod partikolari l-eżistenza ta' soppressjoni sinifikanti tal-prezzijiet. Kif imsemmi fil-premessi (269) sa (271), mill-2022 'il quddiem l-industrija tal-Unjoni rat żieda notevoli fil-kostijiet unitarji tal-produzzjoni tagħha, li kienet immexxija kemm minn kostijiet indiretti fuq bażi ta' kull unità kif ukoll mill-prezzijiet tal-enerġija u l-materja prima. Minħabba li fil-perjodu ta' investigazzjoni l-prezz tal-importazzjonijiet miċ-Ċina naqas b'mod sinifikanti, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezz tal-bejgħ tagħha biex tkopri l-kost tal-produzzjoni tagħha. Dan it-trażżin tal-prezzijiet ikompli jikkonferma li l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping miċ-Ċina rriżultaw f'telf ta' profittabbiltà għall-industrija tal-Unjoni.

4.4. **Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

4.4.1. *Kummenti ġenerali*

(251) F'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-eżami tal-impatt tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien jinkludi valutazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li għandhom effett fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

(252) Sabiex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Peress li l-Eurolysine huwa l-uniku produttur tal-Unjoni tal-prodott simili, iż-żewġ settijiet ta' data ġew stabbiliti fuq il-bażi tat-tweġiba vverifikata għall-kwestjonarju tal-Eurolysine u nstabu li huma rappreżentattivi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(253) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, id-daqs tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping tal-passat.

(254) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet medji tal-bejgħ, il-kost ta' unità, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti, u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital.

4.4.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

4.4.2.1. Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

(255) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 5

Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

	2020	2021	2022	PI
Volum tal-produzzjoni (tunnellati)	[68 000 – 74 000]	[70 000 – 76 000]	[34 000 – 37 000]	[11 000 – 13 000]

	2020	2021	2022	PI
Indiċi	*100*	*103*	*52*	*17*
Kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati)	[75 000 – 82 000]	[75 000 – 82 000]	[75 000 – 82 000]	[75 000 – 82 000]
Indiċi	*100*	*100*	*100*	*100*
Użu tal-kapaċità	86 %	89 %	45 %	15 %
Indiċi	*100*	*103*	*52*	*17*

Sors: Tweġiba għall-kwestjonarju, Eurostat

(256) Matul il-perjodu kkunsidrat, minkejja żieda żgħira fil-konsum tal-Unjoni fl-2021 kif muri fit-Tabella 2, il-volum tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqas b'mod drammatiku min hemm 'il quddiem. Il-produzzjoni tal-Unjoni naqset drastikament għal 17 % biss tal-volum tagħha tal-2020 fil-perjodu ta' investigazzjoni. L-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tikkompeti kontra importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping miċ-Ċina, li fil-perjodu ta' investigazzjoni daħlu bi prezzijiet sinifikattivament inqas mill-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni. L-industrija tal-Unjoni għalhekk kellha taġġusta l-produzzjoni għal volum tal-bejgħ baxx ħafna, li rriżulta f'sospensjoni temporanja tal-produzzjoni.

(257) Dan it-tnaqqis fil-volumi tal-produzzjoni kien aktar sinifikanti mit-tnaqqis ta' 14 % fil-konsum tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat. Iż-żieda temporanja fil-volumi tal-produzzjoni li ġiet osservata fl-2021 hija attribwibbli għall-kundizzjonijiet sfavorevoli tal-esportazzjoni fiċ-Ċina, kif spjegat fil-premessi (241) u (247) hawn fuq.

(258) Iċ-ċifri tal-kapaċità tal-produzzjoni rrappurtati jirreferu għall-kapaċità installata, li baqgħet stabbli matul il-perjodu kkunsidrat. Minbarra l-liżina, il-produttur tal-Unjoni jimmanifattura wkoll prodotti ta' speċjalità oħra, bħall-valina, l-arġinina jew it-triptofan. Madankollu, l-impjant huwa stabbilit biex jipproduċi [77 %-87 %] ta' liżina u [13 %-23 %] ta' prodotti ta' speċjalità oħra.

4.4.2.2. Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

(259) Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 6

Il-volum ta' bejgħ u s-sehem mis-suq

	2020	2021	2022	PI
Volum tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni (tunnellati)	[52 000 – 57 000]	[68 000 – 75 000]	[31 000-34 000]	[7 500 – 9 000]
Indiċi	*100*	*132*	*63*	*16*
Is-sehem mis-suq	10,7 %	14 %	7 %	1,9 %
Indiċi	*100*	*130*	*65*	*18*

Sors: Tweġiba għall-kwestjonarju, Euroliżina

(260) Il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni l-ewwel kiber fl-2021 bi 32 % meta mqabbel mal-2020, prinċipalment minħabba t-tnaqqis imsemmi hawn fuq fil-pressjoni eżerċitata mill-importazzjonijiet miċ-Ċina. Fl-2021, hekk kif il-produtturi esportaturi Ċiniżi ffaċċjaw ostakli fis-suq domestiku u l-esportazzjonijiet tal-liżina lejn l-Unjoni naqsu, il-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni fl-UE raw żieda stabbli. Mill-2022, il-bejgħ tal-UE tal-industrija tal-Unjoni naqas b'mod sinifikanti. Fil-perjodu ta' investigazzjoni, il-volum tal-bejgħ naqas b'mod drammatiku b'–84 % meta mqabbel mal-2020.

(261) Is-sehem mis-suq jirrifletti din ir-realtà wkoll. Fid-dawl taż-żieda qawwija fl-esportazzjonijiet Ċiniżi, is-sehem tal-Unjoni naqas b'mod sinifikanti, fejn naqas bi 82 % matul il-perjodu kkunsidrat.

4.4.2.3. Tkabbir

(262) Il-konsum tal-Unjoni naqas kemxejn matul il-perjodu kkunsidrat u l-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni naqas drastikament. Għaldaqstant, l-industrija tal-Unjoni esperjenzat telf sinifikanti ta' 9 punti perċentwali tas-sehem mis-suq. Fl-istess ħin, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat żdied bi 22 % matul l-istess perjodu.

4.4.2.4. Impjiegi u produttività

(263) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 7

Impjiegi u produttività

	2020	2021	2022	PI
Għadd ta' impjegati (FTE)	[160 - 180]	[130 - 150]	[135 - 155]	[60 - 75]
Indiċi	*100*	*80*	*88*	*42*
Produttività (tunnellati/FTE)	[400 - 440]	[520 - 570]	[230 - 260]	[150 - 180]
Indiċi	*100*	*129*	*59*	*42*

Sors: Tweġiba għall-kwestjonarju, Euroliżina

(264) L-industrija tal-Unjoni naqqset il-forza tax-xogħol tagħha matul il-perjodu kkunsidrat, peress li l-produzzjoni u l-volumi tal-bejgħ tagħha naqsu. Tnaqqis impressjonanti seħħ matul il-perjodu ta' investigazzjoni meta l-manifattur tal-Unjoni kellu jwaqqaf temporanjament il-produzzjoni tal-prodott taħt investigazzjoni.

(265) Il-produttività segwiet il-bidliet fil-produzzjoni u l-impjiegi. Matul il-perjodu kkunsidrat, il-produttività naqset bi 58 %, b'żieda temporanja fl-2021 bis-saħħa taż-żieda fil-produzzjoni u fil-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni minħabba importazzjonijiet aktar baxxi tal-prodott ikkonċernat miċ-Ċina.

4.4.2.5. Daqs tal-marġni tad-dumping u rkupru minn dumping fil-passat

(266) Il-marġnijiet kollha tad-dumping kienu ferm ogħla mil-livell de minimis. L-impatt tad-daqs tal-marġnijiet reali tad-dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien sostanzjali, b'kunsiderazzjoni tal-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat.

(267) Din hija l-ewwel investigazzjoni anti-dumping dwar il-prodott ikkonċernat. Għaldaqstant, ma kienx hemm data disponibbli biex jiġu vvalutati l-effetti ta' dumping possibbli fil-passat.

4.4.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

4.4.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(268) Il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ tal-unitajiet tal-produtturi tal-Unjoni lil konsumaturi mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu ta' analiżi:

Tabella 8

Prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni

	2020	2021	2022	PI
Il-prezz medju ta' bejgħ ta' unità fl-Unjoni fis-suq totali (EUR/tunnellata)	[1 000 – 1 200]	[1 100 – 1 300]	[1 800 – 2 000]	[2 200 – 2 500]
Indiċi	*100*	*112*	*175*	*205*
Kost unitarju tal-produzzjoni (EUR/tunnellata)	[1 200 – 1 400]	[1 500 – 1 800]	[2 200 – 2 600]	[2 800 – 3 200]
Indiċi	*100*	*127*	*192*	*241*

Sors: Tweġiba għall-kwestjonarju, Euroliżina

(269) It-Tabella 8 hawn fuq turi li matul il-perjodu kkunsidrat il-prezzijiet tal-bejgħ żdiedu kontinwament, li kienu mmexxija l-aktar minn żieda fil-kostijiet tal-elettriku u tal-fwar, il-materja prima prinċipali (bħaz-zokkor, l-ammonijaka, jew is-sulfat tal-ammonju) u l-kost fiss. Dan kien partikolarment evidenti mill-2022 meta l-industrija tal-Unjoni sofriet l-ogħla prezzijiet tal-enerġija u l-konsum tal-liżina tal-UE beda jonqos, ara l-premessa (235).

(270) Matul il-perjodu kkunsidrat kollu, il-prezz medju tal-bejgħ unitarju kien inqas mill-kost unitarju tal-produzzjoni, bid-differenza bejn it-tnejn dejjem tiżdied sena wara sena.

(271) Il-kost unitarju tal-produzzjoni ra żieda kbira ta' 141 % matul il-perjodu kkunsidrat. Dan kien partikolarment evidenti fl-2022, meta l-prezzijiet tal-enerġija laħqu l-ogħla livell, u l-perjodu ta' investigazzjoni, meta l-kostijiet fissi ġew maqsuma fuq volum aktar baxx ta' produzzjoni.

4.4.3.2. Kostijiet lavorattivi

(272) Il-kostijiet lavorattivi tal-applikant żviluppaw matul il-perjodu kkunsidrat kif ġej:

Tabella 9

Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat

	2020	2021	2022	PI
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR)	[68 000 – 75 000]	[70 000 – 77 000]	[67 000 – 74 000]	[73 000 – 80 000]
Indiċi	*100*	*106*	*98*	*111*

Sors: Tweġiba għall-kwestjonarju, Euroliżina

(273) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-paga medja għal kull impjegat żdiedet bi 11 %. Iż-żieda kienet aktar evidenti fil-perjodu ta' investigazzjoni, b'żieda annwali ta' 13 %.

4.4.3.3. Inventarji

(274) Il-livelli tal-istokkijiet tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 10

Inventarji

	2020	2021	2022	PI
Stokks tal-għeluq (tunnellati)	[12 000 – 15 000]	[3 000 – 5 000]	[3 000 – 5 000]	[3 000 – 5 000]
Indiċi	*100*	*35*	*28*	*33*
Stokks tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni (%)	[18-20]	[6-8]	[9-11]	[35-37]
Indiċi	*100*	*34*	*53*	*190*

Sors: Tweġiba għall-kwestjonarju, Euroliżina

(275) Il-livell tal-inventarji f'termini assoluti naqas b'65 % fl-2021 meta l-industrija tal-Unjoni setgħet iżżid il-volumi tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tagħha minħabba t-tnaqqis temporanju fl-importazzjonijiet Ċiniżi. Hekk kif l-industrija tal-Unjoni bdiet titlef ulterjorment il-pożizzjoni tagħha fis-suq fl-2022 u fil-perjodu ta' investigazzjoni, il-volum tal-inventarji reġa' żdied u mhux il-produzzjoni kollha prevista nbiegħet. It-tnaqqis ġenerali fl-inventarji huwa lineari mat-tnaqqis fil-produzzjoni tal-Unjoni. Iż-żieda tal-stokks tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni hija lineari mal-volum baxx tal-produzzjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni.

4.4.3.4. Profittabilità, fluss tal-flus, investimenti, redditu fuq l-investimenti u kapaċità li jiġi ġġenerat kapital

(276) Il-profittabbiltà, il-fluss ta' flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 11

Profittabbiltà, fluss ta' flus, investimenti u redditu fuq l-investimenti

	2020	2021	2022	PI
Profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	[- 10 sa - 14]	[- 19 sa - 23]	[- 20 sa - 24]	[- 28 sa - 32]
Indiċi	*- 100*	*- 165*	*- 155*	*- 220*
Fluss tal-flus (EUR 000)	[- 8 500 000 sa - 10 500 000]	[- 12 000 000 sa - 14 000 000]	[- 13 000 000 sa - 15 000 000]	[- 7 000 000 sa - 9 000 000]
Indiċi	*- 100*	*- 129*	*- 130*	*- 78*

	2020	2021	2022	PI
Investimenti (EUR 000)	[5 000 000 - 7 000 000]	[3 000 000 – 5 000 000]	[4 000 000 -6 000 000]	[4 000 000 -6 000 000]
Indiċi	*100*	*88*	*93*	*88*
Redditu fuq l-investimenti (%)	[- 14 sa - 18]	[- 28 sa - 32]	[- 20 sa - 24]	[- 7 sa - 11]
Indiċi	*- 100*	*- 179*	*- 128*	*- 60*

Sors: Tweġiba għall-kwestjonarju, Euroliżina

(277) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal mill-fatturat ta' dak il-bejgħ. Matul il-perjodu kollu kkunsidrat, l-industrija tal-Unjoni kienet qed tagħmel telf kbir. Hija ġarrbet telf konsiderevoli fil-perjodu ta' investigazzjoni meta l-produzzjoni twaqqfet għal 4 xhur fid-dawl taż-żieda kontinwa fl-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u prezzijiet aktar baxxi, li wasslu għal bejgħ mitluf u sospensjoni temporanja tal-produzzjoni. Matul il-perjodu kkunsidrat, il-profitabbiltà tagħha naqset b'120 punt perċentwali.

(278) Il-fluss tal-flus nett huwa l-abbiltà tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom huma stess. Ix-xejra fil-fluss tal-flus nett żviluppat segwiet ix-xejra simili għal dik tal-profittabbiltà matul il-perjodu kkunsidrat. Għalkemm inqas evidenti mit-telf għoli, il-fluss tal-flus baqa'negattiv matul il-perjodu kkkunsidrat kollu. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-livell tal-bejgħ mill-istokk irrappreżenta madwar 20 % tal-bejgħ totali, li – filwaqt li kien ogħla milli matul il-perjodi preċedenti - ikkontribwixxa għal fluss tal-flus inqas negattiv meta mqabbel mas-snin ta' qabel.

(279) L-investimenti netti naqsu, b'żieda żgħira fl-2021, bi 12 % matul il-perjodu kkunsidrat. Is-sitwazzjoni ekonomika diffiċli tal-industrija tal-Unjoni u n-nuqqas ta' profittabbiltà li rriżulta hija r-raġuni prinċipali għan-nuqqas ta' investimenti ġodda fil-produzzjoni tal-liżina.

(280) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt f'persentaġġ tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. Fid-dawl tal-iżviluppi deskritti hawn fuq, ir-redditu fuq l-investimenti (assi fissi użati għall-produzzjoni) kien negattiv matul il-perjodu kkunsidrat. Ix-xejra li tidher li qed titjieb hija attribwita għal telf aktar baxx fil-profittabbiltà milli fis-snin ta' qabel, li ġie kkawżat minn produzzjoni baxxa fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(281) Il-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tiġbor il-kapital kienet ġiet affettwata serjament mil-livelli negattivi sinifikanti ta' fluss tal-flus u profittabbiltà milħuqa fil-perjodu kkunsidrat

4.4.4. *Konklużjoni dwar id-dannu*

(282) L-indikaturi prinċipali kollha tad-dannu wrew xejra negattiva u l-biċċa l-kbira tagħhom kienu konsistentement negattivi matul il-perjodu kkunsidrat, filwaqt li s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kompliet tiddeterjora f'daqqa fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(283) Il-volum tal-produzzjoni u l-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqsu b'mod impressjonanti bi 83 % u 84 % rispettivament. Konsegwentement, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas minn 11 % fl-2020 għal 2 % fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(284) Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni kienet iffaċċjata b'żieda sinifikanti fil-kost tal-produzzjoni, li żdied b'141 % matul il-perjodu kkunsidrat. Hija ma setgħetx tgħaddi din iż-żieda fil-kost lill-klijenti – fuq il-volumi tal-bejgħ li kienu qed jonqsu bil-qawwi, l-industrija tal-Unjoni setgħet iżżid il-prezzijiet medji b'mhux aktar minn 105 %. B'riżultat ta' dan, is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, li diġà ġarrbet telf b'żewġ ċifri fl-ewwel sena tal-perjodu kkunsidrat, iddeterjorat bil-qawwi u fil-perjodu ta' investigazzjoni kellha twaqqaf temporanjament il-produzzjoni sabiex tillimita l-ħsara. Dan id-deterjorament drammatiku tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni ġie rifless ukoll fl-iżvilupp ta' indikaturi ewlenin oħra bħall-impjiegi, il-fluss tal-flus u r-redditu fuq l-investimenti.

(285) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, il-Kummissjoni f'dan l-istadju kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni sofriet dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

(286) Kif diġà spjegat fil-premessa (250) hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet Ċiniżi li huma l-oġġett ta' dumping kienu qed jeżerċitaw trażżin tal-prezzijiet fuq l-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

5. KAWŻALITÀ

(287) F'konformità mal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ikkawżawx dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi magħrufin oħra setgħux fl-istess ħin ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni żgurat li kull dannu possibbli kkawżat minn fatturi għajr l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ma kienx attribwit għall-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Dawn il-fatturi huma: l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni u fatturi oħra, bħall-importazzjonijiet li saru mill-industrija tal-Unjoni, iż-żieda fil-kost tal-produzzjoni, it-tnaqqis fil-konsum, attivitajiet oħra tal-industrija tal-Unjoni u l-istat tal-industrija tal-Unjoni fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat.

5.1. Effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping

(288) Kif stipulat fil-premessa (242), il-volumi tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat miċ-Ċina żdiedu bi 8 %, espressi f'ekwivalenti ta' liżina HCl, li ssarrfu f'żieda ta' 13-il punt perċentwali fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi fl-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat. Matul l-istess perjodu, kif stabbilit fil-premessi (260) u (261), l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tikkompeti mal-produtturi esportaturi Ċiniżi u rat il-volum tal-bejgħ tagħha jonqos b'84 % u s-sehem mis-suq tagħha bi 82 %. Dan ġara f'kuntest fejn il-konsum tal-Unjoni varja u naqas b'mod ġenerali bi 11 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(289) Kif muri fil-premessa (249), l-importazzjonijiet Ċiniżi kienu qed iwaqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni u l-prezzijiet tagħhom kienu aktar baxxi mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kollu kkunsidrat, li wassal għal deterjorament dejjem akbar tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. L-importazzjonijiet Ċiniżi wasslu wkoll għal trażżin tal-prezzijiet matul il-perjodu kkunsidrat, meta l-industrija tal-Unjoni ma kinitx kapaċi tbigħ 'il fuq mill-kost tal-produzzjoni tagħha fid-dawl tal-pressjoni derivata mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping. It-trażżin tal-prezzijiet kien partikolarment evidenti fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(290) Kif muri fit-Tabella 12, is-sehem fis-suq li qed jiżdied tal-importazzjonijiet Ċiniżi jikkoinċidi wkoll ma' kemm is-sehem mis-suq tal-produttur tal-Unjoni kif ukoll l-importazzjonijiet ta' pajjiżi terzi li jonqsu drastikament fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(291) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping miċ-Ċina bi prezzijiet li kienu qed iwaqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-Unjoni, ikkawżat dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni.

5.2. Effetti ta' fatturi oħrajn

5.2.1. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi*

(292) Il-volum ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra żviluppa kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 12

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

Pajjiż		2020	2021	2022	PI
L-Indoneżja	Volum (f'tunnellati)	56 107	62 436	51 142	35 619
	Indiċi	*100*	*111*	*91*	*63*

Pajjiż		2020	2021	2022	PI
	Is-sehem mis-suq	[8 %- 11 %]	[12 %- 15 %]	[10 %- 14 %]	[5 %- 9 %]
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	1 007	1 271	2 228	1 443
	Indiċi	*100*	*126*	*221*	*143*
L-Istati Uniti tal-Amerka	Volum (f'tunnellati)	50 508	50 257	48 947	26 914
	Indiċi	*100*	*100*	*97*	*53*
	Is-sehem mis-suq	[8 %- 11 %]	[8 %- 11 %]	[8 %- 11 %]	[5 %- 8 %]
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	1 030	1 268	1 592	1 145
	Indiċi	*100*	*123*	*154*	*111*
Il-Korea t'Isfel	Volum (f'tunnellati)	25 213	13 856	47 750	25 519
	Indiċi	*100*	*55*	*189*	*101*
	Is-sehem mis-suq	[4 %- 6 %]	[2 %- 5 %]	[9 %- 13 %]	[4 %- 8 %]
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	1 037	1 632	2 240	1 540
	Indiċi	*100*	*157*	*216*	*148*
Il-Brażil	Volum (f'tunnellati)	1 932	6 928	10 494	12 952
	Indiċi	*100*	*359*	*543*	*655*
	Is-sehem mis-suq	[0 %- 1 %]	[1 %- 2 %]	[2 %- 3 %]	[2 %- 3 %]
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	858	1 206	2 278	1 480
	Indiċi	*100*	*141*	*266*	*173*
Total tal-pajjiżi terzi kollha għajr il-pajjiż ikkonċernat	Volum (f'tunnellati)	133 760	133 476	158 333	100 704
	Indiċi	*100*	*100*	*118*	*75*
	Is-sehem mis-suq	[23 %- 28 %]	[23 %- 28 %]	[30 %- 35 %]	[20 %- 25 %]
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	1 020	1 305	2 038	1 393
	Indiċi	*100*	*128*	*200*	*137*

Sors: Eurostat (liżina HCl, liżina likwida), Euroliżina (sulfat tal-liżina)

(293) Il-Kummissjoni nnutat li fil-perjodu ta' investigazzjoni, l-importazzjonijiet mill-Indoneżja rrappreżentaw l-akbar sehem ta' importazzjonijiet fl-Unjoni minn pajjiżi terzi oħra għajr mir-RPĊ. Il-Kummissjoni nnutat ukoll li l-Indoneżja tesporta b'mod predominanti l-liżina likwida, segwita mis-sulfat tal-liżina (6 % tal-importazzjonijiet Indoneżjani fil-perjodu ta' investigazzjoni).

(294) Il-volum tal-importazzjonijiet li huma mis-sorsi fost l-akbar bil-bosta, għajr miċ-Ċina fl-2020, mill-Indoneżja u mill-Istati Uniti tal-Amerka, u mill-pajjiżi terzi kollha flimkien, kien qed jonqos ħafna matul il-perjodu kkunsidrat, ħlief għall-2022 meta l-Brażil u l-Korea t'Isfel tejbu s-sehem mis-suq tagħhom skont l-Eurostat. Il-volumi tal-importazzjonijiet mill-Indoneżja u mill-Istati Uniti tal-Amerka jsegwu xejra simili għal dik osservata għall-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni – żieda fl-importazzjonijiet fl-2021, u mbagħad tnaqqis kbir fl-2022 u fil-perjodu ta' investigazzjoni. L-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi l-oħra kollha (il-Brażil u l-Korea t'Isfel) li żiedu l-pożizzjoni tagħhom fis-suq fl-2022 tilfu wkoll is-sehem mis-suq fil-perjodu ta' investigazzjoni meta mqabbel mal-2022.

(295) Il-Kummissjoni osservat li, fl-2021 u fl-2022, il-prezz tal-importazzjonijiet mill-Istati Uniti tal-Amerka kien aktar baxx mill-prezz tal-importazzjonijiet Ċiniż. Madankollu, il-prezz tal-importazzjonijiet tal-Istati Uniti naqas b'mod sinifikanti matul il-perjodu ta' investigazzjoni meta mqabbel mas-snin preċedenti, li jissuġġerixxi tnaqqis tal-prezz eżerċitat mill-importazzjonijiet dominanti miċ-Ċina.

(296) Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni ddikjarat li l-prezzijiet tal-iżbark tat-totalità tal-importazzjonijiet Ċiniżi naqsu b'mod sinifikanti, jiġifieri b'66 % fil-perjodu ta' investigazzjoni u waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'40,2 % fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(297) Il-Kummissjoni mbagħad eżaminat is-sinifikat tal-importazzjonijiet miċ-Ċina, mill-Indoneżja, mill-Istati Uniti, mill-Brażil u mill-Korea t'Isfel fis-suq totali tal-Unjoni. Kif juru t-Tabelli 3 u 12 hawn fuq, il-volum totali tal-importazzjonijiet miċ-Ċina fil-perjodu ta' investigazzjoni huwa tliet darbiet ogħla minn dak mill-pajjiżi terzi l-oħra. Barra minn hekk, l-importazzjonijiet mill-Indoneżja u l-Istati Uniti tilfu s-sehem mis-suq fil-perjodu ta' investigazzjoni. Għall-kuntrarju, l-importazzjonijiet Ċiniżi huma l-uniċi li kisbu sehem mis-suq bejn l-2022 u l-perjodu ta' investigazzjoni.

(298) Il-Kummissjoni nnutat li l-prezz medju Ċiniż kien inqas mill-prezzijiet tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra, u b'hekk il-prezzijiet minn pajjiżi terzi naqqsu wkoll għal livell taħt il-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Fid-dawl tal-volumi relattivament baxxi tal-importazzjonijiet għal kull pajjiż, volumi ħafna aktar baxxi milli miċ-Ċina, b'tendenza li tonqos u bi prezzijiet ogħla miċ-Ċina iżda bi prezzijiet aktar baxxi mill-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni b'hekk ikkonkludiet li l-impatt tal-importazzjonijiet mill-Indoneżja, l-Istati Uniti, il-Brażil u l-Korea t'Isfel ma jistgħux individwalment jitqiesu bħala sinifikanti.

5.2.2. *Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni*

(299) Il-volum tal-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni żviluppa kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 13

Bejgħ għall-esportazzjoni

	2020	2021	2022	PI
Volum tal-esportazzjonijiet (tunnellati)	[12 000 – 14 000]	[9 500 -11 000]	[3 500 – 5 000]	[1 000-1 500]
Indiċi	*100*	*72*	*46*	*26*
Prezz medju (EUR/tunnellata)	[1 100 – 1 450]	[1 200 – 1 500]	[2 000 – 2 400]	[1 800 – 2 300]
Indiċi	*100*	*117*	*180*	*169*

Sors: Tweġiba għall-kwestjonarju, Euroliżina.

(300) Il-volum tal-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni kien relattivament żgħir matul il-perjodu kkunsidrat, li kien jammonta għal 20 % tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fl-ewwel sena tal-perjodu kkunsidrat. Minn dakinhar 'l hawn, naqas b'mod lineari bit-tnaqqis fil-produzzjoni. Il-prezzijiet medji tal-bejgħ għall-esportazzjonijiet ukoll segwew xejra simili għal dik tal-bejgħ domestiku, jiġifieri żdiedu b'riżultat ta' kost ogħla tal-produzzjoni.

(301) Għalhekk, fuq il-bażi tal-volumi relattivament żgħar matul il-perjodu kkunsidrat u xejriet simili għal dawk osservati għall-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fl-Unjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod proviżorju li l-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni ma attenwatx ir-rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat u d-dannu materjali misjub.

5.2.3. *Fatturi oħra*

(302) Is-CESFAC, Pintaluba u Vall Companys u s-CCCMC iddikjaraw li d-dannu kien ikkawżat mill-importazzjonijiet tal-industrija tal-liżina tal-Unjoni mill-produtturi esportaturi Ċiniżi, li kienu jikkostitwixxu madwar 10 % - 15 % tal-bejgħ tagħha fl-Unjoni.

(303) Il-Kummissjoni kkonfermat li l-industrija tal-Unjoni importat volumi limitati tal-liżina miċ-Ċina u l-Korea t'Isfel għal aktar distribuzzjoni fis-suq tal-Unjoni biex ittejjeb il-pożizzjoni tal-fluss tal-flus tagħha. Madankollu, dawn il-volumi naqsu gradwalment mill-2020 'il quddiem u ebda importazzjoni bħal din ma saret aktar fl-2023. Fuq dik il-bażi, il-pretensjoni ma ntlaqgħetx.

(304) L-istess partijiet indikaw ukoll iż-żieda sostanzjali fil-kost tal-produzzjoni tal-Unjoni, li kienet immexxija prinċipalment miż-żieda fil-kost tal-pitravi ħelwa u l-elettriku, bħala kawża possibbli ta' dannu.

(305) Kif stipulat fil-premessa (269), il-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdied minħabba żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u l-materja prima bħall-pitrava ħelwa, l-ammonijaka, jew is-sulfat tal-ammonju. F'ċirkostanzi normali tas-suq, il-manifatturi jistgħu jirriflettu żidiet tal-kostijiet fil-prezzijiet tal-bejgħ tiegħu. Fl-2021, l-industrija tal-Unjoni setgħet sa ċertu punt iżżid il-prezzijiet tagħha b'reazzjoni għaż-żieda fil-kost tal-produzzjoni. Madankollu, fl-2022 u matul il-perjodu ta' investigazzjoni, minħabba l-livell baxx ħafna tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet miċ-Ċina u anki t-tnaqqis qawwi tagħhom fil-perjodu ta' investigazzjoni, kif irrapportat fit-Tabella 4, dan ma kienx għadu possibbli. Għaldaqstant, sa ċertu punt mhijiex iż-żieda fil-kostijiet, iżda, minħabba l-preżenza massiva fis-suq tal-importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi miċ-Ċina nnegozjati b'mod inġust, l-inabbiltà tal-industrija tal-Unjoni li tirrifletti b'mod preċiż dawn iż-żidiet fil-kostijiet fil-prezzijiet tal-bejgħ tagħha li kkawżaw dannu.

(306) Is-CESFAC, Pintaluba, Vall Companys u s-CCCMC iddikjaraw li d-dannu huwa parzjalment ikkawżat mit-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni tal-liżina.

(307) It-Tabella 2 tikkonferma li matul il-perjodu kkunsidrat, il-konsum tal-liżina naqas b'55 000 – 60 000 tunnellata jew bi 11 %. Madankollu, filwaqt li l-konsum naqas, l-importazzjonijiet Ċiniżi żdiedu b' 25 000 tunnellata matul l-istess perjodu. B'konsegwenza ta' dan, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni, li kien ta' 10,7 % fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat, niżel għal taħt it-2 % fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(308) It-tnaqqis fil-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni proporzjonat mat-tnaqqis fil-konsum kellu jkun madwar 6 000 sa 8 000 tunnellata, filwaqt li issa, minħabba l-iżvilupp oppost tal-importazzjonijiet Ċiniżi, kien jammonta għal 44 500 – 48 000 tunnellata. It-tnaqqis fil-konsum sa ċertu punt ma jistax jitqies bħala sinifikanti.

(309) Is-CESFAC, Pintaluba, Vall Companys u s-CCCMC iddikjaraw ukoll li l-produttur tal-Unjoni kien biddel volum sostanzjali tal-kapaċità tal-produzzjoni minn liżina għal hekk imsejħa "amminoaċidi speċjalizzati" minħabba l-volatilità tas-suq tal-liżina u li l-industrija tal-Unjoni kienet ikkonvertiet 40 000 tunnellata tal-kapaċità installata tal-liżina għal "prodotti ta' speċjalità", bħall-valina, l-arġinina u t-triptofan, u b'hekk irtirat konxjament mis-suq tal-liżina tal-Unjoni.

(310) Kif jidher fit-Tabella 5, il-Kummissjoni nnutat, l-ewwel, li l-kapaċità tal-produzzjoni tal-liżina tal-produttur tal-Unjoni baqgħet stabbli matul il-perjodu tkkunsidrat. Il-prodotti ta' speċjalità huma mmanifatturati minn faċilitajiet awżiljarji mhux relatati mal-produzzjoni tal-liżina. L-industrija tal-Unjoni żiedet il-produzzjoni tal-amminoaċidi speċjalizzati matul il-perjodu kkunsidrat sabiex timmitiga t-telf sostanzjali li ġarrbet fuq il-produzzjoni u l-bejgħ tal-liżina. Il-kapaċità tal-produzzjoni ta' dawn l-amminoaċidi ta' speċjalità hija, madankollu, separata mill-proċess tal-produzzjoni tal-liżina u jenħtieġ li ma titqiesx interkambjabbli. Kif imsemmi fil-premessa (258), l-attività ekonomika prinċipali tal-ilmentatur hija l-produzzjoni tal-liżina. Il-kapaċità tal-produzzjoni tal-amminoaċidi ta' speċjalità hija limitata meta mqabbel mal-kapaċità tal-produzzjoni tal-liżina. Huwa għalhekk probabbli li t-terminazzjoni potenzjali tal-produzzjoni tal-liżina tirriżulta fit-terminazzjoni tal-produzzjoni tal-amminoaċidi ta' speċjalità oħra. Il-Kummissjoni għalhekk qieset li ż-żieda fil-produzzjoni tal-amminoaċidi ta' speċjalità ma tikkontribwixxix għad-dannu.

(311) Is-CESFAC, Pintaluba, Vall Companys u s-CCCMC iddikjaraw li n-nuqqas ta' prestazzjoni ekonomika u finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni bdiet qabel il-perjodu kkunsidrat u laħqet il-qofol tagħha fid-deċiżjoni tal-industrija tal-Unjoni, kmieni fl-2024, biex tapplika għal proċedimenti ta' insolvenza quddiem il-qrati Franċiżi. Huma ddikjaraw li d-diffikultajiet finanzjarji preeżistenti huma riżultati tan-negozju proprju u deċiżjonijiet u strateġiji finanzjarji, b'modi mhux relatati ma' xi pressjoni kompetittiva mill-importazzjonijiet Ċiniżi tal-liżina.

(312) Bi tweġiba għal din il-pretensjoni, il-Kummissjoni l-ewwel innutat li l-pretensjoni ma kinitx issostanzjata peress li ma speċifikatx liema deċiżjonijiet finanzjarji jew kummerċjali ħżiena kienet tieħu l-industrija tal-Unjoni fil-passat li jistgħu jispjegaw id-diffikultajiet tagħha. It-tieni, il-Kummissjoni nnutat li l-manifatturi mhumiex meħtieġa li jkollhom storja reċenti ta' profittabbiltà sabiex ifittxu eżenzjoni permezz ta' miżuri għad-difiża tal-kummerċ. It-tielet, tabilħaqq, diġà fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat, l-industrija tal-Unjoni kienet qed tagħmel telf, kif muri fit-Tabella 11. Mingħajr ma waslet għall-ebda konklużjoni dwar ir-rwol tal-importazzjonijiet Ċiniżi fis-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni f'dik is-sena, il-Kummissjoni madankollu nnutat li l-importazzjonijiet Ċiniżi diġà kellhom preżenza sinifikanti ħafna fl-2020, li kienet tammonta għal sehem mis-suq ta' aktar minn 50 %. Aktar importanti minn hekk, hija nnutat li minn dakinhar 'l hawn, l-importazzjonijiet Ċiniżi komplew jiżdiedu sostanzjalment fis-suq tal-Unjoni filwaqt li l-firxa bejn il-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi żdiedet b'mod drammatiku, minn EUR [125-325]/tunnellata metrika fl-2020 għal EUR [1 097-1 397]/tunnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(313) Fuq dik il-bażi, huwa ċar li s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kif żviluppat fil-perjodu kkunsidrat ma tistax tiġi attribwita għal ġestjoni ħażina. Il-pretensjoni ma ntlaqgħetx.

5.3. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

(314) L-analiżi ta' hawn fuq turi li, waqt li s-suq tal-Unjoni kien qed jonqos, kien hemm żieda kbira fil-volum tal-importazzjonijiet li joriġinaw miċ-Ċina matul il-perjodu kkunsidrat. Il-prezzijiet baxxi tal-importazzjonijiet Ċiniżi li huma l-oġġett ta' dumping żammew lill-industrija tal-Unjoni milli żżid il-prezzijiet tagħha għal livelli sostenibbli, u wasslu għal sitwazzjoni ta' telf kontinwu u li qed jiżdied. Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni tilfet ukoll sehem sinifikanti mis-suq għall-importazzjonijiet Ċiniżi u minħabba t-telf serju tal-bejgħ hija kellha saħansitra twaqqaf temporanjament il-produzzjoni fl-2023. Għalhekk, il-Kummissjoni stabbiliet rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet miċ-Ċina li huma l-oġġett ta' dumping u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(315) Il-Kummissjoni ddistingwiet u sseparat l-effetti tal-fatturi kollha magħrufin fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. L-effett ta' dawn il-fatturi fuq l-iżviluppi negattivi tal-industrija tal-Unjoni, madankollu, ma kienx sinifikanti.

(316) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet f'dan l-istadju li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ikkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni u li l-fatturi l-oħrajn, meqjusa b'mod individwali jew b'mod kollettiv, ma naqqsux ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu materjali. Id-dannu huwa ġenerali u jikkonsisti, fost oħrajn, f'telf ta' produzzjoni, bejgħ, sehem mis-suq, profittabbiltà u impjiegi.

6. **LIVELL TAL-MIŻURI**

(317) Sabiex tiddetermina l-livell tal-miżuri, il-Kummissjoni eżaminat jekk dazju aktar baxx mill-marġni tad-dumping ikunx biżżejjed sabiex jitneħħa d-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping lill-industrija tal-Unjoni.

6.1. **Marġni tad-dannu**

(318) Id-dannu jitneħħa jekk l-industrija tal-Unjoni tkun tista' tikseb profitt fil-mira billi tbigħ bi prezz fil-mira fis-sens tal-Artikoli 7 (2c) u 7 (2d) tar-regolament bażiku.

(319) F'konformità mal-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku, sabiex tistabbilixxi l-profitt fil-mira, il-Kummissjoni qieset il-fatturi li ġejjin: il-livell ta' profittabbiltà qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat, il-livell ta' profittabbiltà meħtieġ biex ikopri l-kostijiet u l-investimenti kollha, ir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) u l-innovazzjoni, u l-livell ta' profittabbiltà mistenni f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Jenħtieġ li tali marġni ta' profitt ma jkunx anqas minn 6 %.

(320) Bħala l-ewwel pass, il-Kummissjoni stabbiliet profitt bażiku li jkopri l-kostijiet sħaħ f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Billi l-industrija tal-Unjoni sofriet telf matul il-perjodu kkunsidrat kollu u d-data tal-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tintuża, il-Kummissjoni stabbiliet marġni ta' profitt raġonevoli ta' 6 %.

(321) L-industrija tal-Unjoni pprovdiet evidenza li l-livell tagħha ta' investimenti, riċerka u żvilupp (R&Ż) u innovazzjoni matul il-perjodu kkunsidrat kienu jkunu ogħla f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Il-Kummissjoni vverifikat din l-informazzjoni abbażi ta' pjanijiet ta' investiment u proġetti posposti. Tabilħaqq, il-pretensjonijiet tal-industrija tal-Unjoni nstabu li kienu ġġustifikati. Sabiex tirrifletti dan fil-profitt fil-mira, il-Kummissjoni kkalkolat id-differenza bejn l-ispejjeż tal-investimenti, tar-R&Ż u tal-innovazzjoni ("IRI") f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni kif ipprovduti mill-industrija tal-Unjoni u vverifikati mill-Kummissjoni u l-ispejjeż reali tal-IRI matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Din id-differenza, espressa bħala perċentwal tal-fatturat, kienet ta' 4,69 %.

(322) Tali perċentwal ta' 4,69 % żdied mal-profitt bażiku ta' 6 % imsemmi fil-premessa (319), li wassal għal profitt fil-mira ta' 10,69 %.

(323) Il-produttur tal-Unjoni ma pproduċiex kwantitajiet sinifikanti tal-prodott ikkonċernat matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Għalhekk, il-kostijiet tal-produzzjoni ma kinux ikkunsidrati xierqa għall-finijiet tal-istabbiliment tal-prezz fil-mira. Dawn il-kostijiet ġew affettwati b'żieda sinifikanti fil-kostijiet fissi unitarji kkawżati mit-telf fil-volum tal-bejgħ (kemm fuq is-swieq domestiċi u dawk tal-esportazzjoni) li ssarfu f'telf tal-volum tal-produzzjoni. Il-produttur tal-Unjoni waqqaf ukoll il-produzzjoni tal-liżina għal 4 xhur fil-perjodu ta' investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni kkunsidrat il-volum tal-produzzjoni fl-2022 (aġġustat għall-indiċi tal-inflazzjoni ta' Diċembru 2023 għal Franza) bħala xieraq għal din l-investigazzjoni.

(324) Fuq din il-bażi, il-prezz medju ponderat li ma jikkawża ebda dannu huwa fil-firxa ta' EUR 2 800 sa 3 300 kull tunnellata, li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-marġni ta' profitt imsemmi hawn fuq ta' 10,69 % għall-kost tal-produzzjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tal-produttur uniku tal-Unjoni.

(325) F'konformità mal-Artikolu 7(2d) tar-Regolament bażiku, bħala pass finali, il-Kummissjoni vvalutat il-kostijiet futuri li jirriżultaw mill-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali, u l-protokolli tagħhom, li l-Unjoni hija parti minnhom, u tal-Konvenzjonijiet tal-ILO elenkati fl-Anness Ia li l-industrija tal-Unjoni se ġġarrab matul il-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżura skont l-Artikolu 11(2). Abbażi tal-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni stabbiliet kost addizzjonali ta' [240-270] EUR/tunnellata. Din id-differenza ġiet miżjuda mal-prezz mhux dannuż imsemmi fil-premessa (324).

(326) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkalkulat prezz li ma jikkawża ebda dannu ta' [3 040-3 570] EUR/tunnellata għall-prodott simili tal-industrija tal-Unjoni billi applikat il-marġni ta' profitt fil-mira msemmi hawn fuq (ara l-premessa (324)) għall-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni u mbagħad jiżdiedu l-aġġustamenti taħt l-Artikolu 7(2d) fuq bażi ta' tip b'tip.

(327) Il-Kummissjoni mbagħad iddeterminat il-livell tal-marġni tad-dannu fuq il-bażi ta' tqabbil tal-prezz medju ponderat tal-importazzjoni tal-produtturi esportaturi fil-kampjun li kkooperaw fil-pajjiż ikkonċernat, kif stabbilit għall-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz, mal-prezz medju ponderat li ma jikkawża ebda dannu tal-prodott simili mibjugħ mill-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Kwalunkwe differenza li tirriżulta minn dan it-tqabbil ġiet espressa bħala persentaġġ tal-valur CIF medju ponderat tal-importazzjoni.

(328) Il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu għal "kumpaniji li kkooperaw oħra" u għal "l-importazzjonijiet l-oħra kollha li joriġinaw miċ-Ċina" huwa ddefinit bl-istess mod bħall-marġni tad-dumping għal dawn il-kumpaniji u l-importazzjonijiet (ara t-Taqsima 3.3. hawn fuq).

6.2. **Kalkolu**

Kumpanija	Marġni tad-dumping (%)	Marġni tad-dannu (%)
Meihua Group: — Jilin Meihua Amino Acid Co., Ltd — Xinjiang Meihua Amino Acid Co., Ltd — Meihua Holdings Group., Ltd — Meihua International Trading (Hong Kong) Limited	84,8	158,9
Eppen Group — Heilongjiang Eppen Biotech Co., Ltd — Eppen Asia Pte. Ltd.	58,3	155,9
Kumpaniji oħra li kkooperaw	71,6	157,5
L-importazzjonijiet l-oħra kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	84,8	158,9

7. **INTERESS TAL-UNJONI**

(329) Wara li ddeċidiet li tapplika l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk setgħetx tikkonkludi b'mod ċar li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li tadotta miżuri f'dan il-każ, minkejja d-determinazzjoni ta' dumping dannuż, f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku.

(330) Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tal-interessi varji kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi u tal-utenti.

7.1. **Interess tal-industrija tal-Unjoni**

(331) L-uniku produttur tal-liżina fl-Unjoni li ressaq l-ilment, ikkoopera għal kollox fl-investigazzjoni u esprima l-interess tiegħu għall-impożizzjoni tal-miżuri.

(332) L-investigazzjoni wriet li l-produttur tal-Unjoni qed isofri dannu materjali kkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat. Dawn l-importazzjonijiet eżerċitaw tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet, u ġiegħel lill-industrija tal-Unjoni tbigħ b'telf. B'riżultat ta' dan, l-industrija tal-Unjoni kienet qed tagħmel telf sinifikanti. L-importazzjonijiet Ċiniżi għadhom irħas sew mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, u ż-żieda fil-volum ta' dawn l-importazzjonijiet ikkawżat telf sinifikanti tal-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u s-sehem mis-suq.

(333) L-impożizzjoni ta' miżuri x'aktarx li tipprevjeni żieda ulterjuri ta' importazzjonijiet miċ-Ċina bi prezzijiet baxxi ħafna u tippermetti lill-industrija tibda l-proċess ta' rkupru tagħha. Minħajr miżuri, il-produtturi Ċiniżi se jkomplu jwettqu dumping tal-prodott ikkonċernat fis-suq tal-Unjoni u mhux se jieħu ħafna żmien qabel ma l-industrija tal-Unjoni tkun tista' tieqaf topera.

(334) Peress li l-industrija tal-Unjoni tista' tforni biss madwar 20 % tal-konsum tal-Unjoni, wara l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji anti-dumping, huwa mistenni li l-importazzjonijiet Ċiniżi lejn l-Unjoni se jkomplu, iżda l-volumi tal-bejgħ u l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni se jiżdiedu, u b'hekk tittejjeb il-profittabbiltà u l-indikaturi finanzjarji l-oħra ta' din l-industrija u jiġi evitat l-għeluq.

(335) Għalhekk ġie konkluż li l-impożizzjoni ta' miżuri kontra ċ-Ċina tkun fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

7.2. **Interess ta' importaturi mhux relatati**

(336) Tliet importaturi kkooperaw mal-investigazzjoni billi pprovdew tweġiba għall-kwestjonarju. Flimkien, kienu jammontaw għal 26 % tal-importazzjonijiet tal-liżina miċ-Ċina.

(337) Andres Pintaluba S.A, esprima tħassib dwar l-adozzjoni ta' miżuri anti-dumping fuq importazzjonijiet tal-liżina miċ-Ċina li toħloq riskju serju ta' skarsezza tal-provvista fis-suq tal-UE u ppreżenta evidenza ta' skarsezza tal-provvista tal-liżina likwida tal-passat fit-tul u persistenti, esperjenzata qabel id-dħul fis-suq tal-forniturі Ċiniżi tal-liżina.

(338) Il-Kummissjoni kkjarifikat li l-fini tad-dazji anti-dumping mhuwiex li jagħlaq is-suq tal-Unjoni għall-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat, iżda pjuttost li jiġu ttrattati prattiki inġusti tas-suq u jiġu restawrati l-kundizzjonijiet ekwi, preċiżament li jippermettu l-funzjonament normali tas-suq. Il-produttur tal-Unjoni u l-produtturi esportaturi ta' pajjiżi terzi mhux Ċiniżi x'aktarx li ma jkunux jistgħu jfornu bis-sħiħ is-suq tal-Unjoni. Bil-pożizzjoni dominanti tal-produtturi esportaturi Ċiniżi, u l-pożizzjoni globali li qed tonqos ta' produtturi ta' pajjiżi terzi oħra, il-miżuri anti-dumping se jżidu l-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni u jirrestawraw kundizzjonijiet ekwi, mingħajr ma jimblukkaw l-importazzjonijiet Ċiniżi. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ċaħdet l-argumenti ta' hawn fuq bħala infondati.

(339) Barentz, CESFAC, Pintaluba u Vall Companys iddikjaraw ukoll li l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping tkun ukoll kuntrarja għall-interess tal-Unjoni għal raġunijiet ambjentali, peress li ż-żieda fil-prezz tal-liżina toħloq inċentiv għall-premixxeli u komposti tal-għalf biex jaġġustaw it-taħlita ta' materjali tal-għalf u addittivi sabiex jiżdied il-proporzjon ta' alternattivi orħos u rikki fil-proteini, bħas-sojja u l-addittivi tal-għalf tal-proteini mhux raffinati.

(340) Il-pretensjoni ma ntlaqgħetx peress li l-Kummissjoni nnutat li r-rata ta' inklużjoni tas-sojja u tal-addittivi tal-għalf tal-proteini mhux raffinat fid-dieti tal-għalf hija ddeterminata primarjament mill-prezz ta' din il-materja prima, u l-fatturi ewlenin tal-varjazzjoni fil-prezz (il-kwantità tal-ħsad, il-fluttwazzjoni bejn l-EUR u l-USD, ir-rata tal-merkanzija) huma indipendenti mill-prezz tal-liżina.

7.3. **Interess tal-utenti**

(341) Utent wieħed ippreżenta ruħu fl-investigazzjoni u pprovda tweġiba għall-kwestjonarju. Dik il-kumpanija, il-Grupp Vall Companys, hija attiva fis-suq tal-għalf tal-annimali, wieħed mit-tliet swieq prinċipali tal-liżina. Hija kienet tirrappreżenta inqas minn 5 % tal-liżina importata miċ-Ċina fil-perjodu ta' investigazzjoni. Il-Grupp Vall Companys ingħata seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u saret verifika fuq il-post tat-tweġiba tiegħu għall-kwestjonarju.

(342) Il-Grupp Vall Companys iddikjara li l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping tirriżulta f'(i) żieda sinifikanti fil-kost tal-għalf tal-annimali u prodotti downstream oħra fl-Unjoni, (ii) toħloq riskju serju ta' nuqqas ta' provvista tal-liżina, (iii) iddgħajjef b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni fis-suq tal-Unjoni, filwaqt li toħloq kundizzjonijiet għal imġiba antikompetittiva, u (iv) timmina l-politika ambjentali tal-Unjoni.

(343) Fir-rigward tal-ewwel punt, Vall Companys iddikjara li l-liżina tirrappreżenta madwar [0 %-10 %] tal-kostijiet għall-produzzjoni tal-għalf tal-annimali. L-utent spjega wkoll li l-kost tal-għalf tal-annimali jirrappreżenta madwar 65 % mill-kostijiet tal-produzzjoni tal-prodotti tal-majjal u t-tjur, waqt li huwa kkalkulat li l-liżina tirrappreżenta bejn wieħed u ieħor [0 %-5 %] tal-kost għall-produzzjoni tal-prodotti tal-majjal u t-tjur. L-utent iddikjara li l-parti tal-kostijiet tal-produzzjoni hija sinifikanti meta titqies in-natura tal-industrija tal-laħam u l-fatt li l-prodotti tal-majjal u t-tjur jinbiegħu fis-swieq tal-komoditajiet b'marġni baxxi. Għalhekk, kwalunkwe żieda fil-kostijiet tal-liżina se taffettwa b'mod sproporzjonat il-profitt tal-produtturi tal-laħam u/jew se jkollha impatt negattiv fuq il-konsumaturi fil-forma ta' prezzijiet oġħla tal-prodotti tal-laħam.

(344) Il-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-miżuri anti-dumping ikollhom impatt fuq il-prezz tal-liżina. Madankollu, kif ippreżentat mill-Eurolysine ([132]), fir-rigward tal-użu għall-produzzjoni tal-għalf tal-annimali, il-komponenti tan-nutrizzjoni fl-għalf tal-annimali jintgħażlu skont il-kontribut nutrittiv tagħhom għall-għalf u l-prezz tagħhom. Peress li l-industrija tuża mudelli matematiċi "prinċipju tal-formulazzjoni tal-inqas kost", il-kompożizzjoni tal-għalf tinbidel f'konformità mad-disponibbiltà u l-prezz. Bidla fil-prezzijiet tal-materja prima tal-għalf tal-annimali matul iż-żmien għandha impatt ta' bejn wieħed u ieħor 15 % fuq il-prezzijiet tal-formuli tal-għalf, filwaqt li l-impatt tal-prezz tal-liżina huwa ta' 2 %. Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni qieset li l-impatt tal-miżuri anti-dumping fuq il-produtturi tal-għalf tal-annimali se jkun limitat.

(345) Fir-rigward tat-tieni punt, dan huwa diġà indirizzat fil-premessa (338) hawn fuq. Il-Kummissjoni nnutat ukoll li, fir-rigward tar-riskju ta' mġiba antikompetittiva fis-suq tal-Unjoni, l-eżistenza kontinwa tal-industrija tal-Unjoni, minbarra l-provvista mill-pajjiż ikkonċernat u sorsi oħra, hija garanzija aktar milli theddida għal suq kompetittiv. Fir-rigward tal-pretensjoni li l-miżuri jimminaw il-politika ambjentali tal-Unjoni, din hija indirizzata fil-premessa (340) hawn fuq.

(346) Vall Companys Group opponiet ukoll l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping peress li beżgħet li jista' jkollha riperkussjonijiet fuq l-aċċess għas-suq Ċiniż għall-esportazzjoni tal-qatgħat tal-majjal prodotti fi Spanja, li hija qieset bħala attività ekonomika importanti. Madankollu, ma setgħetx tissostanzja l-pretensjoni li, għalhekk, ma ntlaqgħetx.

(347) Fin-nuqqas ta' aktar informazzjoni pprovduta mill-utenti, fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa konkluż b'mod proviżorju li l-impożizzjoni ta' kwalunkwe miżura anti-dumping x'aktarx li ma taffettwax serjament is-sitwazzjoni tal-utenti.

7.4. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(348) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kien hemm ebda raġuni konvinċenti li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li jiġu imposti miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-liżina li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina f'dan l-istadju tal-investigazzjoni.

8. **MIŻURI ANTI-DUMPING PROVIŻORJI**

(349) Abbażi tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni fir-rigward tad-dumping, tad-dannu, tal-kawżalità, tal-livell tal-miżuri u tal-interess tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu imposti miżuri proviżorji sabiex jiġi evitat dannu ulterjuri lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

(350) Jenħtieġ li l-miżuri anti-dumping proviżorji jiġu imposti fuq l-importazzjonijiet tal-liżina li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, f'konformità mar-regola ta' dazju inqas fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni qabblet il-marġnijiet tad-dannu u l-marġnijiet tad-dumping (it-taqsima (6.2) ta' hawn fuq). L-ammont tad-dazji ġie stabbilit fil-livell l-aktar baxx tal-marġni tad-dumping u l-marġni tad-dannu.

(351) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, jenħtieġ li r-rati tad-dazju anti-dumping proviżorji, espressi fuq il-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju doganali mhux imħallas, ikunu kif ġej:

Kumpanija	Dazju anti-dumping proviżorju (%)
Meihua Group: — Jilin Meihua Amino Acid Co., Ltd — Xinjiang Meihua Amino Acid Co., Ltd — Meihua Holdings Group., Ltd — Meihua International Trading (Hong Kong) Limited	84,8
Eppen Group: — Heilongjiang Eppen Biotech Co., Ltd — Eppen Asia Pte. Ltd.-	58,3

([132]) In-numru ta' referenza Tron: t24.010168.

Kumpanija	Dazju anti-dumping proviżorju (%)
Kumpaniji oħra li kkooperaw elenkati fl-Anness	71,6
L-importazzjonijiet l-oħra kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	84,8

(352) Ir-rati tad-dazju anti-dumping tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għaldaqstant, dawn jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabet matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Dawn ir-rati ta' dazju huma esklużivament applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-pajjiż ikkonċernat u li huwa mmanifatturat mill-entitajiet legali msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li jiġi prodott minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi entitajiet relatati ma' dawk imsemmija speċifikament, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"importazzjonijiet l-oħra kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina". Jenħtieġ li ma jkunu soġġetti għall-ebda waħda mir-rati individwali tad-dazju anti-dumping.

(353) Sabiex jiġu mminimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati tad-dazju, huma meħtieġa miżuri speċjali biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali. L-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali hija applikabbli biss mal-preżentazzjoni ta' fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. Sakemm tiġi ppreżentata din il-fattura, l-importazzjonijiet jenħtieġ li jkunu soġġetti għad-dazju anti-dumping applikabbli għall-"importazzjonijiet l-oħra kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina".

(354) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa biex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali fuq l-importazzjonijiet, din mhijiex l-uniku element li għandu jitqies mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anke jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tkun tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jeħtiġilhom jwettqu l-kontrolli tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħra kollha, jirrikjedu dokumenti addizzjonali (dokumenti dwar it-trasport fuq l-ilma, eċċ.) sabiex ikunu jistgħu jivverifikaw l-akkuratezza tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u biex jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata tad-dazju aktar baxxa tkun iġġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

(355) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'ċirkostanzi bħal dawn u dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, tista' tinbeda investigazzjoni antiċirkomvenzjoni. Din l-investigazzjoni tista', fost l-oħrajn, teżamina l-ħtieġa tat-tneħħija ta' rata(i) tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

9. **REĠISTRAZZJONI**

(356) Kif imsemmi fil-premessa (3), il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat soġġetti għal reġistrazzjoni. Ir-reġistrazzjoni saret bil-għan li possibbilment jinġabru d-dazji b'mod retroattiv f'konformità mal-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku.

(357) Fid-dawl tas-sejbiet fl-istadju proviżorju, jenħtieġ li r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet ma titkompliex.

(358) F'dan l-istadju tal-proċediment ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni dwar l-applikazzjoni retroattiva possibbli ta' miżuri anti-dumping.

10. **INFORMAZZJONI FL-ISTADJU PROVIŻORJU**

(359) F'konformità mal-Artikolu 19a tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati dwar l-impożizzjoni ppjanata ta' dazji proviżorji. Din l-informazzjoni ġiet magħmula disponibbli wkoll għall-pubbliku ġenerali fuq is-sit web tad-DĠ TRADE. Il-partijiet interessati ngħataw 3 ijiem ta' xogħol sabiex jipprovdu kummenti dwar l-akkuratezza tal-kalkoli ddivulgati b'mod speċifiku lilhom.

(360) Waslu kummenti mingħand Eppen u Meihua. Il-kummenti li waslu, madankollu, ma kinux jikkonċernaw il-preċiżjoni tal-kalkoli, iżda pjuttost il-metodoloġiji użati mill-Kummissjoni biex tiddetermina l-marġnijiet tad-dumping rispettivi. Għalhekk, dawk il-kummenti se jiġu kkunsidrati, flimkien mas-sottomissjonijiet l-oħra kollha, wara l-pubblikazzjoni tal-miżuri proviżorji.

11. **DISPOŻIZZJONI FINALI**

(361) Fl-interessi ta' amministrazzjoni tajba, il-Kummissjoni se tistieden lill-partijiet interessati jippreżentaw kummenti bil-miktub u/jew jitolbu seduta mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Smigħ fil-proċeduri kummerċjali fi żmien skadenza fissa.

(362) Is-sejbiet li jikkonċernaw l-impożizzjoni ta' dazji proviżorji huma proviżorji u jistgħu jiġu emendati fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju anti-dumping proviżorju huwa impost fuq importazzjonijiet ta' liżina u l-esteri tagħha, l-imlieħ tagħhom, u addittivi tal-għalf, li jikkonsisti f'bażi ta' piż xott ta' 68 % jew aktar, iżda mhux aktar minn 80 % ta' sulfat tal-L-liżina, u mhux aktar minn 32 % ta' komponenti oħra bħall-karboidrati u amminoaċidi oħra, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 2309 90 31, ex 2309 90 96, u 2922 41 00 (il-kodiċijiet TARIC: 2309 90 31 41, 2309 90 31 49, 2309 90 96 41, 2309 90 96 49) u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Ir-rati tad-dazju anti-dumping proviżorju applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-punt 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandhom ikunu kif ġejjin:

Kumpanija	Dazju anti-dumping proviżorju (%)	Kodiċi addizzjonali TARIC
GruppMeihua: — Jilin Meihua Amino Acid Co., Ltd. — Xinjiang Meihua Amino Acid Co., Ltd. — Meihua Holdings Group., Ltd. — Meihua International Trading (Hong Kong) Limited	84,8	89IE
Eppen Group: — Heilongjiang Eppen Biotech Co., Ltd. — Eppen Asia Pte. Ltd.	58,3	89IF
Kumpaniji oħra li kkooperaw elenkati fl-Anness	71,6	
L-importazzjonijiet l-oħra kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	84,8	8999

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-punt 2 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu u l-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: *"Jiena, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum f'tunnellati) tal-liżina mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (isem u indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Jiena niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija kompluta u korretta."* Sakemm tiġi ppreżentata fattura bħal din, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-importazzjonijiet l-oħra kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

4. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni tal-prodott imsemmi fil-punt 1 għandu jkun soġġett għall-għoti ta' depożitu ta' garanzija ekwivalenti għall-ammont tad-dazju proviżorju.

5. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

1. Il-partijiet interessati għandhom jippreżentaw il-kummenti tagħhom bil-miktub dwar dan ir-Regolament lill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum kalendarju mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Il-partijiet interessati li jixtiequ jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni għandhom jagħmlu dan fi żmien 5 ijiem kalendarji mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Il-partijiet interessati li jixtiequ jitolbu seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta fi proċedimenti kummerċjali huma mistiedna jagħmlu dan fi żmien 5 ijiem kalendarji mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-Uffiċjal tas-Seduta jista' jeżamina t-talbiet li jiġu ppreżentati barra dan il-limitu ta' żmien u jista' jiddeċiedi jekk jaċċettax tali talbiet jekk ikun xieraq.

Artikolu 3

1. L-awtoritajiet doganali b'dan qed jingħataw id-direttiva li jwaqqfu r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet stabbilita f'konformità mal-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2732 tal-24 ta' Ottubru 2024.

2. Id-data miġbura dwar prodotti li daħlu fl-UE għall-konsum mhux aktar minn 90 jum qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandha tinżamm sad-dħul fis-seħħ ta' miżuri definittivi possibbli, jew it-tmiem ta' dan il-proċediment.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1 għandu japplika għal perjodu ta' 6 xhur.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Jannar 2025

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

PRODUTTURI ESPORTATURI LI KKOOPERAW FIR-REPUBBLIKA TAL-POPLU TAĊ-ĊINA MHUX FIL-KAMPJUN

Isem	Kodiċi addizzjonali TARIC
Anhui BBCA Biochemical Co., Ltd.	
CJ (Liaocheng) Biotech Co., Ltd.	
Dongxiao Biotechnology Co., Ltd.	
Qiqihar Longjiang Fufeng Biotechnology Co., Ltd.	